Sliema li dehru tant viċin ir-rebħa, kellhom jistennew sa l-għoti tal-penalties biex iserrħu rashom. Dan huwa l-ewwel unur mirbuħ minn Sliema taħt il-presidenza ta' Steve Abela, bl-appoġġ minn Robert Arrigo, l-ex president, kien kontinwu tul il-logħba kollha.

Ir-ritmu kien wieħed tajjeb, bil-ballun kontinwament tiela' u niżel, b'Valletta jkunu xi ftit aktar avventurużi minn Sliema fil-fażi offensiva.

Wara li sal-mistrieħ l-iskor kien għadu ma nfetaħx, mal-ftuħ tat-tieni taqsima, Valletta marru fil-vantaġġ.

Kien Njongo Priso li ħarab in-nasba tal-offside, avvanza u meta kien waħdu quddiem Agius, b'xutt preċiż fil-baxx sab ix-xibka. Iżda l-ferħ tal-plejer Belti malajr għadda għaliex hekk kif resaq lejn nofs il-ground sab jistennih lir-referee Lautier li pront urieh it-tieni karta safra u dan wara li biex jifraħ deher jgħolli l-flokk. Karta li kienet tfisser tkeċċija, biex Valletta spiċċaw jilgħabu b'għaxar plejers. Ir-reazzjoni ta' Sliema kienet immedjata, tant li fl-ewwel azzjoni wara l-goal Belti, irnexxielhom iġibu l-goal tad-draw. Kienet azzjoni fil-kaxxa Beltija, il-ballun kien imtajjar minn difensur Belti, mattar saqajh Alex Muscat, ħa l-ballun u mill-viċin b'xutt fil-baxx għeleb lil Hogg għal skor ta' 1-1. Alex Muscat reġa' kien protagonista meta ftit wara rċieva ballun fit-tul u mingħajr ma qagħad jaħsiba xxutja xutt sabiħ li daħal fir-rokna tax-xibka, b'Hogg megħlub. Fit-80 minuta Sliema għalqu l-logħba, jew ħasbu li kienu għalqu l-logħba. Ivan Woods rebaħ kuntrast fl-arja ma' Edmond Agius, avvanza waħdu u bil-kalma kollha meta quddiem Hogg dendel il-ballun li qabeż lill-istess goalkeeper u spiċċa fix-xibka. Iżda l-impossibli seħħ u fit-92 minuta Valletta naqqsu d-distakk meta Gilbert Agius b'daqqa ta' ras mill-viċin għeleb lis-sostitut Bonello fil-lasta avversarja u ħalla tama żgħira fost il-Beltin. Tama li saret realtà hekk kif fl-aħħar azzjoni






Il-plejers Slimiżi jirċievu t-trofew quddiem il-partitarji tagħhom



Henry Bonello (Sliema) jidher isalva x-xutt ta' Gilbert Agius (Valletta)



Branco Nisevic (Sliema) jwaqqaf lil Gilbert Agius (Valletta)



Simon Agius (Sliema) jidher isalva x-xutt minn penalty ta' Sebastian Monesterolo (Valletta)

ddisprata Beltija, Dyson Falzon tefa' cross fil-kaxxa, difensur xellef il-ballun li ħabat ma' sieq il-lasta u mir-rebound l-Arġentin, Sebastian Monesterolo kien pront u spara fix-xibka. Il-partitarji Beltin li kienu għoddhom telqu, ġrew ġirja twila u nfexxew f'kant li ma waqafx.

Intant ingħata bidu għall-ħin barrani u fl-ewwel azzjoni Jamie Pace falla ċans faċli ta' skor meta mill-viċin ma laħaqx il-ballun. Fil-ħin barrani ma nbidel xejn, l-iskor baqa' l-istess, biex kellhom ikunu l-penalties li jiddeċiedu t-tim rebbieħ. Biex hawn hekk il-protagonista spiċċa kien Henry Bonello, li salva l-ewwel żewġ penalties tal-Beltin u finalment kien kruċjali biex is-Slimiżi ħarġu rebbieħa. L-aħħar xutt mill-ħdax –il metru ta' Ivan Woods kien ifisser kollox u l-plejer internazzjonali Malti ma falliex u s-Slimiżi kisbu suċċess li ftit kienu jaħsbu li setgħu jiksbu.

**Sliema Wanderers ..............3**
**Valletta ...............................3**

**(Sliema W. 4-3 bil-penalties)**

**SLIEMA W.:** Simon Agius, (Henry Bonello 90) Alex Muscat (John Mintoff 82), Ian Azzopardi, Branco Nisevic, Mark Scerri, Matthew Bartolo, Jeffrey Chetcuti, Ivan Woods, Lucian Dronca (Noel Turner 75), Ian Ciantar, Roderick Bajada
**VALLETTA:** Andrew Hogg, Justin Grioli (Dyson Falzon 71), Kenneth Scicluna, Luke Dimech, Steve Bezzina, Gilbert Agius, Jamie Pace, Priso Doding, Roderick Briffa, Ian Zammit (Edmond Agius 57), Sebastian Monesterolo (Stefan Giglio 114)
**Referee:** Chris Lautier
**Assistenti:** Joe Camilleri, Ingmar Spiteri
**Raba' Uffiċjal:** Clayton Pisani
**Skorers:** A. Muscat 53, 59, I. Woods 80 (SW), P. Doding 49, G. Agius 93, S. Monesterolo 95 (V)
**Ammoniti:** I. Azzopardi, J. Chetcuti, J. Mintoff, I. Ciantar (SW), P. Doding, I. Zammit, L. Dimech, J. Pace (V)
**Tkeċċew:** P. Doding 50 (V); J. Chetcuti 119 (SW)

**Għoti tal-Penalties:**
**Sliema W.** - Skurjaw - N. Turner, M. Scerri, B. Nisevic, I. Woods; Fallut - R. Bajada
**Valletta** - Skurjaw - S. Giglio, D. Falzon, J. Pace; Falluti - G. Agius, S. Bezzina

## Ir-rebbieħa kollha tal-F.A. Trophy

| | | |
|---|---|---|
| 1935 Sliema W. | 1963 Sliema W. | 1987 Ħamrun S. |
| 1936 Sliema W. | 1964 Valletta | 1988 Ħamrun S. |
| 1937 Sliema W. | 1965 Sliema W. | 1989 Ħamrun S. |
| 1938 Floriana | 1966 Floriana | 1990 Sliema W. |
| 1939 Melita | 1967 Floriana | 1991 Valletta |
| 1940 Sliema W. | 1968 Sliema W. | 1992 Ħamrun S. |
| 1945 Floriana | 1969 Sliema W. | 1993 Floriana |
| 1946 Sliema W. | 1970 Hibernians | 1994 Floriana |
| 1947 Floriana | 1971 Hibernians | 1995 Valletta |
| 1948 Sliema W. | 1972 Floriana | 1996 Valletta |
| 1949 Floriana | 1973 Gżira U. | 1997 Valletta |
| 1950 Floriana | 1974 Sliema W. | 1998 Hibernians |
| 1951 Sliema W. | 1975 Valletta | 1999 Valletta |
| 1952 Sliema W. | 1976 Floriana | 2000 Sliema W. |
| 1953 Floriana | 1977 Valletta | 2001 Valletta |
| 1954 Floriana | 1978 Valletta | 2002 Birkirkara |
| 1955 Floriana | 1979 Sliema W. | 2003 Birkirkara |
| 1956 Sliema W. | 1980 Hibernians | 2004 Sliema W. |
| 1957 Floriana | 1981 Floriana | 2005 Birkirkara |
| 1958 Floriana | 1982 Hibernians | 2006 Hibernians |
| 1959 Sliema W. | 1983 Ħamrun S. | 2007 Hibernians |
| 1960 Valletta | 1984 Ħamrun S. | 2008 Birkirkara |
| 1961 Floriana | 1985 Żurrieq | 2009 Sliema W. |
| 1962 Hibernians | 1986 Rabat A. | |


NO PARKING PROBLEMS!

›PARK & SAVE CARD
A PARK AND SAVE CARD OFFERS YOU SUBSTANTIAL DISCOUNT. THE CARD IS LOADED WITH €50 OFFERING A 20% DISCOUNT DURING WEEKDAYS.
WHEN THE €50 ARE EXHAUSTED JUST TOP UP AGAIN.

›CONTRACT CARD
A CONVENIENT AND CHEAPER METHOD OF PAYMENT FOR CUSTOMERS THAT REGULARLY USE THE PORTOMASO CAR PARK. YOU COULD BE SAVING UP TO 20% ON YOUR PARKING BY PURCHASING A CONTRACT CARD FOR MORE THAN ONE YEAR.

›WEEKEND PRE PAY DISCOUNT
THIS IS A QUICK AND MORE CONVENIENT WAY TO PAY FOR PARKING WITHIN THE PORTOMASO CAR PARK.
AVOIDING HAVING TO QUEUE UPON YOUR RETURN TO YOUR VEHICLE, BENEFIT FROM 8% DISCOUNT ON STANDARD TARIFF RATE.

*TERMS AND CONDITIONS APPLY





PORTOMASO
CAR PARK
Portomaso Car Park • Level -2
T: 2310 3503 • E: portomasocarpark@tumas.com




Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com


F. A. TROPHY
U*BET
Rebbieħa tal-U*BET F.A. Trophy
2008 - 2009
SPORTIV
SLIEMA
WANDERERS F.C.
Slierna Wanderers F.C.

# TEMPORARY **EUROSPORT** STORE

## AT EX-*DE TIGNE COMPLEX*, SLIEMA (NEAR BURGER KING)

ALSO INCORPORATING **BATA**, **FERGI** & **HOME LIVING DECOR**

# NOW OPEN







adidas | Reebok | SKECHERS | Kappa | ROBE DI KAPPA | adidas

HEAD | Cressi | Bata | Fergi | homelivingdecor

furniture | lighting | garden | floral | gifts | paintings







***A COMPREHENSIVE RANGE OF PRODUCTS FOR OUR ESTEEMED CUSTOMERS***
***FOR ENQUIRIES KINDLY CALL US ON 2385 9259***

# Dingli S. u Vittoriosa S. promossi

BOV 1st Div. League
BOV Bank of Valletta your Success, our Goal

## Rabat A. u Senglea A. relegati għall-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni

**L-EWWEL DIVIŻJONI**

| Data | Logħba | Riżultat | Skorers |
|---|---|---|---|
| 25-Apr | Mqabba vs Dingli S. | 3-0 | Claudio Calleja (2), Mead Mifsud |
| 25-Apr | Pieta' H. vs Vittoriosa S. | 0-3 | Kenneth Abela (3) |
| 26-Apr | St.George' s vs Mosta | 1-0 | Glenn Bonello |
| 26-Apr | Rabat A. vs Senglea A. | 2-0 | Adam Smeir, Vilson Caushi |
| 02-Mej | St.Patrick vs Mqabba | 1-1 | Thomas Caruana (SP); Claudio Calleja (M) |
| 02-Mej | Dingli S. vs San Gwann | 2-2 | Etienne Farrugia (2) (D); Firaz Aboulezz, Steve Pisani (S) |
| 03-Mej | Mosta vs Pieta' H. | 1-3 | Simon Shead, Martin Deanov (2) (P); Adrian Borg (M) |
| 03-Mej | Vittoriosa S. vs Rabat A. | 5-2 | Anthony Eviparker (2), Kenneth Abela, Lucian Scerri, o.g. (V); Joseph Caruana, Adam Smeir (R) |
| 09-Mej | Mqabba vs St.George' s | 4-4 | John Nwomba, Lee Grima, Emerson Amaira, o.g. (S); Shawn Magro (2), David Azzopardi, Claudio Calleja (M) |
| 09-Mej | Senglea A. vs Dingli S. | 0-5 | Jason Cachia, Ryan Mintoff, Uchenna Anywanna, Chris Ciappara, Kurt Formosa |
| 10-Mej | San Gwann vs St.Patrick | 4-1 | Sergio Hili, Roberto Brincat (2), Steve Pisani (SG); Ilyad Scicluna (SP) |
| 10-Mej | Mosta vs Vittoriosa S. | 0-2 | Anthony Eviparker, Stephen Calleja |
| 16-Mej | Pieta' H. vs Mqabba | 2-1 | Quelin Refalo, Martin Deanov (P); Michael Borg Olivier (M) |
| 16-Mej | Dingli S. vs Rabat A. | 4-1 | Uchenna Anywanna (2), Chris Ciappara (2) (D); Adam Smeir (R) |
| 17-Mej | St.George' s vs San Gwann | 7-2 | John Nwomba (3), Clint Schiavone, Mark Gauci (2), Glenn Bonello (STG); Ryan Zammit, Roberto Brincat (SGN) |
| 17-Mej | St.Patrick vs Senglea A. | 3-2 | Gary Inguanez, Peter Anizoba, Beppe Muscat (SP); Ibrahim Tarek (2) (S) |
| **Championship Decider** | | | |
| 19-Mej | Dingli S. vs Vittoriosa S. | 2-1 | Ryan Mintoff, Uchenna Anywanna (D); Anthony Eviparker (V) |



Vittoriosa Stars F.C.

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dingli Swallows | 18 | 10 | 4 | 4 | 35 | 18 | 34 |
| Vittoriosa Stars | 18 | 10 | 4 | 4 | 34 | 21 | 34 |
| Pieta' Hotspurs | 18 | 9 | 6 | 3 | 36 | 25 | 33 |
| St.George' s | 18 | 8 | 3 | 7 | 34 | 32 | 27 |
| St. Patrick | 18 | 7 | 6 | 5 | 24 | 24 | 27 |
| Mqabba | 18 | 5 | 9 | 4 | 28 | 24 | 24 |
| Mosta | 18 | 6 | 4 | 8 | 20 | 22 | 22 |
| San Gwannn | 18 | 6 | 4 | 8 | 31 | 38 | 22 |
| Rabat Ajax | 18 | 5 | 2 | 11 | 20 | 36 | 17 |
| Senglea Athletic | 18 | 2 | 2 | 14 | 18 | 40 | 8 |

# Lija A. ifallu u Melita A. isegwu lil Balzan Y. fl-Ewwel Diviżjoni

BOV 2nd Div. League
BOV Bank of Valletta your Success, our Goal



Plejers ta' Balzan Youths jifirħu kontra Mgarr United



Peter Fenech, Viċi President tal-MFA, jippreżenta t-trofew lil captain ta' Balzan Y.

# Umbro tailored by England



When Fabio Capello was appointed as England's new manager in December 2007, a flurry of profiles appeared in the British media, offering a variety of explanations for his enormous success as a motivator of men. Two aspects of the Capello approach were recurring: his reputation as a disciplinarian, and his almost obsessive attention to detail.

Class and style are interwoven in the Capello system. Indeed, one of his first acts in the job was to take charge of the players' off-pitch outfits, making an early statement by insisting on smart suits when on England duty.

This interview coincides with the release of a new England kit. Like the current England side at its best, the new kit achieves that enviable balance between style and performance, marrying cutting-edge technology with a classic look.

"Myself and Franco Baldini were involved in this project, aimed at revisiting the England kit traditions and heritage in a contemporary concept," explains the manager. "In practical terms we have provided an input for every detail of the kit, according to our professional experience and perceptions. The quality of textile and other materials is of the utmost importance: it is fundamental for the body to perspire freely."

The aspect of the new kit that will provoke most attention, particularly in relation to Capello's involvement, is the colour. England will now play in all white, as opposed to the white shirts and blue shorts of old.

In fact the colour change was the Umbro designers' idea, inspired by an image of legendary captain Bobby Moore leading England into the 1966 World Cup quarter final against Argentina.

"In my mind England is always pictured wearing white," he says. "I know they won the World Cup 1966 in red, and my England team have played the first game in red, which is still there as our away colour. But I really love the all white, without contrasting coloured shorts. Why? White is the father of all colours. It contains them all."

"I hope our new all white kit has a positive psychological impact on the England players," suggests Capello. "All white means less harlequin. I do not believe that a kit in itself can have a psychological impact on the opposition, it has more to do with feeling good wearing it."

Umbro's tagline for the launch is 'Tailored by England,' a phrase they discovered sewn into those classic Umbro shirts of the past.

Clearly the England boss has been an enthusiastic contributor to this significant upgrade of the national side's kit, and his own, and a positive influence on the England team, from the length of their passes to the length of their shorts.



**COMPETITION**

Win an Umbro T-Shirt

**Q: What is the nationality of England's National Team Coach Fabio Capello?**

*Send your answer by email to sportivmalta@yahoo.com by the 20th of June.*

The winner will be contacted by return email.

**UMBRO is available @ Urban Jungle Fgura & De Tigne Complex Sliema**

# Naxxar L., Mġarr U. u Marsa relegati għall-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni

BOV 2nd Div. League
Bank of Valletta
your Success, our Goal

### IT-TIENI DIVIŻJONI

| Data | Logħba | Riżultat | Skorers |
|---|---|---|---|
| 25-Apr | Melita A. vs Marsa | 3-0 | Michael Martin, Gregory Degabriele, Luke Micallef |
| 25-Apr | Mellieha vs Gozo | 3-0 | Kayne Said, Wayne Borg St.John (2) |
| 26-Apr | Lija A. vs St.Andrew' s | 1-1 | Jean Paul Scerri (L); Jonathan Briscoe White (SA) |
| 26-Apr | St.Venera L. vs Birzebbuga SP | 0-3 | Ronnie Celeste (2), Roderick Baldacchino |
| 01-Mej | Balzan Y. vs Naxxar L. | 5-3 | Ivan Zammit (3), Alistair Camilleri (2) (B); Ryan Sammut, Mark Deguara, Victor Bellia (N) |
| 01-Mej | Zebbug R. vs Mgarr U. | 2-2 | Matthew Muscat, Josef Micallef (M); Errol Cachia, Gordon Mallia (Z) |
| 03-Mej | Melita A. vs Gozo | 3-0 | Jonathan Mifsud, Matthew Borg I (2) |
| 03-Mej | St.Andrew' s vs Mellieha | 1-2 | Wayne Borg St.John (2) (M); Michael Grima (SA) |
| 09-Mej | Marsa vs St.Venera L. | 2-5 | Jeffrey Zammit (2), Rudy Carbonaro, Carl Falzon, Manuel Polidano (S); Demis Grima, Shaun Farrugia (M) |
| 09-Mej | Naxxar L. vs Lija A. | 2-2 | Glen Barry, Chris Pace (L); Mark Deguara (N) |
| 10-Mej | Birzebbuga SP vs Zebbug R. | 6-3 | Ronnie Celeste (5), Roderick Baldacchino(B); Omar Rababah (3) (Z) |
| 10-Mej | Mgarr U. vs Balzan Y. | 0-5 | Kurt Coleiro (2), Clayton Caruana, Aaron Agius |
| **Quick Keno Knock-Out tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni** | | | |
| 29-Mej | Melita A. vs St. Venera L. | x-x | |

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Youths | 22 | 18 | 3 | 1 | 48 | 9 | 57 |
| Melita Amateurs | 22 | 15 | 5 | 2 | 49 | 11 | 50 |
| Lija Athletic | 22 | 15 | 3 | 4 | 35 | 17 | 48 |
| Sta. Venera Lightnings | 22 | 10 | 4 | 8 | 24 | 24 | 34 |
| Birzebbuga St. Peters | 22 | 9 | 4 | 9 | 27 | 28 | 31 |
| Mellieha | 22 | 9 | 3 | 10 | 29 | 24 | 30 |
| Gozo | 22 | 7 | 6 | 9 | 28 | 38 | 27 |
| St. Andrew' s | 22 | 4 | 13 | 5 | 24 | 23 | 25 |
| Zebbug Rangers | 22 | 5 | 9 | 8 | 24 | 28 | 19 |
| Naxxar Lions | 22 | 4 | 5 | 13 | 25 | 49 | 17 |
| Mgarr United | 22 | 3 | 6 | 13 | 18 | 41 | 15 |
| Marsa | 22 | 1 | 3 | 18 | 10 | 49 | 6 |

BOV 3rd Div. League
Bank of Valletta
your Success, our Goal

**Play Offs tat-Tielet Diviżjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 17-Mej | Gudja U. vs Sta. Lucia | 0-2 | Liam Cutajar (2) |
| 21-Mej | Mdina K. vs Zurrieq | 0-1 | |
| 21-Mej | Naxxar L. vs Sta. Lucia | 0-1 | |
| 24-Mej | Zurrieq vs Sta.Lucia | | |

### IT-TIELET DIVIŻJONI - SEZZJONI A

| Data | Logħba | Riżultat | Skorers |
|---|---|---|---|
| 24-Apr | Sirens vs Gudja U. | 0-0 | |
| 26-Apr | Xghajra T. vs Mdina K. | 2-2 | Lizio Grech, Chris Zammit (X); Matthew Francalanza, Clint Caruana (M) |
| 27-Apr | Gharghur vs Kalkara | 3-0 | David Galea, Ian Borg (2) |
| 01-Mej | Luqa SA vs Qrendi | 0-0 | |
| 02-Mej | Fgura U. vs Sirens | 0-3 | Giovanni Galea, Adrian Lanzon, Kristian Galea |
| 03-Mej | Ghaxaq vs Xghajra T. | 4-0 | Johann Zammit (4) |
| 08-Mej | Kalkara vs Gudja U. | 1-3 | Sinclair Camilleri (K); Roderick Debattista, Elvin Gauci (2) (G) |
| 10-Mej | Mdina K. vs Luqa SA | 1-1 | Ayrton Buhagiar (M); Christian Caruana (L) |
| 10-Mej | Qrendi vs Gharghur | 2-2 | Alex Abdilla, Robert Darmanin (Q); Alan Spiteri, Nicolai Borg Sant (G) |
| **Championship Decider** | | | |
| 17-Mej | Gharghur vs Gzira U. | 0-3 | Josef Felice, Nico Corito, Richard Attard |

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gharghur | 18 | 12 | 4 | 2 | 36 | 15 | 40 |
| Mdina Knights | 18 | 9 | 5 | 4 | 33 | 22 | 32 |
| Gudja United | 18 | 8 | 6 | 4 | 27 | 17 | 30 |
| Ghaxaq | 18 | 8 | 5 | 5 | 27 | 25 | 29 |
| Kalkara | 18 | 7 | 3 | 8 | 24 | 27 | 24 |
| Xghajra T. | 18 | 5 | 7 | 6 | 19 | 23 | 22 |
| Sirens | 18 | 6 | 3 | 9 | 22 | 22 | 21 |
| Fgura United | 18 | 4 | 6 | 8 | 13 | 22 | 18 |
| Luqa SA | 18 | 4 | 3 | 11 | 17 | 30 | 15 |
| Qrendi | 18 | 2 | 8 | 8 | 12 | 27 | 14 |


Gharghur F.C.

# Gzira U. u Għargħur fit-Tieni Diviżjoni


Carmelo Bartolo, Viċi President tal-MFA, jippreżenta t-trofew lil captain ta' Gżira United

### IT-TIELET DIVIŻJONI - SEZZJONI B

| Data | Logħba | Riżultat | Skorers |
|---|---|---|---|
| 24-Apr | Zurrieq vs St.Lucia | 2-1 | Liam Cutajar (SL); Jeffrey Camilleri, Godfrey Chetcuti (Z) |
| 26-Apr | Gzira U. vs Kirkop U. | 1-0 | Richard Attard |
| 27-Apr | Mtarfa vs Siggiewi | 0-3 | Chris Bugeja, Mark Camilleri, Jason Camilleri |
| 01-Mej | Pembroke A. vs Zejtun C. | 1-0 | Kevin Vella |
| 02-Mej | St.Lucia vs Attard | 2-0 | Liam Cutajar, o.g. |
| 03-Mej | Kirkop U. vs Zurrieq | 2-2 | Albert Busuttil, Michael Theuma (K); Jason Saliba, Godfrey Chetcuti (Z) |
| 08-Mej | Siggiewi vs Gzira U. | 0-3 | Richard Attard (2), Keith Bonello |

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira United | 16 | 11 | 5 | 0 | 25 | 9 | 38 |
| Zurrieq | 16 | 10 | 4 | 2 | 25 | 11 | 34 |
| Sta Lucia | 16 | 7 | 6 | 3 | 20 | 12 | 27 |
| Siggiewi | 16 | 7 | 4 | 5 | 26 | 20 | 25 |
| Zejtun Corinthians | 16 | 5 | 3 | 8 | 18 | 22 | 18 |
| Attard | 16 | 4 | 6 | 6 | 13 | 18 | 18 |
| Pembroke Athleta | 16 | 5 | 1 | 0 | 18 | 24 | 16 |
| Kirkop United | 16 | 3 | 7 | 6 | 12 | 20 | 16 |
| Mtarfa | 16 | 1 | 2 | 13 | 7 | 28 | 5 |

PoliGas
Limited

Hal Farrug Road,L/O Luqa LQA 3078, Malta Tel: (+356) 2558 5501, (+356) 2558 5502

SVS
Leisure
AMUSEMENT & ENTERTAINMENT

Kwik-miX
Limited

PRICE AND QUALITY THAT OTHERS CANNOT MATCH

Triq tal-Balal, San Gwann. Tel (+356) 2137 0050, 2138 2160 - Mob: 7900 0124

Kellogg's®

*The ORIGINAL and the BEST*

# Dingli Swallows F.C. - Rebbieħa BOV Kampjonat I Diviżjoni 2008 - 2009

SPORTIV



# keep your black dress black.






campaignforrealbeauty.com | Dove

# Balzan Youths F.C. - Rebbieħa BOV Kampjonat II Diviżjoni
## 2008 - 2009

SPORTIV






Strand Palace Agencies Ltd. Calleja Buildings, Carob Street, St. Venera SVR1705 Tel. 2144 1768 Fax. 2149 7593 Email. info@strand.com.mt

Gzira United F.C. - Rebbieħa BOV Kampjonat III Diviżjoni

SPORTIV

2008 - 2009



### Kampjonat Melita – L-Ewwel Diviżjoni - Għawdex

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | Sannat Lions vs S.K. Victoria W. | 2-0 |

**Klassifika (L-Ewwel Diviżjoni Għawdex)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sannat Lions | 18 | 11 | 3 | 4 | 32 | 16 | 36 |
| Ghajnsielem | 18 | 9 | 6 | 3 | 34 | 26 | 33 |
| Victoria Hotspurs | 18 | 9 | 2 | 7 | 34 | 28 | 29 |
| SK Victoria Wanderers | 18 | 6 | 6 | 6 | 21 | 17 | 24 |
| Nadur Youngsters | 18 | 5 | 6 | 7 | 20 | 21 | 21 |
| Kercem Ajax | 18 | 4 | 7 | 7 | 29 | 35 | 19 |
| Qala St. Joseph | 18 | 1 | 6 | 11 | 14 | 41 | 9 |

### Kampjonat Melita – It-Tieni Diviżjoni - Għawdex

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | St. Lawrence Spurs vs Gharb Rangers | 2-4 |
| 26-04-09 | Xaghra United vs Xewkija Tigers | 1-1 |

**Klassifika (It-Tieni Diviżjoni Għawdex)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xaghra United | 18 | 11 | 5 | 2 | 39 | 17 | 38 |
| Xewkija Tigers | 18 | 11 | 5 | 2 | 40 | 14 | 38 |
| St. Lawrence Spurs | 18 | 8 | 3 | 7 | 29 | 24 | 27 |
| Gharb Rangers | 18 | 6 | 8 | 4 | 29 | 30 | 26 |
| Munxar Falcons | 18 | 3 | 7 | 8 | 22 | 28 | 16 |
| Zebbug Rovers | 18 | 4 | 3 | 11 | 22 | 41 | 15 |
| Oratory Youths | 18 | 2 | 5 | 11 | 14 | 41 | 11 |

### GOZO Promotion / Relegation Play-off

| | | |
|---|---|---|
| 05-05-09 | Kercem A. vs Xaghra U. | 4-1 |

### Kampjonat tan-Nisa – It-Tieni Diviżjoni

| | | |
|---|---|---|
| 21-04-09 | Gozo vs Lija / Iklin | 18-1 |
| 21-04-09 | Marsa vs Hamrun S. | 2-1 |
| 22-04-09 | Pembroke A vs Mgarr U. | 0-1 |
| 22-04-09 | Tarxien R. vs Sta. Venera Y.B. | 0-8 |
| 16-05-09 | Hamrun S. vs Sta. Venera Y.B. | 0-4 |
| 20-05-09 | Hamrun S. vs Marsa | 0-4 |

**Klassifika (It-Tieni Diviżjoni Nisa)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 14 | 14 | 0 | 0 | 130 | 5 | 42 |
| Mgarr United | 14 | 11 | 1 | 2 | 61 | 11 | 34 |
| St.Venera Yellow Blue | 14 | 10 | 1 | 3 | 48 | 15 | 31 |
| Pembroke Athleta | 14 | 8 | 0 | 6 | 33 | 29 | 24 |
| Lija-Iklin | 14 | 5 | 1 | 8 | 28 | 73 | 16 |
| Marsa | 14 | 2 | 1 | 11 | 15 | 72 | 7 |
| Tarxien Rainbows | 14 | 1 | 3 | 10 | 4 | 82 | 6 |
| Hamrun Spartans | 14 | 0 | 3 | 11 | 5 | 37 | 3 |

### Women's Knock-out Competition

| | | |
|---|---|---|
| 28-04-09 | Pembroke A. vs Mgarr U | 1-6 |
| 28-04-09 | Sta. Venera Y.B. vs Hamrun S. | 5-0 |
| 29-04-09 | Lija / Iklin vs Gozo | 0-3 |
| 29-04-09 | Marsa vs Tarxien R. | 5-0 |
| 05-05-09 | Sliema R. vs Mgarr U. | 3-2 |
| 05-05-09 | Birkirkara vs Sta. Venera Y.B. | 10-0 |
| 09-05-09 | Melita vs Sliema R. | 1-2 |
| 09-05-09 | Gozo vs Marsa | 2-0 |
| 10-05-09 | Hibernians vs Mosta | 2-1 |
| 13-05-09 | Sliema R. vs Birkirkara | 1-4 |
| 13-05-09 | Gozo vs Hibernians | 0-3 |
| 20 05 09 | Birkirkara vs Hibernians | 4-0 |



It-tim ta' Birkirkara rebbieħa tal-Kampjonat tan-Nisa

### FUTSAL – II Diviżjoni Sec A - Championship Decider

| | | |
|---|---|---|
| 23-04-09 | River Plate Futsal Club vs Paola Downtowns | 3-1 |

### FUTSAL – I & II Div. Knock-out Competition

| | | |
|---|---|---|
| 27-04-09 | TC Sparks vs Kerygma Kristal | o/w |
| 27-04-09 | Hacienda Bar vs Zurrieq Old Boys | 7-2 |
| 28-04-09 | River Plate Futsal Club vs Stingrays | 5-1 |
| 30-04-09 | Naxxar Motors Futsal vs Wilkinsons Swords | 4-2 |
| 30-04-09 | Pentagon Properties BFC vs Zurrieq FC | 3-5 |
| 01-05-09 | White Eagles FC vs Korol Attrans | 10-0 |
| 01-05-09 | MaBu FC vs Paola Downtowns FC | o/w |
| 02-05-09 | Aluserv Futsal vs Los Street Boyz | 1-2 |
| 02-05-09 | Scandals Futsal vs Paola Stars Futsal Club | 5-5 (10-9 pen) |
| 04-05-09 | Southenders vs Tal-Werqa S.G. | 3-3 (7-4 pen) |
| 04-05-09 | Jeepers FC vs Powerade Lazio SC | 1-3 |
| 05-05-09 | Swing Kids FC vs Fugazi 5 | 5-2 |
| 07-05-09 | Headhunters FC vs El Mundos Valletta St Pauls | 0-3 |
| 07-05-09 | Luxol-Amazon Pago FC vs Kerygma Kristal | 4-3 |
| 09-05-09 | Naxxar Motors Futsal vs Zurrieq FC | 5-2 |
| 09-05-09 | White Eagles FC vs Paola Downtowns FC | 8-3 |
| 11-05-09 | Los Street Boyz vs Scandals Futsal | 2-2 (3-4 pen) |
| 11-05-09 | Southenders vs Powerade Lazio SC | 3-2 |
| 12-05-09 | Swing Kids FC vs El Mundos Valletta St Pauls | 2-3 |
| 14-05-09 | River Plate Futsal Club vs Hacienda Bar | 6-4 |
| 14-05-09 | Naxxar Motors Futsal vs White Eagles | 6-4 |
| 15-05-09 | Scandals Futsal vs Southenders | 3-2 |
| 16-05-09 | Luxol-Amazon Pago FC vs River Plate Futsal Club | 4-8 |
| 18-05-09 | Naxxar Motors Futsal vs Scandals Futsal | 2-1 |
| 19-05-09 | El Mundos Valletta St Pauls vs River Plate Futsal Club | 3-6 |
| 22-05-09 | River Plate Futsal Club vs Naxxar Motors Futsal | 2-5 |

### FUTSAL – III & IV Div. Knock-out Competition

| | | |
|---|---|---|
| 20-04-09 | QR Co Ltd vs Boca Juniors | 0-2 |
| 20-04-09 | Hamrun Spartans FC vs Mgarr U FC | 3-1 |
| 20-04-09 | Deportivo Estudiantes vs Progress Press | 2-8 |
| 21-04-09 | Fresh Events vs Zebbug R FC | 3-1 |
| 21-04-09 | Gladiators vs Fgura U FC | 3-3 (4-7 pen) |
| 21-04-09 | DHL Arrows vs Iz-Zebbugin | 7-2 |
| 22-04-09 | Pembroke A FC vs Melita FC | 0-2 |
| 22-04-09 | Cougars FC vs Dream Theatre | 0-6 |
| 22-04-09 | Dynamo Sportiv vs Dark Stars | 0-2 |
| 23-04-09 | Msida St Joseph FC vs Red Marleys | 2-1 |
| 23-04-09 | Versity AFC vs Napoli Club (Malta) | 1-4 |
| 23-04-09 | Classic Futsal Club vs Bidnija Rovers | 6-1 |
| 24-04-09 | ECB FC vs Todos | 2-3 |
| 24-04-09 | AC Trampi vs B'kara St Joseph SC | 3-3 (6-7 pen) |
| 27-04-09 | Riviera FC vs Sporting Gauchos | 2-2 (4-5 pen) |
| 27-04-09 | Busy Bee vs Sliema Futsal | 0-6 |
| 27-04-09 | Capital Boys vs Boca Juniors | 3-3 (4-6 pen) |
| 28-04-09 | New Team Futsal Club vs Hamrun Spartans FC | 5-1 |
| 28-04-09 | Safi Southsiders vs Progress Press | 1-5 |
| 28-04-09 | Qormi FC vs Fresh Events | 2-5 |
| 29-04-09 | Demons vs Fgura U. | 6-2 |
| 29-04-09 | Warriors vs DHL Arrows | 4-3 |
| 29-04-09 | Mosta FC vs Melita FC | 2-0 |
| 30-04-09 | Point Break Bobs vs Dream Theatre | 2-1 |
| 30-04-09 | St Helen Band Club vs Dark Stars | 3-1 |
| 30-04-09 | Pieta Futsal vs Msida St Joseph FC | 7-2 |
| 04-05-09 | Napoli Club (Malta) vs Classic Futsal Club | 0-2 |
| 04-05-09 | Todos vs B'kara St Joseph SC | 3-1 |
| 04-05-09 | Sporting Gauchos vs Sliema Futsal | 1-3 |
| 05 05 09 | Boca Juniors vs New Team Futsal Club | 2-2 (6-8 pen) |
| 05-05-09 | Progress Press vs Fresh Events | 1-2 |
| 05-05-09 | Demons vs Warriors | 2-2 (7-6 pen) |
| 06-05-09 | Mosta FC vs Point Break Bobs | 3-3 (7-5 pen) |
| 06-05-09 | St Helen Band Club vs Pieta Futsal | 2-3 |
| 11-05-09 | Classic Futsal Club vs Todos | 4-6 |
| 11-05-09 | Sliema Futsal vs New Team Futsal Club | 7-4 |
| 12-05-09 | Fresh Events vs Demons | 2-4 |
| 12-05-09 | Mosta FC vs Pieta Futsal | 0-3 |
| 18-05-09 | Todos vs Sliema Futsal | 2-5 |
| 18-05-09 | Demons vs Pieta Futsal | 0-0 (3-4 pen) |
| 22-05-09 | Sliema Futsal vs Pieta Futsal | 1-3 |



It-tim ta' Hibernians rebbieħa ta' Sezzjoni A - Kampjonat tal-Youths

## Youths - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 22-04-09 | Balzan Y. vs Mgarr U. | 0-1 |
| 22-04-09 | Valletta vs Pietà H. | 2-1 |
| 23-04-09 | San Gwann vs Hibernians | 0-1 |
| 23-04-09 | Birkirkara vs Lija A. | 4-0 |
| 29-04-09 | Pietà H. vs Balzan Y. | 0-1 |
| 29-04-09 | Mgarr U. vs Sliema W. | 2-4 |
| 30-04-09 | Floriana vs Valletta | 2-4 |
| 04-05-09 | San Gwann vs Floriana | 3-3 |
| 05-05-09 | Balzan Y. vs Valletta | 1-5 |
| 05-05-09 | Hibernians vs Birkirkara | 4-0 |
| 07-05-09 | Lija A. vs Mgarr U. | 1-3 |
| 07-05-09 | Sliema W. vs Pietà H. | 2-0 |

### Klassifika (YOUTHS – A)

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 18 | 12 | 4 | 2 | 47 | 10 | 40 |
| Valletta | 18 | 11 | 5 | 2 | 36 | 17 | 38 |
| Sliema Wanderers | 18 | 10 | 4 | 4 | 44 | 18 | 34 |
| Pieta' Hotspurs | 18 | 9 | 3 | 6 | 35 | 21 | 30 |
| Birkirkara | 18 | 7 | 6 | 5 | 25 | 21 | 27 |
| San Gwann | 18 | 6 | 6 | 6 | 27 | 23 | 24 |
| Mgarr United | 18 | 7 | 2 | 9 | 22 | 28 | 23 |
| Floriana | 18 | 5 | 5 | 8 | 22 | 25 | 20 |
| Balzan Youths | 18 | 5 | 1 | 12 | 19 | 35 | 16 |
| Lija Athletic | 18 | 0 | 0 | 18 | 4 | 83 | 0 |

## YOUTHS – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | Siggiewi vs Zurrieq | 2-2 |
| 26-04-09 | Hamrun S. vs Attard | 2-1 |
| 26-04-09 | Melita vs St. Patrick | 5-1 |
| 01-05-09 | Siggiewi vs Qormi | 0-4 |
| 04-05-09 | Siggiewi vs Melita | 0-8 |
| 12-05-09 | Zurrieq vs St. Patrick | 1-4 |
| 12-05-09 | Mosta vs Hamrun S. | 1-0 |
| 20-05-09 | Mosta vs Melita | 1-3 |

### Klassifika (YOUTHS – B)

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Melita Amateurs | 18 | 14 | 2 | 2 | 49 | 12 | 44 |
| Mosta | 18 | 13 | 2 | 3 | 58 | 16 | 41 |
| St. Andrews | 18 | 13 | 2 | 3 | 40 | 22 | 41 |
| St. Patrick | 18 | 10 | 1 | 7 | 58 | 37 | 31 |
| Qormi | 18 | 10 | 1 | 7 | 38 | 19 | 31 |
| Hamrun Spartans | 18 | 10 | 0 | 8 | 41 | 24 | 27 |
| Mellieha | 18 | 7 | 1 | 10 | 41 | 39 | 22 |
| Attard | 18 | 5 | 2 | 11 | 32 | 40 | 17 |
| Siggiewi | 18 | 1 | 2 | 15 | 15 | 95 | 5 |
| Zurrieq | 18 | 0 | 1 | 17 | 7 | 75 | 1 |

## YOUTHS – Sezzjoni Ċ

| | | |
|---|---|---|
| 28-04-09 | Tarxien R. vs Naxxar L. | 2-1 |
| 30-04-09 | Msida SJ vs Dingli S. | 0-1 |
| 03-05-09 | Dingli S. vs Senglea A. | 2-1 |
| 03-05-09 | Naxxar L. vs St. George's | 6-3 |
| 06-05-09 | Msida SJ vs St. George's | 0-2 |
| 06-05-09 | Birzebbuga SP vs Naxxar L. | 2-4 |

### Klassifika (YOUTHS - Ċ)

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tarxien Rainbows | 18 | 14 | 4 | 0 | 57 | 15 | 46 |
| Msida St. Joseph | 18 | 9 | 4 | 5 | 34 | 23 | 31 |
| Rabat Ajax | 18 | 8 | 5 | 5 | 49 | 34 | 29 |
| Marsaxlokk | 18 | 8 | 5 | 5 | 38 | 28 | 29 |
| Senglea Athletic | 18 | 8 | 3 | 7 | 53 | 32 | 27 |
| Dingli Swallows | 18 | 8 | 2 | 8 | 39 | 38 | 26 |
| Naxxar Lions | 18 | 7 | 4 | 7 | 32 | 36 | 25 |
| St. George' s | 18 | 8 | 4 | 6 | 36 | 29 | 23 |
| Birzebbuga St.Peters | 18 | 3 | 1 | 14 | 20 | 61 | 10 |
| Gudja United | 18 | 1 | 0 | 17 | 16 | 78 | 3 |

## YOUTHS – Sezzjoni D

| | | |
|---|---|---|
| 27-04-09 | Kirkop U. vs Zejtun C. | 2-2 |
| 01-05-09 | Kirkop U. vs Marsa | 2-3 |
| 03-05-09 | Sta. Venera L. vs Zebbug R. | 4-0 |
| 10-05-09 | Ghaxaq vs Sta. Venera L. | 3-3 |
| 20-05-09 | Marsa vs Mqabba | 0-1 |
| 22-05-09 | Vittoriosa S. vs Gzira U. | w/o |

### Klassifika (YOUTHS - D)

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sta.Venera Lightnings | 14 | 11 | 3 | 0 | 45 | 11 | 36 |
| Zebbug Rangers | 14 | 11 | 1 | 2 | 32 | 13 | 34 |
| Fgura United | 14 | 9 | 2 | 3 | 43 | 14 | 29 |
| Pembroke Athleta | 14 | 9 | 2 | 3 | 44 | 20 | 29 |
| Gzira United | 14 | 9 | 1 | 4 | 32 | 15 | 28 |
| Sirens | 14 | 8 | 1 | 5 | 45 | 17 | 25 |
| Marsa | 14 | 7 | 3 | 4 | 32 | 20 | 24 |
| Luqa St. Andrew' s | 14 | 7 | 1 | 6 | 22 | 31 | 22 |
| Kirkop | 14 | 5 | 4 | 5 | 29 | 26 | 19 |
| Mqabba | 14 | 5 | 2 | 7 | 27 | 31 | 17 |
| Zejtun Corinthians | 14 | 4 | 1 | 9 | 18 | 43 | 13 |
| Kalkara | 14 | 2 | 3 | 9 | 11 | 37 | 9 |
| Ghaxaq | 14 | 2 | 2 | 10 | 24 | 60 | 8 |
| Xghajra Tornadoes | 14 | 2 | 1 | 11 | 15 | 37 | 7 |
| Vittoriosa Stars | 14 | 0 | 1 | 13 | 11 | 55 | 1 |

## YOUTH A KNOCK-OUT COMPETITION

| | | |
|---|---|---|
| 13-05-09 | Birkirkara vs Floriana | 2-2 (5-4 pen) |
| 13-05-09 | San Gwann vs Sliema W. | 2-2 (3-4 pen) |
| 18-05-09 | Balzan Y. vs Mgarr U. | 1-2 aet |
| 18-05-09 | Valletta vs Lija A. | 1-0 |
| 19-05-09 | Pietà H. vs Sliema W. | 1-5 |
| 19-05-09 | Birkirkara vs Hibernians | 1-5 |
| 26-05-09 | Hibernians vs Mgarr U. | 3-1 |
| 26-05-09 | Valletta vs Sliema W. | 1-2 |

## YOUTH B KNOCK-OUT COMPETITION

| | | |
|---|---|---|
| 27-04-09 | Sta. Venera L. vs Senglea A. | 1-3 |
| 04-05-09 | Attard vs Mosta | 1-1 (4-5 pen) |
| 04-05-09 | Sirens vs Hamrun S. | 0-1 |
| 10-05-09 | Pembroke A. vs Qormi | 0-2 |
| 11-05-09 | Mellieha vs St. George's | 1-0 |
| 14-05-09 | Tarxien R. vs Mqabba | 4-0 |
| 14-05-09 | Marsaxlokk vs Melita | 0-2 |
| 15-05-09 | Msida SJ vs Fgura U. | 2-1 |
| 15-05-09 | Mellieha vs Mosta | 0-1 |
| 17-05-09 | Qormi vs Tarxien | 3-1 |
| 17-05-09 | Hamrun S. vs Melita | 0-3 |
| 22-05-09 | Msida SJ vs Senglea A. | 1-2 |
| 25-05-09 | Melita vs Mosta | 5-3 |
| 25-05-09 | Msida SJ - Senglea A. vs Qormi | 1-5 |

## KAMPJONAT 1951-52 (It-Tieni Parti)

# Iċ-Champions Floriana jispiċċaw l-istaġun b'rebħa fuq Valletta

**L-ERBATAX-IL ĠURNATA**

**16-04-1952:**
**Floriana FC – Valletta FC 2-1 H.T 0-0**
**Ref: R. Owen.**
**Skurjaw: Micallef (V) 57', L. Borg (F) 65'u B. Camilleri (F) 85'.**

**Floriana FC**: Mike Galea, Willie Xerri, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Lolly Vella, Benny Camilleri, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Valletta FC**: Mike 'Il-Moro' Cutajar, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Ċensu Muscat, Lewis Calleja, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Pawlu Vassallo, Pawlu Mackay, Leli 'Il-Go-Away' Curmi, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Ġużeppi Micallef.

1. Minbarra li kellhom lil Salvinu Schembri nieqes, għax imweġġa', Valletta kellhom jgħaddu wkoll mingħajr is-servizzi ta' Nenu Mackay u Leli Pace minħabba li ma kienux ingħataw permess mill-Armata għaliex il-gurnata ta' wara kellhom partita mportanti mat-timijiet tagħhom tas-Servizz 2nd H.A.A Regt RMA u 1st Coast Regt. RMA rispettivament.

2. Fis-74 minuta Tony Vella ta' Floriana FC ixxuttja barra minn penalty.

**13-04-1952:**
**Hamrun Sp. FC – St.George's FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Rob Hubbard.**
**Skorja: Ġ. Buttigieg pen. 3'.**

Abbandunata, fis-70 minuta, wara protesti minn plejers ta' St. George's FC. Fit-18 ta' April, 1952, il-Kunsill tal-MFA iddeċieda li l-partita kellha terġa' tintlagħab wara li ħass li r-referee Hubbard ma ppreżentax raġunijiet validi biżżejjed li minħabba fihom kellu jabbanduna l-partita.

**Ħamrun Sp. FC**: Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Frans 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Frans Scifo, Toni 'Ir-Rumba' Dimech, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Romeo Psaila.

**St. George's FC**: Gili, Karmenu Farrugia, Żużu Rizzo, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, S. Damato, Nenu Bonavia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Salvu Romolo.

1. L-inċident li kkaġuna l-abbandun tal-partita wasal, fis-70 minuta, meta r-referee Hubbard l-ewwel ikkonvalida goal favur St. George's FC li ġie skurjat direttament minn free-kick ta' Caruana, ftit 'il barra mill-kaxxa ż-żgħira, u ftit wara ħassru għax induna li l-freekick suppost kien indirett. Wara segwew protesti ħorox mill-plejers Bormliżi bir-referee Hubbard jabbanduna l-partita immedjatament.

**19-04-1952:**
**Hibernians FC – Sliema Wdrs. FC 3-2**
**H.T 3-1**
**Skurjaw: J. C. Coulon (H) 5', S. Psaila (H) 10', T. Nicholl (S) 14', J. C. Coulon (H) 43' u Ġ. Camilleri (S) 52'.**

**Hibernians FC**: Pawlu Montebello, Joe Grixti, John Gatt, Victor Formosa, Victor Portelli, Jackie Grech, Salvu Psaila, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Joe Vella Borg, John Coreschi.

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Johnnie Alamango, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Piju Lebrun, Ġużi 'Il-Labre' Camilleri, Ġużi Vassallo, Bob Bonavia, Tony Nicholl, Charlie Mattocks.

**20-04-1952:**
**Rabat FC – St. Patrick FC 2-2 H.T 1-1**
**Ref: John W. Naudi.**
**Skurjaw: o.g J. Cassar (R) 20', W. Steel (St. Pat.) 41', Xerri (St. Pat.) 88' u C. Theuma (R) pen. 89'.**

**Rabat FC**: Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, Charles Zahra, Ruġġieru Spiteri, Paul Micallef, Joe Mizzi, Ernest Chappelle, Joe Agius, Charles Theuma, Peter Micallef.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Emmanuel Falzon, W. Hole, Xerri, John 'Is-Sini' Cassar, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, Joe Bonnici, A. Borg, Wally Steel, Silvio Rapinett, John Azzopardi.

1. Il-partita suppost kienet mingħajr interess iżda jumejn qabel il-Kunsill tal-MFA ħabbar li St. Patrick FC kienu ġew mogħtija l-punti tal-partita kontra Hibernians milgħuba fit-30 ta' Marzu, 1952, u li St. Patrick kienu tilfu 8-1. B'hekk bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ punti St. Patrick resqu għall-punt wieħed taħt Rabat FC.

2. Il-partita ma setax kellha tmiem aktar drammatiku meta żewġ minuti mit-tmiem St. Patrick marru minn fuq b'goal ta' Xerri u qabżu lil Rabat FC fil-klassifika. Wara l-goal inqalgħu ħafna protesti u l-logħob dam wieqaf diversi minuti. Fil-fatt meta kompliet il-partita, fil-95 minuta, u minuta wara Rabat ġabu d-draw meta Theuma skorja minn penalty mogħti għal handsball biex reġa' kiseb id-draw u Rabat żammew il-punt vantaġġ li kellhom fuq iż-Żabbarin fil-klassifika. Hawn kienu ż-Żabbarin li pprotestaw fejn kellha tidħol il-Pulizija sabiex tikkalma s-sitwazzjoni. St. Patrick sfaw relegati.

**Ripetizzjoni tal-Partita Abbandunata nhar it-13 ta'April, 1952**

**25-04-1952:**
**Hamrun Sp. FC – St.George's FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Salvu Pirotta**
**Skurjaw: N. Bonavia (St. Geo) 11' u G. Psaila (Ħ) 23' u 47'.**

**Hamrun Sp. FC**: Kelinu 'Il-Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Frans 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Franz Scifo, Toni 'Ir-Rumba' Dimech, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Romeo Psaila.

**St.George's FC**: Gili, Karmenu Farrugia, Frans Purkiss, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Ġużi Oliva, Salvu 'Scotch' Scicluna, Salvu Romolo.

1. B'din ir-rebħa Hamrun Spartans spiċċaw runners-up tal-kampjonat u kisbu d-dritt li jieħdu sehem fil-Cassar Cup minflok Sliema Wanderers FC li b'mod mhux mistenni kienu tilfu kontra Hibernans FC sitt ijiem qabel. L-Ispartans kienu fir-raba' post tal-klassifika sa tliet partiti minn tmiem il-kampjonat.

2. Wieħed mil-linesman f'din il-partita kien wieħed mill-ispettaturi wara li l-uffiċjal naqas li jiġi. Skond il-gazzetta, Il-Berqa, l-ispettatur "kien preċiż fit-tixjir tiegħu u xogħlu kien aħjar minn dak ta' xi uffiċjali kkwalifikati li spiss naraw l-Istadium." Ma mmorrux wisq 'il bogħod, fis-snin tmenin, waqt l-istrajk tar-referees wieħed mil-linesman tal-partita li tiha lagħbu Żejtun Corinthians kien Ġanni l-Pupa.

**KLASSIFIKA FINALI**

| | L | R | D | T | F | K | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 14 | 11 | 2 | 1 | 48 | 12 | 24 |
| Hamrun S | 14 | 9 | 2 | 3 | 32 | 17 | 20 |
| Sliema W | 14 | 7 | 5 | 2 | 27 | 15 | 19 |
| Valletta | 14 | 7 | 2 | 5 | 34 | 19 | 16 |
| Hibernians | 14 | 4 | 5 | 5 | 33 | 22 | 13 |
| St.George's | 14 | 5 | 1 | 8 | 18 | 28 | 11 |
| Rabat | 14 | 1 | 3 | 10 | 11 | 37 | 5 |
| St. Patrick | 14 | 1 | 2 | 11 | 10 | 63 | 4 |

1. Floriana FC Champions tal-Kampjonat 1951-52.

2. St. Patrick FC relegati għat-Tieni Diviżjoni.

3. Il-partita Hamrun Sp. FC - St. George's FC tat-13 t'April, 1952, li ġiet abbandunata, fis-70 minuta, bl-iskor ta' 1-0 wara protesti ħorox mill-plejers ta' St. George's FC, reġgħet intlagħbet fil-25 ta' April, 1952, fejn l-Ispartans ħarġu rebbieħa 2-1. Il-goal skurjat minn penalty minn Ġużi Buttigieg fil-partita abbandunata ma jgħoddx għall-klassifika tal-aqwa skorers.

4. Il-partita Hibernians FC – St. Patrick FC (8-1) li ntlagħbet fit-30 ta' Marzu 1952 ingħatat b'rebħa ta' 2-0 għal St. Patrick FC wara li Hibernians FC għamlu użu mill-plejer Joe Gerada. Anke hawnhekk il-goals skurjati fil-partita minn Wally Steel għal St. Patrick FC u l-erba' goals ta' Joe Vella Borg, żewġ goals ta' Fredu Church u goal kull wieħed minn Salvu Psaila u Jackie Grech għal Hibernians FC ma jgħoddux għall-klassifika tal-aqwa skorers.

**L-AQWA SKORERS:**

**17-il Goal:**
Lolly Borg (Floriana FC).

**13-il Goal:**
P. Demanuele (Floriana FC) u G. Psaila (Ħamrun Sp. FC)

**9 Goals:**
F. Church (Hibernians FC) u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC)

**8 Goals:**
C. Azzopardi (Floriana FC); F. Scifo (Ħamrun Sp. FC); N. Bonavia (St.George's FC); S. Schembri u L. Pace (Valletta FC)

**5 Goals:**
Ġ. Buttigieg (Ħamrun Sp. FC); Ninu Calleja u G. Vassallo (Sliema Wdrs. FC); G. Borg (Valletta FC).

**4 Goals:**
S. Psaila (Hibernians FC); M. Walsh (Sliema Wdrs. FC); G. Scicluna u Ċ. Muscat (Valletta FC).

**3 Goals:**
L. Agius (Ħamrun Sp. FC); G. Gatt u J. C. Coulon (Hibernians FC); P. Cini (Rabat FC); S. Romolo u S. Scicluna (St.George's FC).

**2 Goals:**
V. Farrugia, J. Grech, C. Bennetti, L. Vella u B. Camilleri (Floriana FC); M. Camilleri (Ħamrun Sp. FC); J. Vella Borg (Hibernians FC); O. Bartolo (St.George's FC); S. Rapinett u W. Steel (St. Patrick FC) u J. Cini (Valletta FC)

**1 Goal:**
O. Gatt (Ħamrun Sp. FC); L. Saliba, Zammit, V. Portelli u J. Coreschi (Hibernians); J. Mizzi, Paul Micallef, J. Darmanin, J. Agius, Peter Micallef u C. Theuma (Rabat FC); S. Cachia u G. Oliva (St.George's FC); A. Cremona; A. Borg, S. Xerri, J. Bonnici u Xerri (St. Patrick FC); Ġ. Pirotta, C. Mattocks u J. Camilleri (Sliema Wdrs. FC); P. Vassallo, J. Bonello u Micallef (Valletta FC).

**Żewġ Auto Goals:**

1. **20 ta' Ottubru 1951:**
Willie Scerri (Floriana FC) favur Sliema Wdrs. FC (2-2).
2. **20 ta' April 1952:**
John Cassar (St. Patrick FC) favur Rabat FC (2-2).

## Staġun 1952-53

# Lolly Rizzo u Lolly Cushcieri għal prova ma' Northampton T. u Blackpool rispettivament

**L-EWWEL ĠURNATA**
**04-10-1952:**
**Hamrun S. v St.George's 2-0 H.T 1-0**
**Ref: Joe Cassar Naudi**
**Skurjaw: G. Psaila (HS) 10' u Ġ. Buttigieg (HS) 70'.**

**Ħamrun S.:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Frankie Grech, Piju Camilleri, George Jones, Ġużi Zammit, Toni 'Ir-Rumba' Dimech, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Romeo Psaila.

**St.George's:** Ġużi Mugliett, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Frans Purkiss, F. Zarb, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Bugeja, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Frankie Demanuele, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Hamrun Spartans kienu qed jilagħbu mingħajr l-outside right Leli Agius 'Ta' Ġiorġa' li kien ġie trasferit lil Dingli Swallows u mingħajr Frans Scifo li, fit-2 ta'Awwissu, 1952, ħalla Malta lejn l-Istati Uniti. Fl-Amerika, Scifo ingħaqad ma' Malta United Soccer Team ta' Astoria fi New York li magħhom kienu diġà qed jilagħbu players oħra Maltin bħal Nenu Taliana ta' Hamrun Spartans, Willie Laferla ta' Melita, Ġużi Cachia u l-goalkeeper Pawlu Vella ta' St. George's FC u Charles Enriquez ta' Sliema Wanderers.

2. Nieqsa mill-ewwel ħdax ta' St. George's FC kien hemm Nenu Bonavia, Salvu Caruana, Oscar Bartolo u Salvu Romolo li kollha xtaqu jissieħbu ma' clubs oħra. Floriana kienu wrew interess f'Bonavia.

3. L-Ispartans ingaġġaw player-coach ġdid meta akkwistaw lil Johnny McKeown, 24 sena, minn Bowhill Fife fl-Iskozja u ex-player ta' Cowdenbeath FC, Headington FC u Stenhousemuir. Huwa kien wasal f'Malta, fit-28 ta' Settembru, 1952, fejn fl-ajruport intlaqa' mis-Segretarju tal-club Joseph M. Zammit Cordina li ntroduċieh mal-kumplament tal-Kumitat Ħamruniż. McKeown, li ħatnu kien Alex Hall, l-ex-coach ta' Sliema Wdrs, ma setax jilgħab fil-kampjonat għalissa minħabba li skond ir-regolamenti player ried ikun residenti f'Malta għal 30 ġurnata qabel ma jkun jista' jilgħab fil-kampjonati tal-MFA.

4. St. George's FC ħatru bħala coach lil Joseph Micallef, ex-player u ex-referee.

5. Fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat Hamrun Spartans kienu ġew draw ta' 3-3 ma' Valletta FC u 4-4 ma' Sliema Wdrs. FC.

**05-10-1952:**
**Valletta v Rabat FC H.T 2-1**
**B.S.M Joseph Galea (RMA)**
**Skurjaw: H. Herbert (R) 90 sekonda, L. Pace (V) 11' u 36', Ġ. Micallef (V) 55' u L. Pace (V) 59'.**

**Valletta FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Jackie Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Ġużeppi Micallef, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**Rabat FC:** Jimmy Pearson, Robert



Il-partita bejn Floriana u Sliema W. (17.02.1952) li fiha attendiet folla rekord ta' 18,346 spettatur



It-tim ta' Valletta 1952-53



Azzjoni mill-partita bejn Floriana u Valletta (1952-53)

Powell, Alfie Pearson, Ġorġ Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charles 'Il-Kis' Zahra, Ernest Chappelle, Leli Sammut, Charles Theuma, Horace Herbert.

1. L-akkwisti l-ġodda ta' Rabat FC kienu Horace Herbert li qabel kien ma' Floriana u Hamrun Spartans, Ġorġ Dalli, ħu Tony u Billy Dalli, li ġie akkwistat mingħand Floriana u Leli Sammut, attakkatn li ħaduh mingħand Gżira United. Herbert kien diġà applika għal Form K fl-istaġun ta' qabel iżda l-applikazzjoni tiegħu ma kenitx ġiet aċċettata mill-MFA. Din is-sena kienu Hamrun stess li avżaw lill-MFA li ma kinux aktar interessati fis-servizzi tiegħu.

2. Valletta FC biegħu lill-aħwa Joe u Charlie Saliba lil Mosta FC għas-somma ta' £150 u xtraw lill-goalkeeper Montebello mingħand Hibernians għall-istess prezz. Players oħra li ġew akkwistati minn Valletta mingħand Hibernians FC kienu l-wing-half Jackie Grech u Karmenu Gatt.

3. Rabat FC kienu taħt il-gwida tal-coach Joe Griffiths li fl-istaġun ta' qabel kien mexxa lil Floriana FC għar-rebħ tat-tielet kampjonat konsekuttiv tagħhom. Griffiths kien diġà coach tal-Magpies fil-kampjonat 1949-50.

4. Herbert kien naqqas l-iskor lejn it-tmiem iżda r-referee wara li kkonvalida l-goal ikkonsulta mal-linesman u ħassru għaliex il-ballun ġie salvat minn Montebello qabel qabeż il-linja tal-goal.

**11-10-1952**
**Floriana FC v**
**Hibernians FC 2-0 H.T 1-0**
**Ref: Major Alfred P. Briffa R.M.A**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 13' u C. Azzopardi (F) 50'.**

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Ċensu Fenech, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Dr. Benny Camilleri, Lolly Vella, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Victor Portelli, Danny Edwards, Joe Xuereb, Victor Formosa, John Gatt, Johnnie Azzopardi, Joe Vella Borg, John Coreschi, Jean Claude Coulon, J. Cassar.

1. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr il-full-back Joe Grixti u l-attakkant Fredu Church. Griscti kien sospiż logħba wara li tkeċċa fi friendly kontra Sliema Wanderers, fit-28 ta' Settembru, 1952, filwaqt li Church kien qed jirkupra minn operazzjoni tal-ftuq. L-istess Floriana ma setgħux jagħmlu użu minn Lolly Debattista li kien għad fadallu partita sospensjoni x'jiskonta mit-tnejn li kien weħel fil-Cassar Cup fl-istaġun ta' qabel. Minfloku lagħab Willie Xerri.

2. L-istess bħal McKeown tal-Ispartans anke l-akkwist riċenti ta' Floriana Stanley Williams ma setax jiddebutta fil-kampjonat minħabba li ma kienx ilu residenti f'Malta għal tletin ġurnata kif kienu jitolbu r-regolamenti tal-MFA f'dawk iż-żminijiet. Williams però kien diġà ddebutta tlitt ijiem qabel mal-Greens fi friendly kontra l-baħrin tal-vapur tal-passiġġieri Stella Polaris fejn Floriana kienu rebħu 5-0 b'goals minn Benny Camilleri, Tony Vella, In-Najsu Bennetti, Il-Grioss Azzopardi u ż-żagħżugħ promettenti Tony Cauchi.

3. Floriana FC kienu taħt il-gwida ta' Billy Mock, ex-referee u ex-President tal-Malta Football Referees Association. Mock kien irriżenja minn referee u mill-kariga ta' President tal-MFRA biex ikun jista' jsir coach ta' Floriana.

4. Hibernians neħħew lill-outside right Jock Myatt li minkejja li kien player tajjeb ma' Zebbug Rangers fit-Tielet Diviżjoni iżda naqas li jħalli mpressjoni tajba mal-Pawlisti fl-Ewwel Diviżjoni. Huwa reġa' ingħaqad ma' Zebbug Rangers.

5. Il-player ta' Floriana Benny Camilleri, fl-1 t'Ottubru, 1952, kien iggradwa bħala Avukat. Huwa kien irċieva l-lawrja mingħand il-Gvernatur Sir Gerald Creasy.



Azzjoni mill-partita bejn Floriana u Valletta (1952-53)



It-tim ta' Floriana f'Tripoli flimkien mal-kowċ Joe Griffiths

**12-10-1952:**
**Sliema Wdrs. v Birkirkara 0-0**
**Ref: John W. Naudi-Cesareo**

**Sliema Wdrs:** Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Il-Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Piju Lebrun, Ġużi 'Labre' Camilleri, Ġużi Vassallo, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**Birkirkara FC:** Raymond Cosby, Sunny Borg Cardona, Leli 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Kenneth Valenzia, Ġużi Magro, Nazzareno Galea, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

1. Leli Saliba 'Il-Likku' kien ġie trasferit minn ma' Hibernians għal ma' Birkirkara fl-14 ta' Settembru 1952 għas-somma ta' £350 li sa dak in-nhar kienet somma rekord. Eżatt xahar u ġurnata wara pero din is-somma rekord inkisret minn Valletta li kienu ħallsu £400 għall-akkwist tat-Tichy Grech mingħand Floriana.

2. Birkirkara kienu għamlu żewġ akkwisti oħra meta kienu xtraw lil Leli Borg 'Id-Diju' mingħand Sliema Wanderers għal £50 u lill-goalkeeper Venturi mingħand Hibernians għal £27 u għaxar xelini. Venturi qatt ma rnexxielu jilgħab mal-ewwel team ta' Birkirkara. L-Istripes kienu akkwistaw ukoll lil Borg Cardona mingħand Sliema, H. Micallef u Agius mingħand Zebbug Rangers, Vassallo mingħand Mosta, Lentini mingħand Hamrun, Żaren Galea mingħand Birżebbugia u Pawlu Carbonaro mingħand Floriana. Mhux kollha rnexxielhom jidħlu fl-ewwel team filwaqt li oħrajn damu biex iddebuttaw mal-kbar. Carbonaro per eżempju kien iddebutta sentejn wara. Żaren Galea, minn naħa l-oħra, lagħab biss din il-partita.

3. Charlie Mattocks ta' Sliema ġie sospiż għal żewġ partiti u mmultat £1 wara li xxuttja apposta l-ballun fid-direzzjoni tal-partitarji Karkariżi.

5. Ninu Calleja kien ħareġ imweġġa' wara 24 minuta meta ħabat ma' Fredu Preca. Huwa dam barra mil-logħob xahrejn.

4. Sammy Nicholl kien qed jagħmel id-debutt tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni wara li fis-sentejn ta' qabel kien lagħab ma' Zebbug Rangers fit-Tielet u fit-Tieni Diviżjoni. Sammy Nicholl huwa n-neputi tal-leġġendarju Tony Nicholl u ta' Joe Nicholl li kien goalkeeper ta' Sliema Wanderers bejn l-1922 u l-1934. Missieru, James Nicholl, kien ukoll jilgħab il-football ma' Sliema Rangers fejn kien anke wieħed mill-fundaturi tal-club.

5. It-team promoss ta' Birkirkara kellu diversi players ta' esperjenza fl-Ewwel Diviżjoni. Sonny Borg Cardona, 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana u Kenneth Valenzia kollha fil-passat kienu players ta' Sliema Wanderers, 'Il-Likku' Saliba kien jilgħab ma' Naxxar Lions u Hibernians, Fredu Preca ma' Floriana FC u mal-Ispartans, Ġużi Magro ma' Naxxar Lions u Ġużi Pisani ma' Birkirkara stess meta dawn kienu fl-Ewwel Diviżjoni fl-1949-50.

6. Il-goalkeeper Lolly Rizzo kien għal darb'oħra bejn il-lasti tal-Wanderers wara li kien għadu kemm irrifjuta offerta li saritlu mill-club Ingliż tat-Tielet Diviżjoni (South) Northampton Town. Fil-fatt il-Manager tal-club Ingliż Mr. R. S. Dennison kien kiteb lill-goalkeeper Rizzo u offrielu kuntratt wara li l-goalkeeper Malti kien ħalla mpressjoni tajba meta mar għal prova magħhom. Madankollu Rizzo kien kiteb lura lil Mr. Dennison u nfurmah li xtaq jibqa' jilgħab ma' Sliema Wdrs.

7. Kemm il-goalkeeper Cosby kif ukoll Lolly Cuschieri kienu fid-dubju jekk jilagħbux minħabba li kienu għadhom kemm jaslu mill-Ingilterra. Cuschieri kien mar għal prova ma' Blackpool.

8. Il-Wanderers kienu mingħajr il-player Ġużi Cuschieri minħabba li dan kien iddaħħal l-isptar ġurnata qabel fejn kienu sarulu għoxrin punt minħabba ferita f'idejh.

9. L-ex player ta' Sliema Wanderers Sonny Borg Cardona ġie mwissi mir-referee John Naudi talli waqt il-partita kien ixxuttja apposta l-ballun fuq il-partitarji ta' Sliema.

10. Għal dan l-istaġun Sliema Wdrs. ħatru lil Tony Nicholl bħala player-coach tagħhom. Nicholl diġà kellu esperjenza ta' coach meta kien coach ta' Rabat FC fl-istaġun 1950-51 meta dawn kienu rebħu l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni mingħajr ma sofrew goal.

Dak in-nhar ukoll Sliema kienu ltaqgħu kontra Rabat fit-Trophy u Nicholl ma marx jilgħab ma' Sliema, deċiżjoni li kienet qanqlet rabja fil-players anzjani Eddie Cole u Sonny Borg Cardona li kienu rrifjutaw il-faxxa ta' captain minfloku.

**Klassifika:** Ħamrun Sp. FC, Floriana FC u Valletta FC 2 pti.; Sliema Wdrs. FC u Birkirkara FC 1 pt.; St.George's FC, Rabat FC u Hibernians FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorer:** L. Pace (Valletta FC) 3 goals.



Azzjoni mill-partita bejn Floriana u Sliema W. (1952-53)

# Bħal-lum 11-il sena ilu...



**L-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, kien ippakkjat u sa minn sigħat qabel il-bibien kellhom jingħalqu, b'eluf ta' partitarji jitħallew barra. Kien nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 1998, Birkirkara kienu l-protagonisti tal-kampjonat u b'Valletta punt warajhom, l-aħħar konfront kien ifisser ir-rebħ tat-titlu għal wieħed minn dawn iż-żewġ timijiet. L-era tal-isfidi bejn dawn iż-żewġ timijiet kienet bdiet. Għal Valletta din kienet logħba deċiżiva bħal ħafna. Tul iż-żmien minn meta kien imwaqqaf il-klabb tal-kapitali, il-Beltin kienu għaddew minn bosta esperjenzi ta' din ix-xorti, iżda għal Birkirkara dan il-konfront kellu sinjifikat kbir u l-istennija mill-Karkariżi kienet kbira. Kieku Birkirkara akkwistaw punt jew rebħu, għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb tagħhom, kienu jiġu nkurunati bħala champions u għaldaqstant dan kien ifisser ir-rebħ tal-ewwel Kampjonat Premier għalihom. Iżda d-destin mhux hekk ried...**

## KULĦADD GĦAL TA' QALI

Kienet l-aħħar logħba tal-kampjonat, b'Birkirkara jispiċċaw punt fuq l-avversarji tagħhom, propju logħba waħda qabel it-tmiem. Ironikament id-destin ried li proprju fl-aħħar logħba l-Karkariżi jiltaqgħu kontra l-Beltin u matul dawk id-90 minuta jkun deċiż stagun sħiħ. Dak inhar it-toroq f'pajjiżna kienu vojta mit-traffiku, bil-partitarji Karkariżi u Beltin jattendu bi ħġarhom f'Ta' Qali u bid-dilettanti tal-futbol ma jridux jitilfu l-anqas sekonda mill-emozzjoni li dik il-logħba offriet, kulħadd inġabar kmieni fil-madwar tal-Istadium Nazzjonali. U dawk li ma kinux f'Ta' Qali, kienu mwaħħlin mas-settijiet tat-televiżjoni u dan għaliex dak in-nhar il-logħba kienet se tixxandar b'mod dirett

minn Björn Vassallo

fuq it-televiżjoni lokali. Bla dubju din kienet ġurnata storika għall-isport Malti, ġurnata li kemm ir-rebbieħa, it-telliefa u kif ukoll dawk newtrali se jibqgħu jiftakru żgur.
Id-daqq tal-hornijiet beda jirbombja, fuq naħa, fost iċ-ċapċip kienet tinstema' tidwi l-għajta "CITY CITY" u fuq in-naħa l-oħra, bejn bnadar sofor u ħomor, il-partitarji Karkariżi bdew jgħajtu "RAĦAL". Kienet ġurnata ta' festa għall-futbol Malti. Qatt ma konna rajna l-Istadium Nazzjonali mimli hekk għall-logħba tal-kampjonat domestiku. L-ewforija kienet massima u l-esperjenza kienet fantastika, anzi unika, bħal dawk li s-soltu naraw fuq it-televiżjoni, jiġifieri waqt xi logħba mill-kampjonati barranin. Mad-daħla tal-plejers fil-ground, l-għajjat qasam l-atmosfera, il-konfront li kien ilu għaddej staġun sħiħ kien wasal biex ikun mitmum. Iż-żewġ Presidenti taż-żewġ klabbs, Victor Zammit għal Birkirkara u kif ukoll Joe Caruana Curran għal Valletta, dehru jieħdu b'idejn xulxin bħala sinjal ta' sportività, iżda minn hemm 'il quddiem u għal disgħin minuta sħaħ kienu avversarji. Ir-referee, Alfred Micallef, saffar il-bidu tal-logħba u t-tensjoni ħakmet lil dawk kollha preżenti. Issa ma kienx hemm aktar lok għal żbalji, min jitlef kien se jitlef it-titlu. Kull plejer deher determinat li jgħolli x-xetru u b'hekk ma naqasx l-akkaniżmu fosthom, tant, li kollha ġġieldu għal kull ballun. Dak l-istaġun Birkirkara kienu ffirmaw lil ex-plejer Belti, Ivan Zammit u dan kien sar l-idolu tal-Karkariżi. Iżda biex isaħħu l-iskwadra, fis-suq ta' Jannar l-istess Karkariżi kienu ħadu magħhom lil Joe Brincat mingħand Floriana u b'dawn iż-żewġ plejers fl-iskwadra, il-potenzjal tagħhom żdied sew. Valletta wkoll kellhom skwadra b'saħħitha ferm bi plejers bħal Reggie Cini, Joe Camilleri, Nicky Saliba, Joe Zarb, Kris Laferla, Hubert Suda u ż-żgħażagħ Gilbert Agius,


Alfred Micallef, ir-referee li kkontrolla l-logħba

Darren Debono, Jeffrey Chetcuti u Stefan Giglio, żgur li ħallew impatt qawwi fil-futbol Malti u flimkien kien rebħu ħafna suċċessi għal Valletta. Fl-ewwel round tal-kampjonat iż-żewġ naħat kienu ħadu punt kull wieħed wara li l-logħba kienet spiċċat fi draw ta' mingħajr goals, iżda fit-tieni round, Valletta kienu rebħu l-konfront bl-iskor kbir ta' 4-1. Dak iż-żmien il-kampjonat kien jintlgħab fuq tliet rounds u għalhekk kull tim kien jilgħab 27 logħba b'kollox.
Intant l-ewwel emozzjoni vera waslet wara ftit minuti fl-ewwel taqsima meta Birkirkara ingħataw penalty favur tagħhom. Mill-11–il metru mar l-internazzjonali Malti, Joe Brincat, li dak l-istaġun kien spiċċa bħala l-aqwa skorer tal-kampjonat, iżda għad-diżappunt tal-Karkariżi u fost il-ferħ tal-Beltin, Reggie Cini kien irnexxielu jsalva x-xutt ta' Brincat. Ftit minuti wara l-istess entużjażmu reġa' deher evidenti fuq wiċċ il-partitarji taż-żewġ naħat, għaliex fit-30 minuta, Stefan Giglio fetaħ l-iskor għal Valletta. Iżda qabel intemmet l-ewwel taqsima u proprju fl-aħħar minuta tagħha, Birkirkara rnexxielhom jiskorjaw. Il-protagonista ma kien ħadd ħlief, Ivan Zammit, u din id-darba kienu l-partitarji numerużi Karkariżi li nfexxew f'dellirju ta' ferħ. Biex fit-tmiem l-ewwel taqsima kienu Birkirkara li kellhom il-kampjonat f'idejhom u għalihom il-ħolma kienet viċin li ssir realtà.


Joe Zarb l-awtur tat-tieni goal Belti

## IS-SUĊĊESS IMUR GĦAND VALLETTA

Matul it-tieni taqsima ż-żewġ naħat għamlu li setgħu biex ikunu huma r-rebbieħa finali u mhux l-avversarji tagħhom. Valletta, minħabba l-fatt li riedu rebħa biex jiksbu l-quċċata tal-klassifika, kienu xi ftit aktar avventurużi mill-avversarji, bil-Karkariżi jkunu kawti fil-logħob tagħhom, għall-fatt li punt kien biżejjed għalihom. Wara li ż-żewġ goalkeepers salvaw kull ma ġie għal idejhom, Valletta, li kienu sofrew penalty kontra tagħhom matul l-ewwel parti tal-logħba, lejn it-tmiem ingħataw penalty huma. Kien eżatt fis-67 minuta meta Joe Zarb, ġabar il-ballun, poġġieh fuq il-penalty spot, ħa ġirja qasira u b'xutt angolat għeleb lil Charles Sciberras għal skor ta' 2-1. Dawk li kienu hemm, jew min kien qiegħed isegwi fuq it-televiżjoni jiftakar, iżda dawk li qatt ma raw din il-logħba, ma jistgħux jifhmu x'kien ifisser dan il-goal għall-partitarji Beltin. Malli l-ballun deher imiss max-xibka, l-Istadium Nazzjonali sploda bil-briju tal-partitarji ta' Valletta u bil-plejers Beltin jaqbżu fuq l-awtur tal-goal, issa kien fadal biss ftit aktar minn għoxrin minuta biex Birkirkara jsalvaw l-istaġun. Fi ftit minuti dak li deher possibbli, beda jitbiegħed aktar ma beda jgħaddi l-ħin. Il-lum forsi kulħadd jiftakar fl-emozzjonijiet personali li għex dak in-nhar waqt dawk id-90 minuta daqshekk intensi, iżda dak in-nhar l-aspettattiva kienet tant kbira li ħadd ma kien jazzarda jiċċajta. U l-frustrazzjoni Karkariża kibret meta l-logħba daħlet fl-aħħar minuti miżjuda mir-referee u saret disperazzjoni meta r-referee saffar tmiem il-logħba u raw lill-avversarji jifirħu. Il-kampjonat kien ħarbilhom, il-ħolma sfumat fix-xejn, il-wied kien se jibqa' deżert dak il-lejl, mentri fil-kapitali kienu saru ċelebrazzjonijiet kbar. Qabel saret il-preżentazzjoni tat-trofej, l-Istadium Nazzjonali kien diġà nofsu vojt; għall-Karkariżi dik il-ġurnata li kienet ilha mistennija nbidlet f'waħda misħuta.
Dak in-nhar Valletta kienu rebħu s-16–il titlu fl-istorja glorjuża tagħhom, filwaqt li Birkirkara kellhom ibaxxu rashom u jistennew żewġ staġuni oħra biex naqqxu isimhom għall-ewwel darba bħala r-rebbieħa tal-ogħla kampjonat kalċistiku ta' pajjiżna. Dak l-istaġun kien intemm fuq nota negattiva għal Birkirkara, tant li ġimgħatejn wara, nhar l-14 ta' Mejju, l-istess Valletta kienu reġgħu rebħulhom fis-semi-finali tal-kompetizzjoni F.A. Trophy, bl-iskor identiku ta' 2-1. Dik is-sena l-F.A. Trophy kienet mirbuħa minn Hibernians li fil-finali għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 2-1.

**...Ħdax–il sena wara, ż-żewġ timijiet għadhom minn fost ta' quddiem fejn jidħlu l-unuri prinċipali, u jekk dan l-istaġun it-titlu jista' jmur jew għand Valletta jew għand Hibernians, fil-futur m'hemmx dubju li se naraw lill-klabb ta' Birkirkara jżid fuq iż-żewġ kampjonati mirbuħa s'issa. Kieku rebħu l-istaġun 1997-98, kieku llum jgħoddu tliet kampjonati, iżda fil-futbol xejn m'hu ċert u dak li jkun jidher ferm viċin jispiċċa jinbidel f'esperjenza kerha. Li hu żgur hu li dik il-ġurnata se tibqa' fl-istorja tal-futbol Malti.**


GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better
POWERADE



Il-captian ta' Valletta, Kris Laferla, jgħolli t-trofew tar-rebħ tal-Kampjonat

## STATISTIKA

**02-05-1998:**
**Valletta F.C. v Birkirkara F.C. 2-1**
**H.T. 1-1**
Referee: Alfred Micallef

*Valletta F.C.: Reggie Cini, Drasko Braunovic, Sasha Manojlovic (Jeffrey Chetcuti), Kris Laferla, Joe Camilleri, Stefan Giglio, Gilbert Agius, Nicky Saliba, Hubert Suda (Darren Debono), Joe 'Il-Brimba' Zarb, Nenad Veselji (Jeremy Agius)*

*Birkirkara F.C.: Charles Sciberras, Dennis 'Il-Majs' Cauchi, Justin Tellus, Joe 'It-Tivoli' Brincat, Jonathan Magri Overend, Ivan 'Is-Sei' Zammit, Michael Cutajar, Andy Eminyan (Stefan Zahra), Michael Galea (Matthew Calascione), Chucks Nwoko, Antoine Zahra*

Skorjaw: S. Giglio (V) 30, I. Zammit (B) 45, J. Zarb (V) pen. 67

**Klassifika:**

| Tim | L | R | D | T | F | K | Pti. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 27 | 20 | 5 | 2 | 66 | 19 | 65 |
| Birkirkara | 27 | 20 | 3 | 4 | 59 | 22 | 63 |
| Sliema W. | 27 | 18 | 2 | 7 | 64 | 26 | 56 |
| Hibernians | 27 | 15 | 4 | 8 | 50 | 33 | 49 |
| Floriana | 27 | 13 | 6 | 8 | 48 | 27 | 45 |
| Pietà H. | 27 | 10 | 2 | 15 | 40 | 44 | 32 |
| Naxxar L. | 27 | 7 | 7 | 13 | 34 | 47 | 28 |
| Hamrun S. | 27 | 7 | 6 | 14 | 26 | 49 | 27 |
| Xghajra T. | 27 | 2 | 6 | 19 | 18 | 71 | 12 |
| Tarxien R. | 27 | 1 | 3 | 23 | 14 | 81 | 6 |

**L-Aqwa Skorer:** Joe Brincat 19 –il goal (11 Floriana F.C. / 8 Birkirkara F.C.)

# Parteċipazzjoni ta' aktar minn 7000 plejer fil-festivals u l-kampjonati tal-Youth F.A.

Wara li fil-ħarġa ta' Diċembru konna tajna ħarsa lejn l-ewwel 26 Nursery, bid-dati tal-fondazzjoni (affiljazzjoni mal-Youth F.A.) u kif ukoll il-listi tat-timijiet li qegħdin jipparteċipaw matul dan l-istaġun fil-kategoriji kollha, f'din il-ħarġa se nkomplu nagħtu aktar tagħrif dwar il-kumplament tat-23 Nursery u b'hekk inkunu tajna ħarsa kompluta tad-49 Nursery membri fi ħdan il-Youth F.A.

Id-dati murija huma dawk ta' meta Nursery affiljat mal-Youth F.A.. Il-maġġoranza tan-Nurseries għandhom kontinwazzjoni ta' timijiet f'kull kategorija, u dan jawgura tajjeb bħala bażi soda tan-Nursery. Fil-każ ta' Safi, fejn hija l-unika Nursery, fost id-49 li sa dan l-istaġun m'għandhomx tim jikkompeti fil-kampjonat tal-M.F.A., dawn jipparteċipaw biss fil-festivals organizzati mill-Youth F.A. u dejjem skond ir-regolamenti.

| NURSERY | U/17 | U/15 | U/13 | U/11 | U/9 | Fondazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PAOLA HIBS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1982 |
| PEMBROKE ATHLETA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1997 |
| PIETA' HOTSPURS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1987 |
| QORMI | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| RABAT DEPIRO | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1982 |
| SAFI | LE | LE | LE | IVA | IVA | 2000 |
| SAN GWANN | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1993 |
| SENGLEA ATHLETIC | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 2000 |
| SIGGIEWI | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1992 |
| SIRENS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1983 |
| SLIEMA WANDERERS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1983 |
| ST.ANDREWS LUXOL | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1984 |
| ST.GEORGE'S | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1989 |
| ST.PATRICK | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| STA.LUCIA | LE | LE | IVA | IVA | IVA | 1987 |
| XGHAJRA TORNADOES | LE | IVA | LE | IVA | IVA | 2001 |
| STA.VENERA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| TARXIEN RAINBOWS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1985 |
| VALLETTA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| VITTORIOSA STARS | IVA | IVA | LE | LE | LE | 1993 |
| ZEBBUG RANGERS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1992 |
| ZEJTUN CORINTHIANS | LE | IVA | LE | LE | LE | 1994 |
| ZURRIEQ | IVA | IVA | IVA | IVA | LE | 1993 |



WAQT IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TA' JUM L-EWROPA F'PJAZZA SAN ĠORĠ





APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

**First Coin Account**

- **INVEST** in the child's future
- **TEACH** the child about the value of money
- **PROTECT** the child when opening this insurance-linked account
- **SHOW** the child how to benefit from the *First Coin Club*

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank

minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)



L-istatistika ta' plejers reġistrati mal-Youth F.A. u li jipparteċipaw fil-festivals u fun games u kif ukoll dawk reġistrati mal-M.F.A. u li jipparteċipaw fil-Kampjonati U/15 u U/17, hija waħda ferm interessanti. It-tabella ta' hawn taħt turi li dan l-istaġun madwar 7027 plejer huma rreġistrati.

| Festivals/Kampjonat | Eta' | Nru. ta' plejers |
|---|---|---|
| Festivals | Under 09 | 1259 |
| Festivals | Under 11 | 1770 |
| Festivals | Under 13 | 1363 |
| Kampjonati | Under 15 | 1572 |
| Kampjonati | Under 17 | 1063 |

Filwaqt li matul ix-xahar ta' Mejju l-Kampjonati jkunu waslu fil-fażi finali, l-Assoċjazzjoni tkompli l-programm tagħha b'diversi festivals u fun games fid-diversi kategoriji.

### In-Nurseries f'Jum l-Ewropa

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Youth F.A. kienet mistiedna biex tifforma parti mill-programm ta' Jum l-Ewropa, li din is-sena din il-ġurnata kienet iċċelebbrata nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju. Wara li fiż-żewġ edizzjonijiet ta' qabel l-attivitajiet sportivi kienu nżammu ġewwa l-Luxol Ground u s-sena l-oħra fis-Centenary Stadium, din is-sena, din l-attività ta' nofs ta' nhar ta' fun football, inżammet ġewwa x-Xagħra tal-Floriana. B'kollox ipparteċipaw 40 Nursery f'logħob 5 v 5, għal tfal li twieldu fis-sena 2000. L-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta Dr. George Abela, għamel żjara fejn iltaqa' mal-plejers u l-kowċis tan-Nurseries. Fid-diskors tiegħu, il-President tkellem dwar l-importanza tal-isport, kemm dan mhux biss jgħin biex wieħed jikber fiżikament b'saħħtu, iżda wkoll biex wieħed jidra jaħdem fi grupp. Aktar tard in-Nurseries kienu mistiedna fi pjazza San Ġorġ fil-Belt għall-għeluq ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, fejn tifel min-Nursery ta' Dingli Swallows u girl guide, qasmu flimkien mal-President kejk simboliku tal-okkażjoni.

### Panini Fun Football

Għar-raba' sena konsekuttiva, matul ix-xahar ta' Mejju, l-Assoċjazzjoni torganizza żewġ attivitajiet ta' fun football għall-plejers li jkunu twieldu wara l-ewwel ta' Jannar tas-sena 2000. Dawn isiru ġewwa l-Infetti Ground, bil-parteċipazzjoni ta' madwar 40 nursery li għandhom tim f'dawn l-etajiet. F'dawn l-attivitajiet ir-riżultat mhux importanti, iżda l-importanza tingħata kollha lejn il-parteċipazzjoni sħiħa u lejn futbol ta' immaġinazzjoni mit-tfal, dejjem taħt il-ħarsien tal-kowċis tagħhom. Il-Panini, għal darb'oħra sponsors ta' dan l-istaġun, reġgħu għażlu s-slogan ***"let them play and have fun ……,*** messaġġ ċar u sinjifikattiv ħafna, speċjalment f'dawn l-etajiet.

### Jintemmu l-Gatorade Festivals għal dan l-istaġun

Mejju jfisser ukoll it-tmiem ta' dawn il-festivals miftuħa għall-etajiet U/9 u U/13 u li jkunu bdew f'Novembru ta' qabel. Aktar minn 3000 plejer jieħdu sehem f'dawn il-festivals li jinżammu nhar ta' Ħadd f'diversi grounds madwar Malta għall-kategorija U/9 u fis-Centenary Stadium nhar ta' Sibt filgħodu għall-kategorija U/13. Il-kowċis reġjonali tal-M.F.A. josservaw diversi plejers f'dawn il-festivals u dan biex minnhom jintgħażlu għall-prova biex jagħmlu parti mill-iskola tal-futbol ta' l-M.F.A. Il-logħob jintlagħab fuq bażi ta' 7 v 7, b'regolamenti fost oħrajn li l-plejers kollha preżenti jridu jilagħbu għal perijodu ta' ħin indaqs.

### Good Causes K.O. Finals

Matul ix-xahar ta' Mejju, wara li jkunu magħrufa r-rebbieħa tal-kampjonati fid-diversi sezzjonijiet, tinżamm l-aħħar fażi tal-kompetizzjoni Knock-Out. Din il-kompetizzjoni hija magħrufa aħjar bħala l-Good Causes Cup. Għal diversi snin din il-kompetizzjoni kienet magħrufa bħala l-Cassar Shiprepair Cup u aktar riċenti bħala l-Vodafone Cup. Iż-żewġ finali għal dan l-istaġun mistennija jintlagħbu ġewwa l-Luxol Ground nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju. Dak in-nhar jiġi fit-tmiem tiegħu l-istaġun, fejn b'kollox assistejna għal aktar minn 800 logħba mill-kampjonati rispettivi.



PLEJERS MILL-KLABB TA' VALLETTA F.C. JIPPUŻAW FLIMKIEN MA' DR. ĠORĠ ABELA, PRESIDENT TA' MALTA U MA' FR. HILAR TAGLIAFERRO



TFAL JILGĦABU F'WAĦDA MILL-LOGĦBIET FIL-FLORIANA





First Coin Account

- **INVEST** in the child's future
- **TEACH** the child about the value of money
- **PROTECT** the child when opening this insurance-linked account
- **SHOW** the child how to benefit from the *First Coin Club*

*APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.*

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank

## U15 - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | **Naxxar L. vs Birkirkara** | 1-1 |
| 26-04-09 | **St. Andrews vs Valletta** | 0-1 |
| 26-04-09 | **San Gwann vs Sliema W.** | 0-3 |
| 26-04-09 | **Paola H. vs St. Patrick** | 1-0 |
| 26-04-09 | **Pietà H. vs Hamrun S.** | 1-1 |
| 01-05-09 | **Birkirkara vs Pietà H.** | 1-1 |
| 01-05-09 | **Floriana vs Naxxar L.** | 5-0 |
| 01-05-09 | **Mosta vs Hamrun S.** | 1-2 |
| 03-05-09 | **Paola H. vs San Gwann** | 1-0 |
| 09-05-09 | **Valletta vs Pietà H.** | 1-1 |
| 09-05-09 | **Naxxar L. vs St. Andrews** | 0-8 |
| 09-05-09 | **St. Patrick vs Mosta** | 1-2 |
| 09-05-09 | **Sliema W. vs Hamrun S.** | 0-2 |
| 09-05-09 | **Birkirkara vs Floriana** | 0-2 |
| 12-05-09 | **Hamrun S. vs Valletta** | 1-1 |
| 12-05-09 | **St. Patrick vs Naxxar L.** | 2-0 |
| 16-05-09 | **Pietà H. vs Floriana** | 1-1 |
| 17-05-09 | **Mosta vs St. Andrews** | 2-1 |
| 17-05-09 | **Sliema W. vs Paola H.** | 2-4 |
| 17-05-09 | **Birkirkara vs San Gwann** | 2-0 |

## Klassifika U15 - Sezzjoni A

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola H. | 22 | 18 | 4 | 0 | 42 | 5 | 58 |
| Sliema W. | 22 | 12 | 4 | 6 | 38 | 23 | 40 |
| Pieta' H. | 22 | 10 | 8 | 4 | 42 | 20 | 38 |
| Hamrun S. | 22 | 11 | 4 | 7 | 34 | 21 | 37 |
| Birkirkara | 22 | 9 | 8 | 5 | 30 | 21 | 35 |
| Valletta | 22 | 6 | 13 | 3 | 22 | 14 | 31 |
| St. Patrick | 22 | 9 | 3 | 10 | 22 | 29 | 30 |
| Mosta | 22 | 8 | 2 | 12 | 20 | 37 | 26 |
| St. Andrew' s | 22 | 7 | 4 | 11 | 32 | 28 | 25 |
| Floriana | 22 | 6 | 5 | 11 | 21 | 26 | 23 |
| San Gwann | 22 | 3 | 7 | 12 | 15 | 36 | 16 |
| Naxxar L. | 22 | 0 | 4 | 18 | 4 | 62 | 4 |

## U15 - Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | **Marsa vs Pembroke A.** | 0-4 |
| 25-04-09 | **Melita vs Gozo** | 0-0 |
| 25-04-09 | **Qormi vs Mellieha** | 0-0 |
| 25-04-09 | **Sirens vs Rabat D.** | 0-3 |
| 25-04-09 | **Tarxien R. vs Kirkop U.** | 2-0 |
| 25-04-09 | **Balzan Y. vs Birzebbuga W.** | 1-1 |
| 01-05-09 | **Kirkop U. vs Mellieha** | 5-0 |
| 01-05-09 | **Tarxien R. vs Melita** | 1-5 |
| 01-05-09 | **Marsa vs Balzan Y.** | 4-0 |
| 02-05-09 | **Rabat D. vs Pembroke A.** | 1-3 |
| 02-05-09 | **Birzebbuga W. vs Sirens** | 0-0 |
| 02-05-09 | **Gozo vs Qormi** | 1-1 |
| 09-05-09 | **Balzan Y. vs Mellieha** | 0-1 |
| 09-05-09 | **Pembroke A. vs Kirkop U.** | 4-0 |
| 09-05-09 | **Sirens vs Qormi** | 1-0 |
| 10-05-09 | **Rabat D. vs Marsa** | 1-0 |
| 10-05-09 | **Gozo vs Tarxien R.** | 0-3 |
| 10-05-09 | **Melita vs Birzebbuga W.** | 1-2 |
| 16-05-09 | **Marsa vs Gozo** | 1-1 |
| 16-05-09 | **Melita vs Pembroke A.** | 1-6 |
| 16-05-09 | **Rabat D. vs Balzan Y.** | 1-0 |
| 17-05-09 | **Mellieha vs Sirens** | 0-0 |
| 17-05-09 | **Qormi vs Tarxien R.** | 0-3 |
| 17-05-09 | **Kirkop U. vs Birzebbuga W.** | 0-1 |

## Klassifika U15 - Sezzjoni B

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke Ath. | 22 | 18 | 2 | 2 | 86 | 14 | 56 |
| Marsa | 22 | 16 | 1 | 5 | 52 | 23 | 49 |
| Gozo | 22 | 13 | 6 | 3 | 42 | 26 | 45 |
| Rabat A. | 22 | 13 | 5 | 4 | 37 | 18 | 44 |
| Tarxien R. | 22 | 13 | 2 | 7 | 40 | 27 | 41 |
| Melita A. | 22 | 9 | 4 | 9 | 41 | 28 | 31 |
| Birzebbuga W. | 22 | 7 | 4 | 11 | 24 | 35 | 25 |
| Kirkop U. | 22 | 6 | 6 | 10 | 29 | 35 | 24 |
| Qormi | 22 | 4 | 8 | 10 | 26 | 41 | 20 |
| Sirens | 22 | 3 | 8 | 11 | 13 | 39 | 17 |
| Mellieha | 22 | 2 | 3 | 17 | 12 | 62 | 9 |
| Balzan Y. | 22 | 1 | 5 | 16 | 10 | 64 | 8 |

## U15 - Sezzjoni Ċ1

| | | |
|---|---|---|
| 26-04-09 | **Zejtun C. vs Fgura U.** | 4-0 |
| 02-05-09 | **Vittoriosa S. vs Mgarr U.** | 1-6 |
| 02-05-09 | **Zejtun C. vs Gudja U.** | 5-0 |
| 03-05-09 | **Fgura U. vs Gzira U.** | 2-3 |
| 09-05-09 | **Vittoriosa S. vs Fgura U.** | 2-6 |
| 16-05-09 | **Gudja U. vs Fgura U.** | 1-0 |
| 16-05-09 | **Gzira U. vs Ghaxaq** | 3-1 |
| 18-05-09 | **Vittoriosa S. vs Ghaxaq** | 1-4 |
| 23-05-09 | **Gudja U. vs Mgarr U.** | 2-1 |
| 24-05-09 | **Gzira U. vs Zejtun C.** | 0-2 |

## Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ1

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 12 | 10 | 1 | 1 | 45 | 9 | 31 |
| Mgarr Utd. | 12 | 7 | 2 | 3 | 32 | 15 | 23 |
| Fgura Utd. | 12 | 7 | 1 | 4 | 34 | 19 | 22 |
| Gzira Utd. | 12 | 5 | 3 | 4 | 21 | 17 | 18 |
| Gudja Utd. | 12 | 4 | 2 | 6 | 16 | 20 | 14 |
| Ghaxaq | 12 | 4 | 1 | 7 | 15 | 45 | 13 |
| Vittoriosa S. | 12 | 0 | 0 | 12 | 10 | 58 | 0 |

## U15 - Sezzjoni Ċ2

| | | |
|---|---|---|
| 26-04-09 | **Marsaxlokk vs Sta. Venera U.** | 0-1 |
| 26-04-09 | **Attard vs St. George's** | 1-2 |
| 26-04-09 | **Dingli S. vs Zebbug R.** | 1-0 |
| 01-05-09 | **Mqabba vs Zebbug R.** | 0-1 |
| 02-05-09 | **St. George's vs Dingli S.** | 0-1 |
| 03-05-09 | **Attard vs Marsaxlokk** | 8-1 |
| 10-05-09 | **Dingli S. vs Sta. Venera U.** | 1-0 |
| 10-05-09 | **Mqabba vs St. George's** | 2-1 |
| 16-05-09 | **Marsaxlokk vs St. George's** | 0-4 |
| 16-05-09 | **Mqabba vs Sta. Venera U.** | 0-0 |
| 17-05-09 | **Dingli S. vs Attard** | 0-1 |
| 17-05-09 | **Marsaxlokk vs Zebbug R.** | 0-5 |

## Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ2

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 9 | 6 | 3 | 0 | 23 | 5 | 21 |
| Dingli S. | 8 | 5 | 2 | 1 | 15 | 6 | 17 |
| Sta. Venera Utd. | 9 | 4 | 2 | 3 | 15 | 13 | 14 |
| Zebbug R. | 9 | 4 | 1 | 4 | 23 | 13 | 13 |
| Mqabba | 9 | 3 | 3 | 3 | 15 | 12 | 12 |
| St George`s | 8 | 2 | 0 | 6 | 10 | 28 | 6 |
| Marsaxlokk | 8 | 0 | 1 | 7 | 5 | 29 | 1 |

## U15 - Sezzjoni Ċ3

| | | |
|---|---|---|
| 26-04-09 | **Siggiewi vs Luqa SA** | 4-1 |
| 26-04-09 | **Msida SJ vs Xghajra T.** | 3-0 |
| 01-05-09 | **Msida SJ vs Senglea A.** | 6-1 |
| 03-05-09 | **Siggiewi vs Lija-Iklin** | 2-4 |
| 03-05-09 | **Luqa SA vs Zurrieq** | 0-2 |
| 10-05-09 | **Zurrieq vs Senglea A.** | 4-1 |
| 16-05-09 | **Lija-Iklin vs Xghajra T.** | 4-1 |
| 17-05-09 | **Zurrieq vs Siggiewi** | 0-3 |
| 17-05-09 | **Luqa SA vs Msida SJ** | 0-3 |
| 20-05-09 | **Lija-Iklin vs Luqa SA** | 1-0 |



Paola Hibs U17
Sezzjoni A







Hamrun Spartans U17
Sezzjoni B

### Klassifika U17 - Sezzjoni B

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hamrun S. | 22 | 16 | 4 | 2 | 56 | 10 | 52 |
| Qormi | 22 | 14 | 4 | 4 | 49 | 19 | 46 |
| Balzan Y. | 22 | 13 | 5 | 4 | 50 | 26 | 44 |
| Mellieha | 22 | 13 | 4 | 5 | 50 | 24 | 43 |
| Tarxien R. | 22 | 11 | 5 | 6 | 44 | 33 | 38 |
| Msida SJ | 22 | 11 | 2 | 9 | 33 | 30 | 35 |
| Pembroke A. | 22 | 10 | 3 | 9 | 35 | 35 | 33 |
| Mosta | 22 | 9 | 4 | 9 | 39 | 32 | 31 |
| Lija-Iklin | 22 | 6 | 6 | 10 | 27 | 38 | 24 |
| Attard | 22 | 3 | 6 | 13 | 19 | 47 | 15 |
| Zebbug R. | 22 | 4 | 1 | 17 | 20 | 63 | 13 |
| Sirens | 22 | 0 | 0 | 22 | 6 | 71 | 0 |

### U17 - Sezzjoni Ċ1

| | | |
|---|---|---|
| 10-05-09 | **Gozo vs Dingli S.** | 8-0 |

### Klassifika U17 - Sezzjoni Ċ1

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 17 | 15 | 0 | 2 | 84 | 9 | 45 |
| Marsaxlokk | 16 | 12 | 2 | 2 | 60 | 13 | 38 |
| Kalkara SJ | 16 | 11 | 1 | 4 | 41 | 21 | 34 |
| Senglea Ath. | 16 | 10 | 2 | 4 | 45 | 31 | 32 |
| Dingli S. | 17 | 5 | 3 | 9 | 18 | 38 | 18 |
| Sta. Venera Utd. | 16 | 4 | 2 | 10 | 12 | 38 | 14 |
| Fgura Utd. | 16 | 3 | 2 | 11 | 24 | 58 | 11 |
| Ghaxaq | 16 | 2 | 3 | 11 | 18 | 52 | 9 |
| Siggiewi | 16 | 2 | 3 | 11 | 27 | 69 | 9 |

### Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ3

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lija-Iklin | 9 | 8 | 0 | 1 | 33 | 8 | 24 |
| Msida S.J. | 9 | 7 | 0 | 2 | 32 | 10 | 21 |
| Siggiewi | 9 | 6 | 1 | 2 | 23 | 13 | 19 |
| Senglea A. | 10 | 4 | 0 | 6 | 12 | 29 | 12 |
| Luqa S.A. | 8 | 2 | 1 | 5 | 8 | 24 | 7 |
| Xghajra T. | 10 | 1 | 3 | 6 | 8 | 21 | 6 |
| Zurrieq | 9 | 1 | 1 | 7 | 9 | 20 | 4 |

UNDER 15 KNOCK-OUT COMPETITION

| | | |
|---|---|---|
| 20-05-09 | **Zejtun C. vs Marsa** | 0-8 |
| 21-05-09 | **Pembroke A. vs Paola H.** | 1-1 (6-5 pen) |
| 21-05-09 | **Sliema W. vs Attard** | 1-0 |
| 23-05-09 | **Lija-Iklin vs Pietà H.** | 2-3 |

### U17 - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 26-04-09 | **Rabat D. vs San Gwann** | 1-1 |
| 01-05-09 | **Pietà H. vs Naxxar L.** | 3-0 |
| 01-05-09 | **Paola H. vs Birkirkara** | w/o |
| 01-05-09 | **Valletta vs Melita** | 1-3 |
| 03-05-09 | **Floriana vs Rabat D.** | 2-0 |
| 10-05-09 | **Paola H. vs San Gwann** | 2-0 |

### Klassifika U17 - Sezzjoni A

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola H. | 22 | 17 | 3 | 2 | 60 | 18 | 54 |
| Pieta' H. | 22 | 16 | 2 | 4 | 54 | 10 | 50 |
| Floriana | 22 | 13 | 4 | 5 | 53 | 27 | 43 |
| San Gwann | 21 | 12 | 6 | 3 | 49 | 18 | 42 |
| Melita A. | 22 | 11 | 6 | 5 | 46 | 24 | 39 |
| Rabat D. | 22 | 9 | 7 | 6 | 41 | 31 | 34 |
| Valletta | 22 | 6 | 7 | 9 | 33 | 32 | 25 |
| Naxxar L. | 22 | 7 | 3 | 12 | 38 | 52 | 24 |
| Birkirkara | 22 | 5 | 5 | 12 | 21 | 50 | 20 |
| Sliema W. | 22 | 4 | 4 | 14 | 30 | 47 | 16 |
| St. Patrick | 21 | 5 | 1 | 15 | 23 | 55 | 16 |
| St. Andrew' s | 22 | 1 | 2 | 19 | 12 | 96 | 5 |

### U17 - Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 25-04-09 | **Hamrun S. vs Zebbug R.** | 12-0 |
| 26-04-09 | **Mellieha vs Pembroke A.** | 2-1 |
| 26-04-09 | **Balzan Y. vs Tarxien R.** | 4-1 |
| 01-05-09 | **Mellieha vs Balzan Y.** | 2-2 |
| 10-05-09 | **Hamrun S. vs Mellieha** | 0-0 |

### U17 - Sezzjoni Ċ 2

| | | |
|---|---|---|
| 26-04-09 | **Marsa vs Mgarr U.** | 1-4 |
| 26-04-09 | **Gzira U. vs St. George's** | 3-3 |

### Klassifika U17 - Sezzjoni Ċ2

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr Utd. | 16 | 13 | 2 | 1 | 46 | 9 | 41 |
| Kirkop Utd. | 16 | 11 | 3 | 2 | 42 | 11 | 36 |
| Birzebbuga W. | 16 | 11 | 2 | 3 | 39 | 16 | 35 |
| Zurrieq | 16 | 8 | 3 | 5 | 25 | 19 | 27 |
| St George` s | 16 | 7 | 1 | 8 | 34 | 28 | 22 |
| Gudja Utd. | 16 | 5 | 2 | 9 | 21 | 27 | 17 |
| Gzira Utd. | 16 | 4 | 4 | 8 | 17 | 24 | 16 |
| Marsa | 16 | 4 | 0 | 12 | 23 | 47 | 12 |
| Vittoriosa S. | 16 | 0 | 1 | 15 | 12 | 78 | 1 |

### UNDER 17 KNOCK-OUT COMPETITION

| | | |
|---|---|---|
| 17-05-09 | **Pietà H. vs Mgarr U.** | 6-0 |
| 17-05-09 | **Balzan Y. vs Gozo** | 2-4 pen |
| 18-05-09 | **San Gwann vs Qormi** | 2-1 |
| 20-05-09 | **Paola H. vs Hamrun S.** | 1-1 (6-5 pen) |
| 24-05-09 | **San Gwann vs Pietà H.** | 3-0 |
| 24-05-09 | **Gozo vs Paola H.** | 0-2 |

Nurseries 22



**Nurseries 22 fuq Education 22**
Nhar ta' Ħamis fis-7.00 pm
Nhar ta' Ġimgħa fl-10.00am (R)
Nhar ta' Sibt fl-4.30pm (R)
Il-Program ta' informazzjoni dwar in-Nurseries ippreżentat minn Mario Pisani



# ...bla kumment!












BUZU
7
JUVENTUS
VALLETTA F.C.
BARCLAYS
NATIONAL
PREMIER
DIADORA
11


MALTA F.A
TeamSport
lotto




Michael Regan Livepic - © Action images Limited
Call us anytime on Freephone 8007 2121 or 146 from your GO Mobile
www.go.com.mt
SPORTS+ includes MUTV, LFCTV, Arsenal TV and Chelsea club channels and can be subscribed to as an add on to any of the TV packages that start from €2.33 monthy. Each subscription is limited to one
issued to new and existing customers who agree to retain their GO Plus TV and voice post-paid service for a minimum period of 24 months. Free installation is provided when paying 6 months in

MADE FOR YOU

# The new Wimbledon covered exclusively by GO

Watch Wimbledon Championship 2009 under your own roof with SPORTS+ TV. All the action starts on 22nd June, so call today to subscribe and get your free set-top box and free installation.

SPORTS+ TV for **only €9.55 monthly**




set- top box and entitles you to watch SPORTS+ on your mobile for free. Alternatively if you are not subscribed to SPORTS+, you can stream it on your GO Mobile at a cost. The free set-top box will be advance on SPORTS+ TV. Other terms & conditions apply




Barcelona jifirhu bis-suċċess tagħhom



Samuel Eto'o jiftaħ l-iskor għal Barcelona



Lionel Messi jirdoppja għall-Katalani

## Semi-Finali (I Leg)

28.04.2009 - 20.45 hrs

**Barcelona** 0
**Chelsea** 0
**Nou Camp**

**Barcelona** – Victor Valdes, Daniel Alves, Gerard Pique, Rafael Marquez (Carles Puyol 52), Eric Abidal, Xavi, Yaya Toure, Andres Iniesta, Lionel Messi, Samuel Eto'o (Bojan Krkic 82), Thierry Henry (Aleksandr Hleb 87)
Kowċ – Josep Guardiola

**Chelsea** – Petr Cech, Branislav Ivanovic, John Terry, Alex, Jose Bosingwa, Michael Essien, John Obi Mikel, Michael Ballack (Nicolas Anelka 95), Frank Lampard (Juliano Belletti 71), Florent Malouda, Didier Drogba
Kowċ – Guus Hiddink

**Referee** – Wolfgang Stark (Ġermanja)

## Semi-Finali (I Leg)

29.04.2009 - 20.45 hrs

**Man Utd** 1
J. O'Shea 17
**Arsenal** 0
**HT 1-0 Old Trafford**

**Man Utd** – Edwin Van der Sar, John O'Shea, Rio Ferdinand (Jonny Evans 87), Nemanja Vidic, Patrice Evra, Darren Fletcher, Michael Carrick, Anderson (Ryan Giggs 67), Cristiano Ronaldo, Carlos Tevez (Dimitar Berbatov 67), Wayne Rooney
Kowċ – Alex Ferguson

**Arsenal** – Manuel Almunia; Bacary Sagna, Kolo Toure, Mikael Silvestre, Kieran Gibbs, Abou Diaby, Alex Song, Theo Walcott (Nicklas Bendtner 70), Cesc Fabregas, Samir Nasri, Emmanuel Adebayor (Eduardo Da Silva 82)
Kowċ – Arsene Wenger

**Referee** – Claus Bo Larsen (Danimarka)

## Semi-Finali (II Leg)

06.05.2009 - 20.45 hrs

**Chelsea** 1
M. Essien 9
**Barcelona** 1
A. Iniesta 93
**HT 1-0 Stamford Bridge**

**Chelsea** – Petr Cech, Jose Bosingwa, Alex, John Terry, Ashley Cole, Michael Essien, Michael Ballack, Frank Lampard, Nicolas Anelka, Didier Drogba (Juliano Belletti 72), Florent Malouda
Kowċ – Guus Hiddink

**Barcelona** – Victor Valdes,Daniel Alves, Gerard Pique, Yaya Toure, Eric Abidal, Xavi, Sergio Busquets (Bojan Krkic 85), Seydou Keita, Lionel Messi, Samuel Eto'o (Silvinho 97), Andres Iniesta (Eidur Gudjohnsen 96)
Kowċ – Josep Guardiola

**Referee** – Tom Henning Ovrebo (Norveġja)

**Tkeċċa** – E. Abidal 65 (B)

**Aggregate: Barcelona v Chelsea 1-1**
**Barcelona jgħaddu bil-goal away**

## Semi-Finali (II Leg)

05.05.2009 - 20.45 hrs

**Arsenal** 1
R. Van Persie 76 pen
**Man Utd** 3
Park Ji-Sung 8, C. Ronaldo 11, 61
**HT 0-2 Emirates Stadium**

**Arsenal** – Manuel Almunia, Bacary Sagna, Kolo Toure, Johan Djourou, Kieran Gibbs (Emanuel Eboue 46) Theo Walcott (Nicklas Bendtner 63), Cesc Fabregas, Alex Song, Samir Nasri, Robin Van Persie (Carlos Vela 78), Emmanuel Adebayor.
Kowċ – Arsene Wenger

**Man Utd** – Edwin Van der Sar; John O'Shea, Rio Ferdinand, Nemanja Vidic, Patrice Evra (Rafael 64), Cristiano Ronaldo, Darren Fletcher, Michael Carrick, Anderson (Ryan Giggs 62), Park Ji-Sung, Wayne Rooney (Dimitar Berbatov 65)
Kowċ – Alex Ferguson

Referee – Roberto Rosetti (Italja)

Tkeċċa – Darren Fletcher 75 (MU)

**Aggregate: Man Utd v Arsenal v 4-1**




It-tim ta' Barcelona qabel il-final

# Barcelona Champions Ewropej




It-tim ta' Manchester United qabel il-final

**Finali**

**27.05.2009 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| **Barcelona** | **2** |
| S. Eto'o 19, L. Messi 70 | |
| **Man Utd** | **0** |
| HT 1-0 Stadio Olimpico, Ruma | |

**Barcelona** – Victor Valdes; Carles Puyol, Yaya Toure, Gerard Pique, Silvinho, Sergio Busquets, Xavi, Andres Iniesta (Pedro Rodriguez 92), Lionel Messi, Samuel Eto'o, Thierry Henry (Seydou Keita 72)
*Kowċ* – Josep Guardiola

**Man Utd** – Edwin van der Sar, John O'Shea, Rio Ferdinand, Nemanja Vidic, Patrice Evra, Park Ji-sung (Dimitar Berbatov 67), Michael Carrick, Anderson (Carlos Tovoz 46), Ryan Giggs (Paul Scholes 75), Cristiano Ronaldo, Wayne Rooney
*Kowċ* – Alex Ferguson

**Referee** – Massimo Busacca (Svizzera)
**Assistenti** – Matthias Arnet, Francesco Buragina (Svizzera)
**Raba' Uff.** – Claudio Circhetta (Svizzera)
**Ammoniti** – G. Pique (B); C. Ronaldo, P. Scholes, N. Vidic (MU)

# LIVE & EXCLUSIVE this June on melita sports




## Melita Malta Football Awards

**8th Edition** *Tuesday 2 June at 8:30pm*




## 2010 FIFA World Cup Qualifiers

**Sweden v Malta** *Wednesday 10 June at 7pm*
**Brazil v Paraguay** *Thursday 11 June at 1:50am*




## NBA Finals

**East v West** *this June*



## Barclays Premier League

**Review of the Season** *Monday 1 June at 6pm*
**Goals of the Season** *Monday 1 June at 7pm*



## Masters Football

**Northern Midlands** *Saturday 20 June*
**Midlands Masters** *Saturday 27 June*




**UCI Mountain Bike World Cup**
Fort William, UK — Monday 15 June
Maribor, Slovenia — Monday 29 June




**Porsche Carrera Cup 2009**
Nurnberg, Germany — Thursday 28 June




**WWE**
WWE Judgement Day — Monday 1 June at 7pm
WWE Extreme Rules — Monday 22 June at 7pm



**Cold Water Classic Series**
Western Cape, SA — *Wednesday 10 June*



**Red Bull X-Fighters**
Calgary, Canada — Wednesday 3 June




**Red Bull Air Race**
Ontario, Canada
unday 14 June




**Audi MedCup Circuit 2009**
City of Alicante — *Monday 1 June*
City of Marseille — *Monday 29 June*



**Red Bull Cliff Diving**
Rotterdam, Netherlands — Monday 29 June

## Get ready for a *Grand Slam Summer!*

For further information call **27 270 270**

melita
*Your world with you*

*Programming and schedule are subject to change at any time.*

**www.melita.com**



# Johann Galea jirrepeti s-suċċess fin-Nofs Maratona

JOHANN GALEA F'ĦIN TA' 1:16.54 REBAĦ GĦAT-TIENI SENA KONSEKUTTIVA N-NOFS MARATONA TA' GĦAWDEX. DIN L-34 EDIZZJONI TAL-MARATONA REĠGĦET KIENET WAĦDA TA' SUĊĊESS KEMM F'DIK LI HI PARTEĊIPAZZJONI U KIF UKOLL FL-ORGANIZZAZZJONI TAD-DIVERSI TLIELAQ LI SARU. GĦAL DARB'OĦRA NUMRU SABIĦ TA' ATLETI GĦAWDXIN, MALTIN U KIF UKOLL XI BARRANIN ĦADU SEHEM FID-DIVERSI KATEGORIJI, FOSTHOM DAWK TAN-NOFS MARATONA, IT-TELLIEQA TAT-8 MILI, TAL-4 KM, TAŻ-2 KM U L-FUN RUN.

In-Nofs Maratona, li tifforma parti mill-kalendarju atletiku ta' pajjiżna, ġiet mirbuħa minn Galea, li kien segwit minn Drew Lang b'ħin ta' 1:18.13. Fit-tielet post spiċċa Rodney Cassar b'ħin ta' 1:22.49. Hekk kif jindikaw il-ħinijiet tal-ewwel tliet atleti, bejniethom kien hemm sfida tajba sal-aħħar. Għalkemm ir-rekord tal-Maratona jibqa' dak ta' Charles Cilia, meta fl-2006, kien rebaħ f'ħin ta' 1:11.40.

F'temp sajfi, din il-maratona toffri sfida unika għaliex tgħaddi minn qalb il-pjanura Għawdxija u minn diversi toroq tal-kampanja. Bir-rotta tinkludi diversi tlajja u nżul u l-fatt li tgħaddi minn qalb il-pjazzez ta' mill-inqas sebat irħula Għawdxin, tagħmel lil din il-maratona waħda unika u nteressanti.

L-ewwel mara li spiċċat in-Nofs Maratona kienet Marisa Muscat b'ħin ta' 1:34.06 u l-ewwel Għawdxi kien Robin Harris b'ħin ta' 1:33.22.

It-tiġrija tat-8 mili ntrebħet minn Jonathan Balzan meta rreġistra ħin ta' 43.30, ħin li kważi kien biżżejjed biex jikser ir-rekord ta' din it-tiġrija, rekord li jinsab f'idejn Charles Cilia meta s-sena li għaddiet irreġistra ħin ta' 43.14. Fit-tieni u fit-tielet post daħlu Jason Martin b'ħin ta' 45.19 u David Sammut b'ħin ta' 50.36 rispettivament.

Għal diversi snin ir-rekord ta' din it-tiġrija kien f'idejn Drew Lang, rebbieħ ta' seba' edizzjonijiet konsekuttivi, bl-aħjar ħin tiegħu ikun dak tal-2001 meta rreġistra ħin ta' 44.31. L-ewwel Għawdxi kien Frankie Muscat b'ħin ta' 56.40, segwit minn Joseph Galea b'ħin ta' 57.49. Fil-kategorija tan-Nisa ħarġet rebbieħa l-atleta, Angele Sammut, b'ħin ta' 55.01, segwita minn Pauline Vella li rreġistrat ħin ta' 58.21. L-ewwel Għawdxija f'din il-kategorija kienet Modianne Aguis li daħlet f'ħin ta' 1.10.03.

Fit-tigrija tal-4 km, miftuħa għal tfal ta' bejn it-12 u s-16–il sena, fil-kategorija tas-subien ħareġ rebbieħ Christian Cardona, filwaqt li f'tal-bniet rebħet Hannah Pace. Joseph Xerri spiċċa l-ewwel fis-sezzjoni U/15 tas-subien. Francesco Attard daħal l-ewwel fis-sezzjoni U/13, Matthew Theuma fis-sezzjoni U/12 u Miguel Tabone daħal bħala l-ewwel Għawdxi fis-sezzjoni U/13.

Fit-tigrija taż-2 km, miftuħa għal tfal ta' etajiet żgħar, Michael Paul Camilleri segwit minn Izak Grima spiċċaw fl-ewwel postijiet fil-kategorija tas-subien. Gabriella Saliba daħlet l-ewwel fit-taqsima tal-bniet, segwita minn Michaela Galea. Joseph Xuereb rebaħ is-sezzjoni U/11 tas-subien u Francesca Attard dik tal-bniet. L-iċkejken Anthony Xuereb rebaħ is-sezzjoni U/9.

B'kollox kienu mqassma madwar 95 trofew, filwaqt li kull parteċipant ingħata midalja, tifkira u kif ukoll trofew. Interessanti kien is-sehem inkoraġġanti ta' dawk li ħadu sehem fil-Fun Run, fejn kienu diversi l-ġenituri li ġrew ma' wliedhom biex jagħmlulhom il-kuraġġ. Ma' dawn il-ġenituri ingħaqad ukoll Ronald McDonald, li ġera fil-Fun Run mat-tfal.

In-Nofs Maratona kienet għal darb'oħra organizzata mill-Gozo Amateur Athletic Association (GAAA), bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra u x-Xagħra Youth Centre.

Għal aktar informazzjoni, riżultati u ħinijiet uffiċjali wieħed għandu jżur is-sit elettroniku www.gozomarathon.org






# Sannat Lions F.C. jsiru Champions Għawdxin għad-disa' darba

Sannat Lions immexxija mill-ex-plejers tagħhom, il-President Teddy Bajada u l-kowċ Diato Spiteri, dan l-istaġun ġew inkurunati bħala ċ-Champions il-ġodda tal-futbol Għawdxi meta fl-aħħar logħba, li għalqet is-60 Kampjonat Għawdxi tal-Ewwel Diviżjoni, huma rnexxielhom jirbħu l-konfront kontra SK Victoria Wanderers. B'goal f'kull taqsima, mill-veteran Sabri Rais, huma aċċertaw mill-ewwel post u għaldaqstant rebħu t-titlu. Sannat Lions minn dan l-aħħar konfront riedu tal-inqas punt biex jirritornaw bit-titlu fil-vetrini tagħhom u dan wara sawma ta' 19-il sena. Kien suċċess meritat fejn minkejja xi żelqiet li ħadu, urew karattru u baqgħu jemmnu li setgħu jirkupraw b'mod immedjat, biex finalment iċċelebraw b'mod xieraq fl-okkażjoni tad-disa' kampjonat. Issa l-Lions jinsabu titlu wieħed biss inqas minn Victoria Hotspurs u Nadur Youngsters, li t-tnejn riċentement poġġew l-istilla tal-għaxar kampjonat tagħhom
Fi tmiem l-aħħar logħba, Alvin Grech il-President u Joe Bajada s-Segretarju Ġenerali tal-GFA, ippreżentaw l-unuri lit-tim rebbieħ.

## Klassifika Finali Kampjonat Melita I DIV

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sannat Lions F.C. | 18 | 11 | 3 | 4 | 32 | 16 | 36 |
| Ghajnsielem F.C. | 18 | 9 | 6 | 3 | 34 | 26 | 33 |
| Victoria Hotspurs F.C. | 18 | 9 | 2 | 7 | 34 | 28 | 29 |
| SK Victoria Wanderers F.C. | 18 | 6 | 6 | 6 | 21 | 17 | 24 |
| Nadur Youngsters F.C. | 18 | 5 | 6 | 7 | 20 | 21 | 21 |
| Kercem Ajax F.C. | 18 | 4 | 7 | 7 | 29 | 35 | 19 |
| Qala St Joseph F.C. | 18 | 1 | 6 | 11 | 14 | 41 | 9 |

*Qala St. Joseph – Relegati*



# Xewkija Tigers F.C. promossi

Xewkija Tigers immexxija mill-kowċ Mario Bonello u mgħejjun mill-President u l-ex-plejer Jeffrey Farrugia, irnexxielhom jirbħu iċ-Championship Decider li kellha tintlagħab biex jiġi deċiż ir-rebbieħ ta' dan il-50 Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, wara li l-istess Tigers spiċċaw fl-ewwel post bi 38 punt flimkien mat-tim ta' Xagħra United. Dawn iż-żewġ naħat reġgħu għal-darb'oħra offrew sfida mill-isbaħ, logħba li ġibdet folla ferm tajba lejn il-Gozo Stadium. Kienet logħba eċċitanti li ssodisfat lil dawk preżenti, bir-rebħa setgħet marret fuq kull naħa. Xewkija Tigers rebħu dan il-kampjonat għas-seba' darba fl-istorja tagħhom u għalhekk se jkunu qegħdin jirritornaw fl-Ewwel Diviżjoni wara nuqqas ta' żewġ staġuni. Fil-fatt l-istaġun li għadda kienu viċin, iżda kienu tilfu d-decider kontra t-tim ta' Kercem Ajax. Din id-darba x-xorti daħket lilhom u akkwistaw il-promozzjoni. Xaghra United li offrew sfida denja lil Xewkija Tigers, tilfu ċ-ċans li jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni, wara li sfaw megħluba minn Kercem Ajax bl-iskor ta' 4-1 fil-Promotion/Relegation Decider.
Fi tmiem il-logħba kontra Xagħra u wara li l-plejers u l-uffiċjali kollha ta' Xewkija kienu ppreżentati bil-midalji, il-captian tat-tim Joseph Cefai, kien ippreżentat bit-Tazza tal-Kampjonat minn Alvin Grech, il-President tal-GFA. Preżenti kienu wkoll Joe Bajada u George Cini, Segretarju Ġenerali u Teżorier tal-istess Assoċjazzjoni.

## Klassifika Finali Kampjonat Melita II DIV

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xewkija Tigers F.C. | 18 | 11 | 5 | 2 | 40 | 14 | 38 |
| Xaghra United F.C. | 18 | 11 | 5 | 2 | 41 | 17 | 38 |
| St Lawrence Spurs F.C. | 18 | 8 | 3 | 7 | 29 | 24 | 26 |
| Gharb Rangers F.C. | 18 | 6 | 8 | 4 | 29 | 32 | 26 |
| Munxar Falcons F.C. | 18 | 3 | 7 | 8 | 22 | 28 | 16 |
| Zebbug Rovers F.C. | 18 | 4 | 3 | 11 | 22 | 41 | 15 |
| Oratory Youths F.C. | 18 | 2 | 5 | 11 | 14 | 41 | 11 |

*Xewkija Tigers – Promossi*



# Joe Caruana Curran

Fl-isport tkun xi tkun, atleta, amministratur jew partitarju, kulħadd iħobb jirbaħ u ħadd ma jħobb jitlef. Wieħed minn dawk l-amministraturi li rebaħ ħafna fil-kamp tal-futbol kien Joe Caruana Curran jew kif isibuh ħafna, is-Sur Joe. Mingħajr tlaqliq, il-partitarji Beltin iqisuh bħala wieħed mill-kbar, fost l-aqwa li qatt eżistew u r-rispett lejh huwa kbir u għadu jinħass sal-lum, snin wara li ħalla t-tmexxija tal-klabb Belti f'idejn nies oħra. Iżda s-Sur Joe mhux mill-poplu Belti biss igawdi stima, iżda wkoll minn dawk kollha li għexu ż-żmien meta hu kien President tal-klabb ta' Valletta. Kien bniedem li feraħ fiż-żmien tas-suċċessi, iżda mhux biss, bniedem li dejjem kien eżempju ċar ta' l-irġulija kemm ma' ta' madwaru u kif ukoll mal-avversarji tiegħu. Il-lum is-Sur Joe m'għadux attiv fil-kamp kalċistiku, għalkemm il-futur għadu mhux miktub, iżda s-servizz tiegħu fl-isport xorta waħda għadu jagħtih. Fil-fatt ftit tax-xhur ilu ħa l-kariga ta' President tal-Malta Billiards and Snooker Association u dan l-aħħar sar membru fil-Bord tad-Diretturi tal-Kunsill Malti għall-iSport. Probabbilment li dan mhux kollox u fi ftit ġimgħat oħra għad irridu nisimgħu b'kariga oħra mportanti li Joe Caruana Curran mistenni jkun nominat għaliha. Insomma bniedem ta' dan il-kalibru, żgur li huwa ċertezza ta' suċċess u investiment għall-futur.

> **Jekk irridu nisfruttaw lill-atleti tagħna bl-aħjar mod, irridu nagħtu eżempju bil-professjonalità**
>
> **– Joe Caruana Curran, President MBSA**



### Għal żmien twil President

Għadni niftakar qisu l-bieraħ meta diversi persuni kienu talbuni jekk kontx lest nikkunsidra li noħroġ għall-elezzjoni għall-kariga ta' President tal-klabb ta' Valletta. Niftakar li ċ-Chief Salinos kien ma jiflaħx f'dak il-perijodu u bdew jaħdmu biex isibu persuna oħra. Kont tħajjart għaliex minn dejjem kont partitarju Belti. Missieri fil-passat kien plejer ta' Valletta u dawn iż-żewġ affarijiet ħeġġewni biex ninvolvi ruħi. Fil-fatt ftit wara, ġejt maħtur president tal-klabb u għamilt kważi għoxrin sena f'din il-kariga. Matul dawn iż-żminijiet kien hemm mumenti ta' dwejjaq u dispjaċir, iżda fil-maġġoranza kellna aktar jiem sbieħ fejn iċċelebrajna u ħadna gost għas-suċċessi li konna niksbu. Meta tkun qiegħed tmexxi klabb ma tistax tippretendi li se tirbaħ dejjem, iżda aħna naħseb li ma nistgħux ingergru minn dan, f'dak il-perjodu l-unuri mirbuħa kienu kostanti. Dawk ir-riżultati ma setgħux ikunu possibbli li kieku madwari ma kelliex persuni oħra li taw kemm felħu biex dejjem wasalna u lħaqna kull għan li kellna. Kellna plejers tajbin f'kull perjodu, il-kowċis kienu wkoll strumentali fis-suċċessi miksuba u dawn in-nies, li kienu s-sinsla tat-timijiet Beltin ta' dawk iż-żminijiet, għadhom sal-lum f'moħħ kulħadd.

### Il-ħabib ta' kulħadd

Xi kultant il-passjoni li kull wieħed ikollu għall-klabb tiegħu tispiċċa taqbeż il-limitu. Kulħadd jiġbed lejn l-interessi tiegħu, iżda dan dejjem matul id-disgħin minuta. Jien qatt ma kont ridt inkun fuq in-naħa t-telliefa, iżda m'hemmx dubju li tul dawn is-snin mal-avversarji tiegħi dejjem imxejt b'mod korrett. Niftakar fil-piki ma' Hamrun Spartans, ironikament wieħed mill-akbar ħbieb tiegħi kien sar il-mibki Victor Tedesco. Niftakar ukoll fiż-żmien ta' wara meta r-rivalità sportiva kienet bejna u Birkirkara. Nistqarr li jiena u Victor Zammit għadna ħbieb sew sal-lum il-ġurnata. Konna nirrispettaw lil xulxin u għalkemm tul il-logħba konna nsiru avversarji, dan kollu kien jispiċċa eżatt mat-tisfira finali. Naħseb fl-għoxrin sena li għamilt fil-kamp kalċistiku, kien hemm ħafna aktar nies li kienu jirrispettawni milli nies li ma kinux u dan minkejja l-fatt li tul dawk is-snin kollha konna rebbieħa f'ħafna okkażjonijiet.

Is-sodisfazzjon wara dan kollu huwa dak li meta tkun irtirajt mill-kariga, tieħu gost tiltaqa' ma' nies mill-klabb tiegħek u oħrajn minn klabbs oħra, li jiġu u jeħdulek b'idejk, jitkellmu miegħek u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mingħajr l-ebda rimors jew dispjaċir. Dan biss huwa biżżejjed biex ngħid li l-esperjenza tiegħi fil-futbol kienet waħda pożittiva.

### Wara karriera twila fil-futbol issa sport ieħor

Kollox kien beda xi sentejn ilu. Kienu ġew xi plejers tal-isnooker, ħbieb tiegħi u qaluli jekk ridtx ngħin fl-MBSA. Il-logħba kienet minn dejjem togħġobni u kien żmien li kont ilni li waqaft mill-futbol u b'hekk ħassejt li kelli nerġa' ninvolvi ruħi f'xi ħaġa. Ġraw iċ-ċirkostanzi li ġraw u fi żmien qasir spiċċajt bħala President tal-MBSA. Kienu ppproponewni għal din il-kariga, il-president ta' qabli u kif ukoll Alex Borg, ir-rappreżentant tal-plejers fuq il-bord. Kontestazzjoni ma kienx hemm u għaldaqstant ħadt f'idejja t-tmexxija. Id-dixxiplini tal-billiards u l-isnooker ġabu lejn dan il-pajjiż riżultati memorabbli, kemm f'livell Ewropew u kif ukoll mondjali. Fl-individwali konna kemm champions tal-Ewropa u kif ukoll tad-dinja - it-tim Malti rebaħ darbtejn il-Kampjonati Ewropej, jiġifieri dawn id-dixxiplini minn dejjem kienu protagonisti u nistgħu nkomplu niksbu s-suċċessi fil-futur ukoll. Tony Drago kien wieħed minn dawk li għamel isem għalih u għal

Din l-intervista saret fil-Misto Cafè ġewwa Tas-Sliema

MISTO
cafe • restaurant • venue

pajjiżna, kien hemm żmien fejn dan kien fost l-aqwa għaxar plejers tad-dinja, livell ta' kwalità kbira. L-isbaħ ħaġa ta' dan l-isport huwa li baqa' jikber u nfirex mill-pajjiżi Britanniċi u wasal ukoll fl-Asja. Il-lum lokalment forsi m'għandniex atleta fil-livell ta' Tony Drago, iżda kif wasal Tony fis-snin li għaddew, persważ li jistgħu jaslu aktar atleti.

### Il-futur tal-logħba f'pajjiżna

L-Assoċjazzjoni tinsab taħdem fuq diversi prioritajiet, fosthom fuq il-livell tal-atleti tagħna u dan biex nippruvaw nitjiebu f'ħafna aspetti. In-numru ta' plejers li pparteċipaw fid-diversi kampjonati matul din is-sena kien ilaħħaq il-170 u l-livell kien wieħed relativament tajjeb. Wara li rajt x'livell hawn, se nkun qiegħed naħdem fuq esperjenzi internazzjonali għall-atleti tagħna u dan biex il-livell lokali jogħla. Importanti li dawn ikunu kontinwi. Qabel l-għajnuniet kienu limitati u kien biss l-aqwa plejer li kien jirċievi nċentivi biex jipparteċipa barra l-pajjiż. Jien deherli li dan ma kienx ġust u biżżejjed u għaldaqstant irrid nassigura li aktar plejers imorru jilagħbu barra u aħna rridu nagħmluha faċli għalihom biex dan iseħħ. Il-plejers f'dawn id-dixxiplini jridu ħafna serħan tal-moħħ u għalhekk ma jistgħux jibdew jaħsbu dwar min u kif se jkun iffinanzjat il-vjaġġ tagħhom, iżda għandhom ikunu trankwilli u jikkonċentraw biss fuq il-kompetizzjonijiet li jkunu se jieħdu sehem fihom. Dawn iridu jaslu għal-logħob bis-serħan psikoloġiku li huma bħal kull atleta ta' kull pajjiż ieħor jinsabu hemm biex jirbħu f'isem Malta. Diġà bdejna nimxu b'dan il-mod. Eżempju ċar kienu l-Kampjonati Ewropej li saru fl-Awstrija u dawk taż-żgħażagħ li saru f'St. Petersburg, fir-Russja u b'hekk ilħaqna x-xewqa li konna poġġejna quddiemna. Matul ix-xahar id-dieħel se jkollna wkoll il-kampjonati ndividwali li mistennija jsiru fil-Belġju u hemmhekk ukoll pajjiżna se jkollu parteċipazzjoni qawwija. F'dawn il-kampjonati mistennija jipparteċipaw tliet plejers Maltin, Alex Borg li huwa n-numru wieħed f'Malta, Clayton Castaldi u kif ukoll Tony Drago li mistenni jerġa' jipparteċipa wara nuqqas ta' diversi snin. Fl-istess ħin jekk irridu li l-logħba timxi 'l quddiem irridu nieħdu ħsieb it-tfal li qegħdin jipprattikaw dan l-isport. Sfortunatament f'pajjiżna m'għandniex plejers femminili li jipparteċipaw - barra hemm nisa daqs kemm hemm irġiel. Nixtieq li nibdew ninvestu f'dan ir-rigward ukoll. Din is-sena organizzajna kampjonat tal-U/16 u dan wara nuqqas ta' erba' snin. F'dan il-kampjonat jipparteċipaw tfal ta' kull età, saħansitra kellna diversi li għadhom l-anqas biss għalqu l-għaxar snin. Fil-fatt ir-rebbieħ ta' dan il-kampjonat għadu kif għalaq 13–il sena. Irid isir investiment qawwi fl-infrastruttura fejn dawn it-tfal ikunu jistgħu jilagħbu b'mod aktar faċli. Il-lum il-postijiet fejn atleta jista' jilgħab huma l-każini tal-baned, sportivi jew politiċi. Bla dubju, dawn m'humiex postijiet sani għat-tfal u għalhekk huwa fil-ħsieb tagħna li niffurmaw akkademja. Dià tlabna lill-Kunsill Malti għall-iSport sabiex jgħinuna nsibu post adekwat biex inkunu nistgħu nħarrġu liż-żgħar tagħna aħjar. Jekk dan iseħħ ikollna l-opportunità sabiex norganizzaw il-kompetizzjonijiet b'mod aħjar u bil-parteċipazzjoni ta' atleti barranin. Dan il-post għandu jservi ta' bażi wkoll għall-plejers nazzjonali biex ikunu jistgħu jiltaqgħu fih u jipprattikaw flimkien b'mod aktar konvenjenti. Plejers tal-billiards jew tal-isnooker għandhom ikunu mħarrġa fl-etajiet iż-żgħar biex tisfrutta l-aħjar tagħhom. Plejers ta' aktar minn 20 sena tant ikunu ilhom jilagħbu u tant jippersistu dejjem bl-istess żbalji, li din issir parti mit-teknika tagħhom. Il-ġisem ikun dara ċertu pożizzjonijiet li m'humiex perfetti għal-logħba u dan huwa detriment, għaliex ħafna drabi mpossibbli tibdel l-istil li jkun ġo plejer. Għalhekk irridu nieħdu ħsieb li plejer ma jintilifx u jispiċċa f'livell ta' plejer tajjeb, iżda mhux eċċezzjonali. Irridu li dawk it-tfal bit-talent inwassluhom sal-livell eċċezzjonali. F'pajjiżna kellna ħafna plejers eċċezzjonali, fosthom Pawlu Mifsud, Ġużi Grech, Tony Drago, Richard Axiaq, Alex Borg, Duncan Bezzina, Fredu Borg, Simon Zammit u oħrajn. Sfortuna għalina hija li l-baħar jifridna mill-kumplament tal-Ewropa u ninsabu ftit 'il bogħod miċ-ċentru ta' dan l-isport, li huwa fost il-pajjiżi Britanniċi u fejn il-plejers jiltaqgħu flimkien u jagħmlu diversi sigħat jitħarrġu flimkien. Aħna qegħdin nippruvaw inbiddlu xi ftit affarijiet f'dan is-sens, iżda ħadd ma jista' jippretendi li fi ftit żmien nistgħu nibdlu r-rutina li l-plejers draw. Biss ninsab ċert li min għandu għal qalbu l-logħba u jrid jasal f'livell mondjali, jekk jagħmel l-isforz neċċessarju, jista' jasal. Ma ninsewx li fl-ogħla livelli f'pajjiżna trid titħarreġ mill-inqas għal tliet sigħat kuljum u fl-ogħla livelli mondjali atleta jrid jitħarreġ mill-inqas għal sitt sigħat kuljum. Hawn plejers li saru champions tad-dinja għal aktar minn darba u sal-lum għadhom jitħarrġu għal aktar minn ħames sigħat kuljum. F'din il-logħba jrid ikollok ħafna dixxiplina u dedikazzjoni, għaliex il-lum għandek il-perfezzjoni u għada le.

### Il-viżjoni sportiva tas-Sur Joe

Kollox idur u jibbaża fuq id-dixxiplina personali. Eżempju, din is-sena ridt li kull plejer li jipparteċipa fil-Kampjonat tal-U/16 jilbes bħal kull plejer li jilgħab fil-Kampjonat Premier f'pajjiżna, jiġifieri li jilbes qalziet iswed, sidrija u ċoff. Tifel ta' dik l-età irid jibda minn żgħir ikun professjonali. Din il-problema teżisti f'kull tip ta' sport f'pajjiżna u nistgħu biss nikbru u nimxu 'l quddiem jekk l-atteġġjament tagħna l-amministraturi, il-kowċis u l-ġenituri jkun wieħed professjonali fil-konfront taż-żgħar tagħna. Jien dejjem emmint u fl-esperjenza tiegħi tal-futbol għext ħafna minn dawn il-mumenti, li anke meta t-tim ta' Valletta lgħabna kontra Rangers, Juventus u Porto, għalkemm tul id-disgħin minuta l-avversarji tagħna kienu superjuri, fil-granet ta' qabel, waqt u wara l-logħba stajna nuru kemm konna professjonali bl-atteġġjament li użajna kemm bejnietna u kif ukoll mal-avversarji. Dan ifisser li nistgħu nkunu dejjem fil-livell tal-barranin, forsi ħlief għal xi mumenti fil-kompetizzjoni sportiva, iżda bħala karattru u dehra m'għandna qatt inkunu inferjuri.

Jekk indaħħlu aktar serjetà f'dan l-aspett żgur li nikbru. Ħafna mill-affarijiet li jseħħu huma konsegwenza ta' kif timxi u taġġixxi l-amministrazzjoni u għalhekk jekk irridu nisfruttaw lill-atleti tagħna bl-aħjar mod, irridu nagħtu eżempju bil-professjonalità. Hemmhekk biss tibda tara r-riżultati. Nispera li din l-ambizzjoni tiegħi, kemm f'din l-assoċjazzjoni u kif ukoll fil-futbol, fejn jien qattajt parti twila minn ħajti, verament iseħħ u dan biex inxejru l-bandiera ta' pajjiżna bl-aħjar mod possibbli. Dejjem konna poplu li dħalna għall-isfidi u żgur li fl-isport nistgħu naslu ferm aktar milli wasalna.



# Sliema jirbħu

## l-Kampjonat tax-Xitwa



Din l-edizzjoni ntrebħet minn Sliema li kellhom jiġu minn wara biex jilħqu lil Neptunes, fl-aħħar logħba u b'hekk jisfurzaw logħba deċiżiva.
Wara l-logħob ta' l-ewwel round kienu Neptunes, bil-punti massimi, segwiti minn Sliema, Sirens u San Ġiljan li daħlu fil-grupp għar-rebħ tal-kampjonat waqt li Exiles u Marsascala marru fil-grupp għall-pożizzjoni fil-klassifika.
F'dan il-kampjonat daħlu jilagħbu wkoll it-tim Malti ta' Taħt l-20 sena bi preparazzjoni għall-impenji futuri, imma l-logħob tagħhom ma kienx jgħodd għall-ksib ta' punti.
Fit-tieni round Malta U/20 komplew maż-żewġ timijiet tan-naħa ta' isfel fil-klassifika.
Fit-tieni fażi, Neptunes u Sliema komplew jirbħu l-logħbiet tagħhom sakemm iltaqgħu kontra xulxin, fl-aħħar logħba, li rebħu Sliema biex laħqu lil Neptunes fil-quċċata tal-klassifika u għaldaqstant kien hemm il-ħtieġa li tintlagħab logħba deċiżiva.
Sliema rebħu faċilment biex rebħu l-kampjonat għar-raba' darba wara nuqqas ta' għaxar snin mill-aħħar darba ta' dan is-suċċess.

### It-Tieni Round

**L-ewwel ġurnata**

*Sliema* ........ 8
*Sirens* ........ 5
(2-2, 1-0, 3-3, 2-0)

*Neptunes* ........ 11
*San Giljan* ........ 7
(2-2, 2-3, 2-1, 5-1)

*Exiles* ........ 11
*Marsascala* ........ 7
(5-3, 2-0), 1-3, 3-1)

**It-tieni ġurnata**

*Sliema* ........ 9
*San Giljan* ........ 4
(2-0, 1-1, 3-1, 3-2)

*Neptunes* ........ 11
*Sirens* ........ 3
(3-0, 4-0, 1-3, 3-0)

*Exiles* ........ 9
*Malta U/20* ........ 8
(2-1, 4-2, 2-3, 1-2)

**It-tielet ġurnata**

*Neptunes* ........ 3
*Sliema* ........ 6
(1-2, 1-4, 1-0, 0-0)

*Sirens* ........ 9
*San Giljan* ........ 9
(4-0, 2-5, 0-2, 3-2)

*Malta U/20* ........ 3
*Marsascala* ........ 3
(0-1, 0-1, 1-1, 2-0)

**Klassifika - Kif spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes | 8 | 7 | 0 | 1 | 75 | 39 | 14 |
| Sliema | 8 | 7 | 0 | 1 | 85 | 40 | 14 |
| Sirens | 8 | 3 | 1 | 4 | 50 | 66 | 7 |
| San Giljan | 8 | 2 | 1 | 5 | 46 | 65 | 4 |
| Exiles | 6 | 2 | 0 | 4 | 37 | 46 | 4 |
| Marsascala | 6 | 0 | 0 | 6 | 29 | 56 | 0 |

(Punti miżjuda mill-ewwel round)

**Logħba deċiżiva għar-rebħ tal-Kampjonat**

*Sliema* ........ 9
*Neptunes* ........ 4
(4-0, 4-3, 0-1, 1-0)

**L-aħjar skorers - Kif spiċċaw**

23 J. Soler - Sliema
21 M. Stellini - Neptunes
21 N. Lanzon - Neptunes
18 M. Pisani - Neptunes
16 C. Zammit - Sirens
16 K. Galea - Neptunes
15 J. Valletta - Sliema
15 M. Meli - Sliema
15 J. Pace Lupi - Exiles
15 R. Mock - Malta U/20
12 P. Borg - Malta U/20
11 T. Sullivan - Exiles
11 J. Camilleri - Malta U/20
10 J. Licari - M'skala

**Il-kampjonat tax-Xitwa ntrebaħ hekk:**

| | |
|---|---|
| 7 | Neptunes |
| 4 | Sliema |
| 3 | Sirens |
| 1 | San Giljan |

**Rebbieħa: Kampjonat tax-Xitwa**

| | |
|---|---|
| 1994 | Neptunes |
| 1995 | San Ġiljan |
| 1996 | Sliema |
| 1997 | Sirens |
| 1998 | Sliema |
| 1999 | Sliema |
| 2000 | Neptunes |
| 2001 | Sirens |
| 2002 | Neptunes |
| 2003 | Neptunes |
| 2004 | Neptunes |
| 2005 | Ma sarx |
| 2006 | Neptunes |
| 2007 | Sirens |
| 2008 | Neptunes |
| 2009 | Sliema |

Referees - Kontroll ta' partiti9 P. Balzan, 7 M. Angileri, 7 A. De Raffaele, 6 M. Dalli 6 I. Sciriha, 6 R. Spiteri, 5 M. Caruana, 4 S. Licari

## Kampjonati Ewropej tal-Waterpolo – U/20 Tournament ta' kwalifikazzjoni

Iż-żgħażagħ Maltin sabu diffikultà kbira meta kkompetew kontra żewġ timijiet b'saħħithom ferm bħal ma huma r-Russja u Olanda. Iż-żewġ timijiet l-oħra fil-grupp kienu fil-kalibru tal-Maltin, iżda kemm it-tim ta' Iżrael u kif ukoll dak ta' Moldova, spiċċaw qabilna fil-klassifika.
L-aħjar skorer Malti kien Jerome Gabarretta, li spiċċa b'10 goals, segwit minn Jordan Camillei, b'6 goals.

### L-ewwel ġurnata

Malta .......................................6
Moldova ..................................7
(2-2)(0-4)(2-1)(2-0)

Olanda .....................................7
Iżrajel.......................................6
(3-3)(3-3)(1-0)(0-0)

### It-tieni ġurnata

Malta .......................................8
Iżrajel.....................................10
(4-1)(2-2)(1-3)(1-4)

Russja ....................................13
Iżrajel.......................................6
(1-1)(3-1)(4-2)(5-2)

Moldova ..................................4
Olanda ...................................13
(0-4)(0-2)(1-4)(3-3)

Russja .......................................7
Olanda .....................................4
(3-1)(1-1)(2-1)(1-1)

### It-tielet ġurnata

Malta .......................................2
Russja ....................................18
(0-5)(2-3)(0-4)(0-6)

Iżrajel.....................................11
Moldova ..................................9

### Ir-raba' ġurnata

Malta .......................................7
Olanda ...................................15
(3-2)(3-5)(0-5)(1-3)

Russja ....................................25
Moldova ..................................3
(4-0)(8-0)(9-1)(4-2)

**Klassifika Finali**

| Tim | R | D | T | F | K | Pti. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Russja | 4 | 0 | 0 | 63 | 15 | 12 |
| Olanda | 3 | 0 | 1 | 39 | 24 | 9 |
| Iżrajel | 2 | 0 | 2 | 33 | 37 | 6 |
| Moldova | 1 | 0 | 3 | 23 | 55 | 3 |
| Malta | 0 | 0 | 4 | 23 | 50 | 0 |

## Kampjonati LEN Ewropej B - Irġiel Tournament ta' kwalifikazzjoni

It-tim Malti kellu prestazzjoni mill-aqwa meta l-plejers Maltin immexxija bil-forza ta' Steve Camilleri, plejer li kellu staġun impenjattiv mat-tim Taljan tal-1 Diviżjoni RN Bogliasco, irnexxielhom jirbħu b'mod faċli kontra t-tliet timijiet avversarji. Fl-iskwadra tat-tim Malti kien hemm ukoll Matthew Zammit, li bħalissa jinsab jilgħab mat-tim Taljan tat-2 Diviżjoni, RN Imperia.
Malta, flimkien mat-tim ta' Georgia, ikkwalifikaw għall-finali, fejn jingħaqdu mal-Belarus, Franza, ir-Renju Unit, l-Olanda, is-Slovenja, l-Ukrajna u l-iSvizzera. Il-finali se jintlagħbu matul ix-xahar ta' Settembru, f'Lugano, fl-Isvizzera.
Steve Camilleri spiċċa l-aħjar skorer tat-tournament, b'total ta' 22 goal, waqt li għat-tim Malti John Soler skorja 9 goals u Michele Stellini 6 goals.

**It-tim Malti kien iffurmat minn dawn il-plejers:**
1. Josie Cachia, 2. Nikki Lanzon, 3. Mattew Zammit, 4. Paul Privitera 5. Mark Meli, 6. John Soler, 7. Steve Camilleri, 8. John Brownrigg 9. Jurgen Borg, 10. Jonathan Valletta, 11. Matthew Pisani, 12. Michele Stellini, 13. Nikki Gouder
Kowċ: Sergio Afric,
Asst. Kowċ: Peter Decesare

### L-ewwel ġurnata

Malta .....................................20
Irlanda ......................................8
(5-0)(3-2)(5-4)(7-2)

Georgia ..................................15
Fillandja ...................................4
(1-0)(4-1)(6-2)(4-1)

### It-tieni ġurnata

Fillandja ...................................2
Malta .....................................22
(0-2)(0-5)(1-7)(1-8)

Irlanda......................................8
Georgia ..................................24
(0-6)(1-8)(4-5)(3-5)

### It-tielet gurnata

Malta .....................................11
Georgia ....................................5
(4-3)(4-1)(2-1)(1-0)

Fillandja ...................................2
Irlanda......................................4
(0-1)(0-1)(2-1)(0-1)

**Klassifika Finali**

| Tim | R | D | T | F | K | Pti. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | 3 | 0 | 0 | 53 | 15 | 9 |
| Georgia | 2 | 0 | 1 | 44 | 23 | 6 |
| Irlanda | 1 | 0 | 2 | 20 | 46 | 3 |
| Filandja | 0 | 0 | 3 | 8 | 41 | 0 |







# Il-Logħob jirritorna f'Ċipru wara 20 sena



L-uffiċjali li se akkumpanjaw lil Team Malta

Il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa jirritorna f'Ċipru wara nuqqas ta' għoxrin sena.

Fl-1989, Ċipru kienet organizzat it-tielet edizzjoni tal-Logħob, fejn il-kontinġent Malti, li dakinhar kellu bħala Chef de Mission lil Dr. Lino Farrugia Sacco, il-lum President tal-Kumitat Olimpiku Malti, kien kompla fejn ħalla sentejn qabel f'Monaco, speċjalment permezz tal-koppja tat-tennis, Helen Asciak u Carol Curmi li kienu rebħu mill-ġdid il-midalja tad-deheb fid-doubles tat-tennis. Alex Bezzina, il-lum wieħed mill-uffiċjali ewlenin tal-Federazzjoni Maltija tal-Judo, wara li fl-1985 kien ġarr il-bandiera Maltija, f'Nicosia, kien irnexxielu jirbaħ il-midalja tal-fidda fil-kategorija – 78 kg, filwaqt li Jason Trevisan kien rebaħ dik tal-bronż fil-kategorija – 71 kg. F'dik l-edizzjoni iżda wasal ukoll l-ewwel riżultat pożittiv u l-ewwel midalja fl-atletika wara li Gerald Degaetano kien rebaħ il-midalja tal-bronz fl-10, 000 metru. Dan kollu apparti l-midalja tal-bronż li Helen Asciak u Carol Curmi qasmu bejniethom fil-kompetizzjoni tas-singles tat-tennis.

Din it-13 –il Edizzjoni tal-Logħob mistennija tkun sfida ġdida għall-Kumitat Olimpiku Malti. Dan għaliex huwa fatt li TEAM MALTA huwa għaddej minn fażi ta' transizzjoni, fejn flimkien ma' atleti stabbiliti wħud minnhom b'parteċipazzjoni u riżultati pożittivi f'dan il-Logħob, hemm oħrajn żgħażagħ b'uħud ta' eta' zgħira, li iżda huma garanzija għall-futur u din l-edizzjoni tista' sservi ta' prova għall-progress li huma stess wettqu f'dawn l-aħħar xhur.

TEAM MALTA se jieħu sehem fi 11 –il dixxiplina li hemm fil-programm, fejn għall-ewwel darba dan il-Logħob se jsir f'żewġt ibliet separati, f'Limassol u Nicosia.

Il-Kontinġent tal-Kumitat Olimpiku Malti se jkun magħmul minn:

Imħallef Lino Farrugia Sacco - President
Vince Scicluna - Chef de Mission
Julian Pace Bonello - Vici President
Mark Cutajar - Direttur tal-isport
Adele Muscat - Ass. Chef de Mission
Charles Camenzuli - Direttur tal-Media
Anthony Chircop - Membru tal-Ezekuttiv
Dr. Lucienne Attard - Chairperson – Kummissjoni Medika
Dr. Danica Spiteri - Medical Officer
Milos Stanisavljevic - Fiżjoterapista
Geraldine Bezzina - Fiżjoterapista
Kristjan Briffa - Fiżjoterapista

- L-atleti u l-uffiċjali li se jiffurmaw parti minn TEAM MALTA għall-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'Ċipru huma dawn :




**ATLETIKA**

Mario Bonello - 100m, Relay
Rachid Chouhal - Relay
James D'Alfonso - 400m, Relay
Mario Debono - 800m, Relay
Karl Farrugia - 100m, Relay
Andy Grech - Long Jump, Triple Jump, Relay
Mark Herrera - 800m, 1500m
Nicolai Portelli - 100m, 200m, 400m, Relay
Charlene Attard - 100m, Relay
Diane Borg - Relay
Giselle Camilleri - 5000m, 10000m
Celine Pace - 400m, 800m, Relay
Alessandra Pace - Triple Jump, Long Jump
Angie Mangion - Long Jump, Triple Jump,
Dorianne Micallef - Relay
Lara Scerri - 100m, 200m, Relay
Marija Sciberras - 100 Hurdles
Martina Xuereb - Relay
Francesca Xuereb - 400m, Relay
Carol Walsh - 10,000m

**Uffiċjali - Atletika**

Mario Micallef
Lara Gerada
Maurice Spiteri




**BASKETBALL NISA**

Leanne Sciberras
Kirstin Micallef
Loretta Ellul
Kaila Agius
Caroline Fenech
Amanda Sciortino
Josephine Grima
Rebecca Brincat
Joselle Cardona
Doreen Parnis
Cristina Grima
Ashleigh Vella

**BASKETBALL IRĠIEL**

Omar Said
Silvio Cassar
Michael Naudi
Kristin Baldacchino
Addison Bonnici
Marco Mercieca
Steve Schembri
Dirk Schembri
Adrian Micallef
Marco Matijevic
Peter Schultz

**Basketball - Uffiċjali**

Louis Azzopardi
Sandro Farrugia
Santino Coppa
Bruno Di Pietrantonio
Emanuele Sgarlata




**MOUNTAIN BIKE**

Marie Claire Aquilina
Etienne Bonello
Maurice Formosa

**Mountain Bike - Uffiċjali**

Charles Sammut
Stephen Camilleri




**ĠINNASTIKA**

Kirsty Caruana
Nicole Pace
Adreana Zammit
Philip Caruana Turner

**Ġinnastika - Uffiċjali**

Roberto De Santis
Plamen Angelov Peynov




**JUDO**

Kriss Law - 60Kg
Brent Law - 66Kg
James Falzon - 73 Kg
Tiziana Apap - 48 Kg
Susanna Vella - 52Kg

minn Charles Camenzuli

Johanna Camilleri - 57Kg
Marcon Bezzina - 63 Kg
Il-judokas kollha se jiehdu sehem ukoll fit-team event

**Judo - Uffiċjali**
Alfredo Monti
Alex Bezzina




**IBBURDJAR OPTIMIST**
Edward Fleri Soler
Karl Miggiani
Thomas Zammit Tabona
Nicola Manduca

**LASER STANDARD**
Benji Borg
Zak Borg
Jan Rossi

**LASER RADIAL**
Rachel D'Amato
Maya Podesta

**Ibburdjar - Uffiċjali**
Mario Aquilina
Jean Paul Fleri Soler




**SPARAR**
William Chetcuti - Double Trap
Derek Bonanno - Double Trap
Clive Farrugia - Skeet
Paul Vella - Skeet
Frans Pace - Trap
Nazzareno Attard - Trap
Rebecca Madyson - Trap
Kathryn Cassar - Trap
William Vella - 10m Air Rifle

**Sparar - Uffiċjali**
Saviour Portelli
John Mary Bugeja




**GĦAWM**
Nicol Cremona
Talisa Pace
Nikki Muscat
Davina Mangion
Melinda Sue Micallef

**Għawm - Uffiċjali**
Chris Agius
Andrew Colhburn




**TENNIS**
Matthew Asciak
Daniel Ceros
Kim Cassar
Elaine Genovese
*It-tennisti li se jieħdu sehem kemm fit-tennis kif ukoll fid-doubles*

**Tennis - Uffiċjali**
William Portelli
Rob Tarpey




**TABLE TENNIS**
Simon Gerada
Daniel Bajada
*Il-players ser jiehdu sehem kemm fid-doubles u kemm fis-singles*

**Table Tennis - Uffiċjal**
Andrei Makowski




**BEACH VOLLEY**
Daniel Gauci
Paul Vella

**Beach Volley - Uffiċjal**
Branko Vlahovic




**Total ta' midalji mirbuħa minn MALTA mill-1985**

| Pajjiż Organizattiv | Sena | Midalji Deheb | Midalji Fidda | Midalji Bronż | Total Midalji |
|---|---|---|---|---|---|
| San Marino | 1985 | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Monaco | 1987 | 1 | 1 | 4 | 6 |
| Ċipru | 1989 | 1 | 1 | 3 | 5 |
| Andorra | 1991 | 1 | 2 | 4 | 7 |
| Malta | 1993 | 4 | 7 | 16 | 27 |
| Lussemburgu | 1995 | 1 | 4 | 7 | 12 |
| Iżlanda | 1997 | 5 | 11 | 13 | 29 |
| Liechtenstein | 1999 | 4 | 8 | 8 | 20 |
| San Marino | 2001 | 7 | 12 | 16 | 35 |
| Malta | 2003 | 11 | 18 | 15 | 44 |
| Andorra | 2005 | 7 | 13 | 18 | 38 |
| Monaco | 2007 | 4 | 9 | 17 | 30 |

**Dettalji dwar it-13 –il Edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa**

| Ed. | Sena | Pajjiż | Dati | Pajjiżi | Atleti | Sport | Events |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | 1985 | San Marino | 23.05-26.05 | 8 | 222 | 7 | 49 |
| II | 1987 | Monaco | 14.05-17.05 | 8 | 468 | 9 | 60 |
| III | 1989 | Ċipru | 17.05-20.05 | 8 | 675 | 8 | 75 |
| IV | 1991 | Andorra | 21.05-25.05 | 8 | 697 | 8 | 82 |
| V | 1993 | Malta | 25.05-29.05 | 8 | 690 | 9 | 87 |
| VI | 1995 | Lussemburgu | 29.05-03.06 | 8 | 684 | 9 | 88 |
| VII | 1997 | Iżlanda | 02.06-07.06 | 8 | 714 | 10 | 107 |
| VIII | 1999 | Liechtenstein | 24.05-29.05 | 8 | 566 | 9 | 79 |
| IX | 2001 | San Marino | 29.05-02.06 | 8 | 658 | 10 | 101 |
| X | 2003 | Malta | 02.06-07.06 | 8 | 765 | 10 | 105 |
| XI | 2005 | Andorra | 30.05-04.06 | 8 | 793 | 12 | 120 |
| XII | 2007 | Monaco | 04.06-09.06 | 8 | 800 | 12 | 121 |
| XIII | 2009 | Ċipru | 01.06-06.06 | 8 | - | 12 | - |

**Lista ġenerali tar-rebħ ta' midalji**

| | Pajjiż | Deheb | Fidda | Bronż | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Iżlanda | 335 | 233 | 228 | 796 |
| 2. | Ċipru | 304 | 253 | 242 | 799 |
| 3. | Lussemburgu | 204 | 251 | 223 | 678 |
| 4. | Monaco | 83 | 94 | 142 | 319 |
| 5. | San Marino | 47 | 76 | 85 | 208 |
| 6. | Malta | 46 | 86 | 122 | 254 |
| 7. | Andorra | 34 | 65 | 88 | 187 |
| 8. | Liechtenstein | 34 | 29 | 45 | 108 |


L-atleti kollha li jiffurmaw TEAM MALTA

# REBĦ TAL-KAMPJONATI

Bħal kull dixxiplina sportiva oħra, il-Basketball itemm l-impenji tiegħu bir-rebħ tal-kampjonat.
Fis-sezzjoni ta' l-Irġiel kienu diġà ntrebħu erba' unuri oħra, maqsuma bejn żewġ timijiet, li nzertaw kienu l-finalisti għar-rebħ ta' l-aħħar unur.
Bupa Luxol kienu rebħu l-unuri kollha fl-istaġun preċedenti imma din id-darba bdew bit-telf tat-Tazza Louis Borg fejn Compleet ikkonfermaw li kienu se jkunu sfidanti denji matul dan l-istaġun. Bupa, iżda, ġew f'tagħhom bir-ritorn tas-Serb, Marco Matijevic, li kien tilef xi logħbiet, minħabba injuries li kellu.
Bupa għelbu lil Compleet fil-final tal-MBA Shield u fin-Knock-Out, waqt li żiedu unur ieħor, is-Super Cup, fejn ħarġu rebbieħa fuq Depiro.
B'hekk ġejna għall-Kampjonat Powerade, fejn, kif kien mistenni kemm Bupa kif ukoll Compleet ma sabux ostakli biex jgħaddu għall-Play-Offs u għall-Final li tintlagħab fuq bażi ta' l-aħjar minn tliet partiti.
L-ewwel final rat lil Compleet jiddominaw, jieħdu vantaġġi tajbin imma Bupa jiġu lura wara l-intervall. Huma naqqsu d-distakk sakemm lejn tmiem il-logħba waslu sa basket 'il bogħod. Bupa ħadu r-rebħa fl-aħħar żewġ sekondi bi trippla minn Steve Schembri.
It-tieni final kienet storja differenti għax Bupa ħarġu determinati sa mill-bidu, marru fuq quddiem u qatt ma ċedew il-vantaġġ, bil-Compleet jiġru wara l-avversarji tul il-logħba kollha. Bupa mbagħad kabbru l-vantaġġ biex aċċertaw mir-rebħ tat-12-il titlu u huma t-tim ta' l-irġiel li jistgħu jġibu l-istilla fuq il-flokk li tindika li rebħu l-kampjonat għal għaxar darbiet jew aktar.
Fil-fatt Bupa Luxol s'issa għaqqdu t-tużżana, fir-rebħ ta' dan l-unur.

**Kampjonat Powerade Irġiel**
**Play-Off Final 1**

**Compleet IS SW** ................................ 70
**Bupa Luxol** ........................................... 71
(23-14, 18-16, 10-15, 19-26)

**Play Off Final 2**

**Bupa Luxol** ........................................... 83
**Compleet IS SW** ................................ 63
(19-12, 20-20, 23-17, 21-14)


Davinia Pule f'isem il-General Soft Drinks Co. Ltd tippreżenta t-trofew lil Robert Azzopardi, captain ta' Luxol


Luxol jiċċelebraw wara r-rebħ tal-kampjonat

| Ir-Rebbieħa kollha | |
|---|---|
| 1967 | Mundlos |
| 1968 | Mundlos |
| 1969 | Neptunes |
| 1970 | Luxol |
| 1971 | Aperol |
| 1972 | Luxol |
| 1973 | Aperol |
| 1974 | Sliema Aperol |
| 1975 | Polytechnic Fiat |
| 1976 | Wrangler |
| 1977 | Wrangler |
| 1978 | Luxol Pepsi |
| 1979 | Luxol Pepsi |
| 1980 | University Fiat |
| 1981 | University Fiat |
| 1982 | Luxol Captain Morgan |
| 1983 | Luxol Murisan |
| 1984 | Luxol Murisan |
| 1985 | Hamrun Liberty Sigma |
| 1986 | Athleta |
| 1987 | Sliema Juventus Magic |
| 1988 | Paola Stars Enemalta |
| 1989 | Paola Stars Enemalta |
| 1990 | Paola Stars Enemalta |
| 1991 | Depiro Eden Leisure |
| 1992 | Depiro Eden Leisure |
| 1993 | Luxol Fitgar |
| 1994 | Sliema Juventus Aperol |
| 1995 | Depiro Eden Leisure |
| 1996 | Depiro Eden Leisure |
| 1997 | Depiro Eden Leisure |
| 1998 | Depiro Eden Leisure |
| 1999 | Pembroke Repsol |
| 2000 | Pembroke Repsol |
| 2001 | Luxol Pepsi |
| 2002 | Pembroke Allcom |
| 2003 | Luxol Fiat |
| 2004 | Pembroke Tumas Group |
| 2005 | Hamrun Liberty Go Mob. |
| 2006 | Pembroke |
| 2007 | Dakar Sliema Athleta |
| 2008 | Bupa Luxol |
| 2009 | Bupa Luxol |

Fil-kategorija tan-Nisa, it-taqtiegħa għar-rebħ tal-kampjonat kienet mifruxa ftit aktar, fejn kien hemm tliet timijiet sfidanti. It-tlieta li huma kellhom rebħ ta' unuri matul dan l-istaġun.
Ergon Projects Luxol rebħu l-MBA Shield, meta ssorprendew lil Hibs Medsea, li sal-final ma tilfux logħba waħda fl-istaġun.
Depiro wkoll rebħu s-Super Cup, wara li ngaġġaw lill-Maltija/Kanadiża, Kaila Agius. Huma ħarġu rebbieħa fuq Hibs.
Min-naħa tagħhom, Medsea kellhom il-kisba ta' żewġ unuri, it-tnejn li huma kontra Luxol, it-Tazza Louis Borg, li tintlagħab fuq żewġ finali, u n-Knock-Out, li Hibs rebħu għal disa' darbiet fl-aħħar għaxar snin imma kienu tilfuha l-istaġun ta' qabel.
Fil-kampjonat, fit-tieni fażi għaddew tliet timijiet, b'Hibs punti massimi, Depiro fit-tieni post u warajhom Luxol bil-punti jingarru mill-ewwel fażi. Mal-wasla ta' Kaila Agius, Depiro għelbu lil Hibs fl-aħħar tliet logħbiet, inklużi tnejn tat-tieni fażi ta' logħob.
Hibs għaddew għall-final bir-rebħa fuq Luxol u Depiro għamlu l-istess fl-ewwel logħba. Luxol kellhom xi ftit ta' sodisfazzjon li ħarġu rebbieħa fuq iż-żewġ finalisti, fl-aħħar żewġ partiti tagħhom ta' l-istaġun.
Il-finali kienu missielta tassew b'Depiro fiduċjużi wara r-rebħiet li kellhom fuq Hibs. Min-naħa tagħhom il-Pawlisti kienu determinati li jżommu l-kampjonat għar-raba' sena konsekuttiva u jerġgħu jaqbdu t-triq tar-rebħ kontra l-avversarji. L-ewwel final rat liż-żewġ timijiet igawdu vantaġġi imma

MB promotions LTD.
Suppliers of sports equipment and durable flooring for your gym, sports centre and even offices.
Contact us on 2143 0950 or 2143 1984


45 YEARS OF BASKETBALL
45 SENA TA' BASKETBALL

kienu Hibs li ġew minn wara biex marru minn fuq u minkejja l-isforzi ta' Depiro kienu Medsea li għamlu l-ewwel pass biex iżommu l-kampjonat f'Raħal il-Ġdid.
Fit-tieni final Depiro offrew sfida tajba sa nofs il-logħba biex fl-intervall kellhom vantaġġ utli. Iżda dan sfuma fix-xejn fl-aħħar parti tal-logħba b'Hibs jaqilbu l-iskor u għalkemm Depiro rkupraw u ġabu l-iskor indaqs, fl-aħħar sessjoni Hibs reġgħu marru fuq quddiem u xejnu l-attentati ta' Depiro sa l-aħħar.
Għal Medsea kien it-tielet unur tagħhom ta' l-istaġun u minbarra li rebħu l-kampjonat għal 13-il darba huma wkoll, għat-tieni darba, kisbu dan l-unur għal erba' snin wara xulxin.

**Kampjonat Nazzjonali Nisa**
**Play Off Final 1**

**Hibs Medsea** .............................. 66
**McDonalds Depiro** ................. 59
(14-10, 14-15, 19-10, 19-14)

**Play Off Final 2**

**McDonalds Depiro** .................59
**Hibs Medsea** ..............................65
(10-9, 17-11, 18-25, 14-20)

| Ir-Rebbieħa Kollha | |
|---|---|
| 1973 | M'CAST |
| 1974 | Gzira Youth Centre |
| 1975 | Luxol |
| 1976 | Polytechnic Fiat |
| 1977 | Polytechnic Fiat |
| 1978 | Polytechnic Fiat |
| 1979 | New Universiy Fiat |
| 1980 | Athleta Legrand |
| 1981 | New University Fiat |
| 1982 | New University Fiat |
| 1983 | Athleta Fisher |
| 1984 | Luxol Murisan |
| 1985 | Luxol Plasmon |
| 1986 | Luxol Imco |
| 1987 | Luxol Plasmon |
| 1988 | Siggiewi |
| 1989 | Paola Stars Selekta |
| 1990 | Luxol |
| 1991 | Paola Stars Selekta |
| 1992 | Luxol Plasmon |
| 1993 | Paola Stars Selekta |
| 1994 | Paola Stars Selekta |
| 1995 | Hibernians Selekta |
| 1996 | B'kara Med. Film Facilities |
| 1997 | Pembroke Assitalia |
| 1998 | Hibernians |
| 1999 | Hibernians |
| 2000 | Hibernians |
| 2001 | Hibs Go Mobile |
| 2002 | Depiro Still |
| 2003 | Depiro Still |
| 2004 | Depiro Still |
| 2005 | Depiro Still |
| 2006 | Hibs Medsea |
| 2007 | Hibs Medsea |
| 2008 | Hibs Medsea |
| 2009 | Hibs Medsea |



It-tim tan-nisa ta' Hibs Medsea, rebbieħa tal-kampjonat għar-raba' sena konsekuttiva



## Pajjiż żgħir – Potenzjal kbir

It-tim tal-Basketball tan-Nisa bħalissa qiegħed iħejji ruħu għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'Ċipru bejn l-1 u s-6 ta' Ġunju. Matul dawn l-aħħar snin, it-tim kiseb riżultati tajbin f'din il-kompetizzjoni, u b'kollox intrebħu tliet midalji tal-bronż u kif ukoll waħda tad-deheb. L-aħħar unur wasal proprju f'Malta fis-sena 2003. Minn dak iż-żmien it-tim tbiddel mhux ħażin u tkompla x-xogħol fuq il pedament sod li diġà kien jeżisti.
Intant SPORTIV tkellem ma' Louis Azzopardi, il-Kap tad-delegazzjoni tal-Basketball għal dawn il-logħbiet u dan stqarr, "dawn it-tfajliet ilhom jippreparaw bis-sħiħ għal dawn l-aħħar xhur, filwaqt li fl-istess waqt żammew ukoll l-impenn tagħhom mal-klabbs. Konna tlaqna b'numru kbir ta' plejers, saret l-għażla u issa wasalna għall-aħħar ħmistax u li minn fosthom mistenni jintgħażel it-tim finali. F'dawn it-tliet ġimgħat li għaddew, flimkien mal-kowċis Sandro Farrugia u Santino Coppa, it-taħriġ għall-iskwadra sar wieħed aktar intensiv u t-tfajliet qegħdin jiltaqgħu darbtejn kuljum biex jitħarrġu."
Caroline Fenech, waħda mil-plejers fl-iskwadra, ikkummentat hekk, "Fit-tim hemm taħlita sew ta' plejers b'esperjenza u kif ukoll oħrajn iżgħar, iżda b'talent kbir u li jippromettu. L-atmosfera hija waħda tajba, kulħadd jgħin lil xulxin. Wara dan is-sagrifiċċju kollu nixtieqlu li flimkien niksbu dak li ilna naħdmu għalih u li finalment ħaqqna."
F'dan l-istadju tal-preparamenti, il-Basketball jispiċċa jieħu l-ħin kollu tal-atleti, bil-plejers imorru l-iskola jew ix-xogħol filgħodu u fil-ħin li jifdal jingħaqdu u b'impenn kbir jippreparaw għal dan l-avveniment daqshekk importanti għalihom u għal pajjiżna.
L-iskwadra għandha taqtiegħa sew quddiemha, b'avversarji tal-kalibru tal-Islanda, Ċipru u l-Lussemburgu. Dawn huma kollha avversarji tajbin ħafna, iżda t-tim Malti jidher determinat li mhux biss jagħti wirja tajba, iżda jasal lura Malta bir-rebħ ta' xi midalja.
Il-midalja tinsab fil-quċċata, bla dubju t-triq hija diffiċli, iżda l-potenzjal qiegħed hemm u xejn m'hu mpossibbli. Għaldaqstant nawguraw kull success lill-atleti kollha.

Biex issegwu ir-riżultati tal-logħob tal-Basketball żuru s-sit eletroniku: www.cyprus2009.org.cy/results/BB/BB.htm

**Storja tal-Midalji**

**1993 – Malta - Midalja tal-Bronż**
**1997 – Islanda – Midalja tal-Bronż**
**2003 – Malta – Midalja tad-Deheb**
**2005 – Andorra – Midalja tal-Bronż**

MB promotions LTD.
Suppliers of sports equipment and durable flooring for your gym, sports centre and even offices.
Contact us on 2143 0950 or 2143 1984


# Aaron Ciantar jibda jiddefendi t-titlu b'rebħa f'Malta




Baia Attolini u Team Seagull f'mument waqt l-isfida ta' bejniethom

Malta kienet id-destinazzjoni għall-ewwel laqgħa tal-Kampjonat tal-Powerboats. Il-port tal-Belt u l-ibħra madwar Tas-Sliema imbidlu f'ċirkwit tal-baħar, biex wara s-suċċess miksub minn Aaron Ciantar u Angelo Tedeschi matul l-istaġun li għadda, id-dilettanti Maltin setgħu jerġgħu isegwu lis-sewwieq Malti jsuq f'ibħra lokali. Fil-fatt l-entużjażmu ma naqasx, tant li matul il-jiem tas-Sibt u tal-Ħadd ġraw diversi episodji li finalment ħallew il-marka tagħhom fuq ir-riżultati finali.

Matul il-ġurnata tas-Sibt kien it-tim Britanniku, Team 26, magħmul minn Kim Collins u Daniel Cramphorn, li kiseb l-ewwel post fil-klassi Super Sport u dan wara li d-dgħajsa Taljana, Baia Attolini bin-numru 38 u misjuqa minn Stefano Acanfora u Dario Guidi, sofriet minn penalità minħabba li qabżet il-limitu ta' veloċità konsentit. Fit-tieni dawra l-istess Baia Attolini ħabtet mad-dgħajsa ta' Aaron Ciantar u Angelo Tedeschi, Seagull Chaudron u b'hekk iż-żewġ dgħajjes eliminaw lil xulxin u Team 26 spiċċa biex rebaħ il-punti kollha fl-ewwel prestazzjoni tagħhom fil-kampjonat mondjali.

Fil-ġurnata tal-Ħadd is-sewwieq Malti, Aaron Ciantar ikkonferma l-potenzjal tiegħu meta flimkien mal-kollega Taljan, rebaħ it-tieni round tal-klassi Super Sport. Hawnhekk ukoll kellna tim li sofra penalità. Team 26 ingħataw penalità wara li fir-raba' u s-sitt dawra qabżu l-limitu ta' veloċità konsentit u għalkemm spiċċaw fl-ewwel post, kellhom iċedu dan il-post lil Team Seagull. L-isfida tal-Ħadd fil-klassi Super Sport kienet waħda missielta ferm, fejn tul it-13–il dawra, id-dilettanti mal-madwar tal-kosta setgħu jassistu għal dwell akkanit bejn Team 26, Team Seagull u t-tim ta' Iko Casa. Id-dgħajsa Iko Casa hija misjuqa minn Audrienne Ciantar, oħt Aaron Ciantar u l-Ingliża, Shelley Jory.

Waqt il-preżentazzjoni tal-unuri, kulħadd seta' jinnota s-sodisfazzjon fuq wiċċ iċ-champion preżenti, Aaron Ciantar. F'Malta kiseb l-ewwel rebħa ta' dan il-kampjonat u f'pajjiżna wkoll beda jiddefendi t-titlu li flimkien ma' Tedeschi rebaħ l-istaġun li għadda.

Fil-klassi Evolution, kienet id-dgħajsa SNAV OSG tat-tim OSG Racing Team u




Iko Casa misjuqa miż-żewġ nisa, il-Maltija Ciantar u l-Brittanika Jory




Team 26 Racing, fl-ewwel avventura tagħhom fil-P1





Il-propjetarju ta' Team Seagull, l-Ukrajn Viktor Shemchuk



misjuqa mill-Awstrijak, Hannes Bohinc, li ħadet l-akbar numru ta' punti fil-GP of the Seas ta' Malta.

Intant is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-iSport, Clyde Puli u l-President ta' Malta, Dr. George Abela, ippreżentaw il-midalji u t-trofej lill-protagonisti tal-ewwel GP tal-istaġun.

## KALENDARJU 2009

| Data | Post | Pajjiż |
|---|---|---|
| 8-10 Mejju | Valletta | Malta |
| 19-21 Ġunju | Istanbul | Turkija |
| 7-9 Awwissu | Goteborg | Svezja |
| 11-13 Settembru | San Benedetto | Italja |
| 22-24 Ottubru | Manama | Bahrain |



Id-dgħajsa Ingliża - Silverline 47



## KLASSIFIKA FINALI

### KLASSI EVOLUTION

| Poż. | Tim | Nru. | Pti. |
|---|---|---|---|
| 1 | SNAV OSG | 88 | 181 |
| 2 | Lucas Oil Budweiser | 77 | 171 |
| 3 | Silverline | 47 | 163 |
| 4 | Cigarette Smash Poker | 10 | 100 |
| 5 | Cranefields Wine | 66 | 66 |
| 6 | Metamarine Pignolo | 53 | 0 |
| 7 | Furnibo | 33 | 0 |

### KLASSI SUPER SPORT

| Poż. | Tim | Nru. | Pti. |
|---|---|---|---|
| 1 | Team Seagull Chaudron | 43 | 190 |
| 2 | Baia Attolini | 38 | 163 |
| 3 | Team 26 Racing | 26 | 160 |
| 4 | Iko Casa | 44 | 147 |
| 5 | Mas Force | 17 | 147 |
| 6 | Blue Shaft | 28 | 115 |
| 7 | Big Sergio | 22 | 73 |



SNAV OSG li rebħa il-Klassi Evolution



# L-Olanda superjuri għal Malta



It-tim nazzjonali Malti tar-Rugby tilef bi skor kbir il-konfront kontra t-tim ferm b'saħħtu tal-Olanda, f'logħba li ntlagħbet ġewwa Kordin. Din kienet l-ewwel darba li ż-żewġ timijiet iltaqgħu kontra xulxin, bl-Olandiżi sa ftit snin ilu, kienu jilagħbu f'diviżjonijiet ferm aħjar minn dawk li jinsabu fihom illum.

Matul l-ewwel taqsima t-tim Malti kellu wirja tajba fejn saħansitra kien fil-vantaġġ bl-iskor ta' 9-8, iżda matul it-tieni taqsima l-Olandiżi urew is-saħħa tagħhom u ddominaw, tant li spiċċaw rebħu bl-iskor ta' 27-9.

Għalkemm waslet din it-telfa, it-tim nazzjonali Malti ħaqqu kull tifħir għaliex f'din il-kompetizzjoni u matul dan l-istaġun, il-wirijiet kienu kollha nkoraġġanti u, bla dubju, li l-livell tal-logħob għola.

Wara l-logħba l-kowċ nazzjonali, Damian O'Neill qal, "matul l-ewwel taqsima għamilna pressjoni fuq l-avversarji tagħna u skorjajna punti mportanti. Fit tieni taqsima, l-Olandiżi kienu tim mibdul u għalkemm aħna għamilna xi żbalji li huma gawdew minnhom, xorta waħda kienu ferm aħjar u kkontrollaw mingħajr wisq diffikultà."

L-Olandiżi , li qabel dan il-konfront kienu diġà kkwalifikaw għall-fażi li jmiss tat-Tazza tad-Dinja, ikkonfermaw il-potenzjal tagħhom meta fit-tieni taqsima skorjaw 19–il punt mingħajr risposta min-naħa ta' Malta.

Fl-ewwel taqsima l-plejer Malti, Paul Marzella, kellu prestazzjoni tajba u rnexxielu jiskorja fi tliet okkażjonijiet. Fl-ewwel parti tal-logħba l-avversarji żbaljaw diversi drabi mill-penalty spot u fil-bidu tat-tieni taqsima reġgħu għal darb'oħra fallew penalty ieħor. Iżda meta kulħadd ħaseb li t-tim Malti kien fit-triq it-tajba, l-Olandiżi żiedu sew fil-logħob tagħhom u għamlu dak li riedu.

Il-plejers Maltin li ħadu sehem f'din il-logħba kienu:

I.Borda, H.Collins, K.Mason, P.Bradley, R.Bonavia, L.Watts, C.Diamantino, D.Psaila, G.Kennedy, S.Kempster, P.Calgaro, M.Bonavia, J.Finalson, M.Mirabelli, R.Spiteri, D.Busuttil, P.Marzela, O.Sacco, L.Culnane, J.O'Brien.




NRB
NEDERLANDSE RUGBY BOND

MALTA RUGBY FOOTBALL UNION

**Logħba:** Tazza tad-Dinja 2011
Logħob ta' Kwalifikazzjoni –2B
Data: 25 ta' April 2009 Post: Kordin
**Referee:** M.Raynal — **Pajjiż:** Franza
**Kummissarju tal-Logħba:** M.Vencini — **Pajjiż:** Italja
**F. T. Skor:** Malta 9 - Olanda 27







**Tim B:** Malta

| | Plejers |
|---|---|
| 1. | Kyle Mason |
| 2. | Harry Collins |
| 3. | Peter Bradley |
| 4. | Christoffel Diamantino |
| 5. | Daryl Psaila |
| 6. | Steve Kempster |
| 7. | Paul Calgaro |
| 8. | Guy Kennedy |
| 9. | Matthew Mirabelli |
| 10. | Rohan Spiteri |
| 11. | James O'Brien |
| 12. | Dominic Busuttil |
| 13. | Paul Marzella |
| 14. | Lee Culnane |
| 15. | Oliver Sacco |
| 16. | Thomas Pace Moore |
| 17. | Ian Borda |
| 18. | Luke Watts |
| 19. | Robert Bonavia |
| 20. | Michael Bonavia |
| 21. | James Finlason |
| 22. | Matthew Jarret |

**Sekwenza tal-iSkor għal Malta**

Skors ta' Malta

| No. | Tim | Tip | Skor |
|---|---|---|---|
| 13 | A | P | 3-0 |
| 13 | A | P | 6-5 |
| 13 | A | P | 9-8 |

**Skor Personali**

Skorers Individwali

| Tim | Tip | Skor | |
|---|---|---|---|
| Paul | Marzella | 3 Pen | 9 |




Manager: Danny Sacco — Kowċ: Damian Neil

**T** = Try, **C** = Conversion, **DG** = Drop Goal, **P** = Penalty, **S** = Substitution, **Y** = Yellow Card, **R** = Red Card




## Diviżjoni 2B

**Tazza għan-Nazzjonijiet tal-Ewropa**
**Riżultati**

Svezja 21 – 05 Latvja
Olanda 18 – 12 Kroazja
Svezja 06 – 09 Malta
Latvja 10 – 29 Olanda
Malta 16 – 18 Kroazja
Olanda 36 - 24 Svezja
Latvja 19 – 32 Malta
Malta 09 – 27 Olanda
Kroazja 21 - 13 Latvja
Kroazja 23 - 13 Svezja

**Klassifika Ġenerali**

| Tim | L | R | D | T | Diff. | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 Olanda | 4 | 4 | 0 | 0 | 55 | 12 |
| 2 Kroazja | 4 | 3 | 0 | 1 | 14 | 10 |
| 3 Malta | 4 | 4 | 0 | 2 | -4 | 8 |
| 4 Svezja | 4 | 1 | 0 | 3 | -9 | 6 |
| 5 Latvja | 4 | 0 | 0 | 4 | -56 | 4 |




minn Clive Brockdorff (P.R.O. AMACS)

# Issir l-ewwel kompetizzjoni Conventional Pistol għall-2009



Mgħejjuna mit-temp bnazzi, l-ewwel kompetizzjoni tal-Conventional Pistol organizzata mill-Malta Rifle and Pistol Shooting Club għall-istaġun 2009 u li nżammet nhar il Ħadd, 10 ta' Mejju, qanqlet interess sostanzjali minn bosta tiraturi Maltin. Din il-kompetizzjoni ġiet organizzata skont ir-regoli tan-National Rifle Association tal-Istati Uniti u li huma osservati minn tiraturi madwar id-dinja kollha. L-isparar fil-Conventional Pistol jirrekjedi konċentrazzjoni qawwija u ħafna taħriġ, sabiex tiratur jilħaq riżultati sodisfaċenti.

Il-kompetituri sparaw fuq distanzi ta' ħmistax u ħamsa u għoxrin metru, fid-dixxiplini kemm tar-rimfire bil-kalibru ta' .22lr u kif ukoll centrefire bil-kalibru ta' 9 x 19mm. Fis-sezzjoni tar-rimfire, Roderick Grixti spiċċa fl-ewwel post, segwit minn Sintio Schembri u John B. Vincenti. Fis-sezzjoni tas-Centrefire, Sintio Schembri spiċċa fl-ewwel post, segwit minn Clive Brockdorff u Malcolm Ferriggi.

Matul l-2009 huwa ppjanat li jsiru bosta kompetizzjonijiet oħra ta' dan it-tip. Dan it-tip ta' sparar, speċjalment meta taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni, jgħin lit-tiraturi Maltin jilħqu livelli ta' skala nternazzjonali.

Il-Malta Rifle and Pistol Shooting Club (MRPSC) hija għaqda li tħaddan aktar minn 500 membru u tifforma parti mill-Association of Maltese Arms Collectors and Shooters (AMACS). Din il-kompetizzjoni kienet sponsorizzata mil-Lock, Stock and Barrel, ħanut tal-armi tan-nar sportivi ta' kwalità għolja. Għal aktar informazzjoni jew biex tagħmel kuntatt magħna, ibgħatilna email fl-indirizz: info@amacs-malta.org





Lock, Stock & Barrel

FINE SPORTING GUNS AND COLLECTIBLES FOR THE CONNOISSEUR




PHOENIX GROUP Level -1, Phoenix Building
Old Railway Road, Sta. Venera SVR 9022
(gunshop and indoor 10m airgun shooting range)
Tel: +356 2385 2124 Fax: +356 2144 9216
e-mail: sales@lsb-malta.com http: www.lsb-malta.com
Opening hours: Monday to Friday 16:00 to 19:00; Saturday 09:00 to 12:30




# 4 Casino games in your pocket!

**Experience the pleasures of Vegas on 1 ticket, with just €5.**

**Scratch the 4 games and you can win €40,000 on a single ticket!!**

Scratchers® instant tickets ...Make your day

€1, €2 and €3 tickets are also available from Maltco Lotteries, Maltapost and Authorised outlets.

Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 26 ta' April 2009

**Race 1 - Copper (3140m) - 1'20"1**
1. Juliette Rodney (Attard Gorg)
2. Jarkol D`Ivoire (Caruana Karl)
3. Kipik (Baldacchino Noel)
4. Luron De Noris (Bonello Nicholas)

**Race 2 - Silver (3140m) - 1'17"5**
1. Espace Aerien (Gatt Rodney)
2. Gigo Lloyd (Camilleri Charles)
3. Jarnac Du Moulin (Farrugia Andrew)
4. BBS Balthazar (Schembri Gorg)

**Race 3 - Ponies Race (1140m)**
1. Paymelater (M. Ellul)
2. Smokey Eyes (A. Fenech)
3. Heart Bleedeer (O. Scicluna)
4. Valmorija (C. Borg)

**Race 4 - Flat Race (1750m)**
1. Waterpaint (M. Sultana)
2. Genievre (J. Farrugia)
3. Walker (J. Micallef)
4. Crocolyrique (O. Briffa)

**Race 5 - Mixed Classes (2140m) - 1'16"5**
**Malta - Mantorp Amateur Race**
1. Socrates (Susan Nilsson (SE))
2. Ex Air (Pace Anton)
3. Dandy (Polidano Robert)
4. Divinis (Agius Alan)

**Race 6 - Gold (3140m) - 1'16"9**
1. Joker Pitstop (Camilleri Charles)
2. Emil Brebro (Zammit Brian)
3. It`s My Way (Hili Brian)
4. Gingoro (Farrugia Julian)

**Race 7 - Premier (3140m) - 1'17"5**
1. Nillans Comet (Farrugia Julian)
2. Hans Des Landiers (Carabott James)
3. Tough East (Hili Brian)
4. Kiflosak Cordiere (Tanti Tony)

**Race 8 - Flat Race (1750m)**
1. Nikos Herniere (O. Briffa)
2. Free Devious (E. Zammit)
3. Etoile Du Pic (M. Sultana)
4. Maria La Perfida (R. Grima)

**Race 9 - Silver (3140m) - 1'17"5**
**Gymkhana**
1. Magnum (Gauci Francis Jn.)
2. Mr King (Tanti Mark)
3. Kado Du Quoray (Cassar Sam)
4. Grover IT (Baldacchino Mario)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 1 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (3140m) - 1'19"9**
1. Numa Du Goutier (Ellul Michael)
2. Grand Marnier (Farrugia Andrew)
3. Jim Castelets (Farrugia Andre)
4. Handy Star (Caruana Karl)

**Race 2 - Bronze (3140m) - 1'20"6**
1. Cili Rog Junior (Mizzi Darren)
2. Locco Del Sol (Cutajar Frans)
3. Piperhurst (Falzon Mario)
4. Expect High (Gatt Rodney)

**Race 3 - Bronze (3140m) - 1'18"4**
1. Moustique Rose (Baldacchino Noel)
2. Luriga Liz (Attard Gorg)
3. What`s Up (Briffa Oliver)
4. Pretty Post (Ellul David)

**Race 4 - Bronze (3140m) - 1'18"2**
1. Reslovs Stranden (Gatt Rodney)
2. Jeans De Bannes (Debono Charlo)
3. Mirall Composite (Tanti Frans)
4. Matin Du Loir (Baldacchino Noel)

**Race 5 - Italian Trotters (1140m)**
1. Grande Fratello (G. Attard)
2. Fluris Pride (A. Curmi)
3. San Barone (J. Scerri)
4. Pistona Mugu (C. Farrugia)

**Race 6 - Gold (3140m) - 1'17"4**
1. Keep In (Mizzi Darren)
2. Syllabub (Gatt Rodney)
3. Jaguar De France (Tanti Tony)
4. Pistona (Caruana Karl)

**Race 7 - Gold (3140m) - 1'16"3**
1. L`Ideal De Fersan (Caruana Karl)
2. Solid VG (Zammit Brian)
3. Just Bourbon Cassar Frencu)
4. Lover Boy Index (Desira Mark)

**Race 8 - Silver (3140m) - 1'18"5**
1. Man Quick (Cordina Jason)
2. Beautiful Accent (Calleja Clifforty)
3. Hotchemin (Schembri Gorg)
4. Circus Flip (Baldacchino Noel)

**Race 9 - Silver (3140m) - 1'18"8**
1. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)
2. Kilian (Tanti Tony)
3. Joyau Chaleonnais (Baldacchino Noel)
4. Preem MS (Formosa Shaun)


1.5.09 - Race 6 Gold


1.5.09 - Race 7 Gold


3.5.09 - Race 7 Premier



8.5.09 - Race 5 Gold


26.4.09 - Race 6 Gold


10.5.09 - Race 7 Premier

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 3 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (3140m) - 1'20"1**
1. Glowing Star (Attard Gorg)
2. Newport Hornline (Azzopardi Kevin)
3. Flying Cowboyland (Demanuele Tony)
4. Harry Passion (Bartolo Joseph)

**Race 2 - Copper (3140m) - 1'19"4**
1. Jabito Jusse (Baldacchino Noel)
2. All The World (Cassar Frencu)
3. Extremity (Camilleri Charles)
4. Koehchel Baz (Vella Michael)

**Race 3 - Bronze (3140m) - 1'19"0**
1. Jeu De Mots (Gauci Paul)
2. Kung Fjalar (Cassar Frencu)
3. Larkay D`Echal (Ellul David)
4. L`Ami Du Popey (Debono Charlo)

**Race 4 - Silver (3140m) - 1'17"6**
1. Koko Loco (Carabott James)
2. Judon Du Cap Vert (Baldacchino Noel)
3. Giovanni DK (Debattista Joe)
4. Jet Starline (Fenech Mario)

**Race 5 - Gold (3140m) - 1'17"7**
1. Lucky Jack (McKay Herman)
2. Lindsay Neve (Carabott James)
3. Lawrence Crown (Baldacchino Noel)
4. Kojak D`Isques (Camilleri Charles)

**Race 6 - Silver (3140m) - 1'16"9**
1. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
2. Lotus Du Goth (Spiteri Andrew)
3. Freedom Hyppinge (Baldacchino Noel)
4. Sakura Victory (Debono Charlo)

**Race 7 - Premier (3140m) - 1'17"4**
1. Arnie Sensation (Farrugia Julian)
2. Kamis De L`Eveche (Vella Salvu)
3. Joker De Choisel (Cassar Frencu)
4. Knock De Manche (McKay Herman)

**Race 8 - Bronze (3140m) - 1'18"3**
1. Jeo De Touvois (Vassallo Chris)
2. Atlantis (Bartolo Lauro)
3. Haut Les Coeurs (Mizzi Darren)
4. Lac Megantic (Caruana Karl)

**Race 9 - Bronze (3140m) - 1'18"1**
1. Ilex Garden (Gaffarena Johan)
2. Electa Buzz (Camilleri Charles)
3. Carmolas Prick (Demanuele Tony)
4. General (Baldacchino Noel)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (2140m) - 1'18"3**
1. Flying Cowboyland (Demanuele Tony)
2. Newport Hornline (Azzopardi Kevin)
3. Kung Ludvig (Mifsud Mark)
4. Terrific Score (Ellul Michael)

**Race 2 - Bronze (2140m) - 1'16"1**
1. Luriga Liz (Attard Gorg)
2. What`s Up (Hili Brian)
3. Internet (Clifton Raymond)
4. Pretty Post (Ellul David)

**Race 3 - Flat Race (1750m)**
1. Nikos Heriniere (M. Sultana)
2. Lordswood (E. Zammit)
3. Monashee Prince (J. Farrugia)
4. Waterpaint (R. Grima)

**Race 4 - Silver (2140m) - 1'16"8**
1. Stonecreek (Mallia Etienne)
2. Lufti Simoni (Camilleri Charles)
3. Alfa Spider (Farrugia Julian)
4. Beautiful Accent (Calleja Clifforty)

**Race 5 - Gold (2140m) - 1'17"0**
1. Syllabub (Gatt Rodney)
2. Uno Wielinga (Farrugia Julian)
3. Keep In (Mizzi Darren)
4. Count Of Life (Ellul Michael)

**Race 6 - Silver (2140m) - 1'16"9**
1. Kulls Nero (Demanuele Tony)
2. Malta Jean Paul (Ghigo Michael)
3. Arragon Crown (Briffa James)
4. Elizar Laday (Ellul David)

**Race 7 - Bronze (2140m) - 1'16"7**
1. King Fisher (Camilleri Charles)
2. First King (Schembri Joseph)
3. Chilly Beast (McKay Herman)
4. Mirall Composite (Tanti Tony)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 10 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (2140m) - 1'18"0**
1. Solbo Janne (Spiteri Patrick)
2. Juliette Rodney (Attard Gorg)
3. Glenn Healy (Schembri Gorg)
4. Extremity (Camilleri Charles)

**Race 2 - Bronze (2140m) - 1'17"4**
1. Xenia Mic (Ellul Michael)
2. Lancaster (Tanti Mark)
3. White Tiger (Curmi Anthony)
4. Electa Buzz (Camilleri Charles)

**Race 3 - Flat Race (1750m)**
1. Maria La Perfida (R. Grima)
2. Saintax (M. Sultana)
3. Crocolyrique (O. Briffa)
4. Electa Genievre (E. Zammit)

**Race 4 - Bronze (2140m) - 1'16"4**
1. Reslovs Stranden (Muscat Joe)
2. Photo Agent (Cassar Frencu)
3. New Iliad (Caruana Karl)
4. Jan Emil (Farrugia Julian)

**Race 5 - Flat Race (1750m)**
1. Kharsak (O. Briffa)
2. Priviliged Boy (T. Vella)
3. Just The Best (R. Grima)
4. Question Mark (P. Abela)

**Race 6 - Silver (2140m) - 1'16"3**
1. BBS Balthazar (Schembri Gorg)
2. Gigo Lloyd (Camilleri Charles)
3. Castor Pollux (Gatt Rodney)
4. JD Crown (Gafa Jesmar)

**Race 7 - Premier (2140m) - 1'16"5**
1. Tough East (Mizzi Darren)
2. Socrates (Camilleri Charles)
3. Kiflosak Cordiere (Tanti Tony)
4. Power Cape (Caruana Karl)

**Race 8 - Gold (2140m) - 1'15"2**
1. Widget (Ellul Michael)
2. Lover Boy Index (Desira Mark)
3. Race Ball (Demanuele Tony)
4. Charlie Smitt (Debono Charlo)

**Race 9 - Silver (2140m) - 1'16"1**
1. G Force Son (Baldacchino Noel)
2. Falco (Attard Gorg)
3. Marcello Bob (Farrugia Julian)
4. Great Line (Demanuele Tony)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (2640m) - 1'20"0**
**Prix De Caen - Heat 1**
1. Jim Castelets (Farrugia Andrew)
2. Handy Star (Caruana Karl)
3. Happy Foot (Schembri Joe D.)
4. Jeski De Nic (Cordina Jason)

**Race 2 - Copper (2640m) - 1'18"8**
**Prix De Caen - Heat 2**
1. Impulse De L`Iton (Farrugia Andrew)
2. Newmarket Boy (Formosa Shaun)
3. Loulou De La Rose (Hili Brian)
4. Luron De Noris (Ellul David)

**Race 3 - Italian Trotting Ponies (1140m)**
1. Stan Barone (J. Scerri)
2. Ronaldo (R. Schembri)
3. Malus (C. Spiteri)
4. Bruma o.m (Charles Spiteri)

**Race 4 - Bronze (2640m) - 1'17"7**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 1**
1. L`Ami Du Popey (Debono Charlo)
2. Ignace de Castelle (Calleja Clifforty)
3. Jibilo Du Terme (Farrugia Charles)
4. Judoka Du Rib (Farrugia Joe)

**Race 5 - Bronze (2640m) - 1'18"3**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 2**
1. Miss De Foliot (McKay Herman)
2. Jeo De Touvois (Vassallo Chris)
3. Larissa Du Breil (Calleja Clifforty)
4. Loc Des Salines (Farrugia Wayne)

**Race 6 - Copper (2640m) - 1'18"2**
**Prix De Caen - Heat 3**
1. Jabito Jusse (Baldacchino Noel)
2. Klein Burois (Camilleri Charles)
3. Lointain Presage (McKay Herman)
4. Lutin Du Bouquet (Demanuele Tony)

**Race 7 - Bronze (2640m) - 1'17"7**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 3**
1. Moustique Rose (Baldacchino Noel)
2. Jackpot De L`Isop (Cassar Frencu)
3. Jasper Erem (Caruana Karl)
4. L`Orne (Demanuele Tony)

**Race 8 - Bronze (2640m) - 1'17"0**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 4**
1. Kelove (Portelli Frank)
2. Icare De Jemma (Demanuele Tony)
3. Miami Du Coq (Ghigo Michael)
4. Must De Chenu (Camilleri Anthony)

**Race 9 - Bronze (2640m) - 1'17"4**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 5**
1. Impact Classic (Portelli Shaun)
2. Lac Megantic (Caruana Karl)
3. Kaolin Du Gite (Mifsud Mark)
4. Haut Les Coeurs (Mizzi Darren)

**Race 10 - Bronze (2640m) - 1'18"2**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 6**
1. Matin Du Loir (Baldacchino Noel)
2. Marathon d`Isques (Camilleri Charles)
3. Kolk Barbes (Magro Joseph (Naghal))
4. Loup De Sevres (Debono Charlo)




15.5.09 - Race 3 Italian Trotting Ponies

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 17 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Silver (2640m) - 1'16"9**
**Prix De Cabourg - Heat 1**
1. Man Quick (Cordina Jason)
2. Marquis De L'If (Axisa Johan)
3. Marcangelo (Camilleri Charles)
4. Koko Loco (Carabott James)

**Race 2 - Silver (2640m) - 1'17"0**
**Prix De Cabourg - Heat 2**
1. Libre Echange (Ellul Michael)
2. Illico De Reville (Agius Peter)
3. Joyau Des Cigales (Ellul David)
4. Mistral D'Houssaye (Baldacchino Noel)

**Race 3 - Gold (2640m) - 1'16"7**
**Prix D'Enghien - Heat 1**
1. L'Ideal De Fersan (Caruana Karl)
2. Lucky Jack (McKay Herman)
3. Krac De Perran (Galea David)
4. Kaki De Peyrahout (Demanuele Tony)

**Race 4 - Silver (2640m) - 1'17"2**
**Prix De Cabourg - Heat 3**
1. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
2. Mambo De Chrismi (Baldacchino Noel)
3. Leo De Gratens (Attard Gorg)
4. Mousko Royal (Mifsud Kevin)

**Race 5 - Monte Test Race ( 2160m H) - 1'19"0**
**Monte Test Race**
1. Falco (Briffa Oliver)
2. Jet Star (Farrugia John (Banajs))
3. Goodyear (Abela Paul)
4. Poppsson (Cauchi Omar)

**Race 6 - Gold (2640m) - 1'17"7**
**Prix D'Enghien - Heat 2**
1. Litchi Du Vivier (Cassar Frencu)
2. Intrus Des Rioults (Micallef Carmelo)
3. Let's Go Dance (Cassar Sam)
4. King Boy Du Dane (Debono Charlo)

**Race 7 - Premier - 2140m) - 1'14"7**
1. Kamis De L'Eveche (Vella Salvu)
2. Bello Fratello (Vassallo Clint)
3. James De l'Iton (Micallef Raymond)
4. Knock De Manche (McKay Herman)

**Race 8 - Silver (2640m) - 1'17"2**
**Prix De Cabourg - Heat 4**
1. Jollity (Farrugia Julian)
2. Jump Of Glory (Baldacchino Noel)
3. Lotus Du Goth (Spiteri Andrew)
4. Karl Borealis (Hili Brian)

**Race 9 - Gold (2640m) - 1'17"0**
**Prix D'Enghien - Heat 3**
1. Kiton De Bouere (Ellul David)
2. Kaprius Du Perreux (Carabott James)
3. Kaki Du Vivier (Schembri Gorg)
4. Leo De L'Etang (Camilleri Charles)

**Race 10 - Silver (2640m) - 1'16"4**
**Prix De Cabourg - Heat 5**
1. Magnum (Gauci Francis Jn.)
2. Krak De Clerlande (Vassallo Clint)
3. Kilian (Tanti Mark)
4. Golf Oul Dada (Baldacchino Noel)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 24 ta' Mejju 2009

**Race 1 - Copper (2640m) - 1'19"0**
1. Numa Du Goutier (Baldacchino Noel)
2. Chagall Mistral (Gatt Rodney)
3. Kala Azar (Mallia Anthony)
4. Grand Marnier (Farrugia Andrew)

**Race 2 - Bronze (2640m) - 1'18"6**
1. Luron De La Prade (Said Jeffrey)
2. Kemir Royal (Xerri Jeffrey)
3. Expect High (Gatt Rodney)
4. Ovidie (Mifsud Mark)

**Race 3 - Flat Race (1750m)**
1. Crocolyrique (E. Zammit)
2. Sly Racoon (M. Sultana)
3. Lady Perla (O. Briffa)

**Race 4 - Bronze (2140m) - 1'16"9**
**MRC - SECF Encounter Race 1**
1. Jeans De Bannes (Sebastien Ernault (FR))
2. Chip Chop Lady (Bugeja Mario)
3. Echo Lloyd (Gauci Francis Jn.)
4. Junior De Bresles (Garzia Emmanuel)

**Race 5 - Gold (2140m) - 1'16"8**
**MRC - SECF Encounter Race 2**
1. Landi Breton (Francois Lecarpentier (FR))
2. Agobra Bingo (Spiteri Warren)
3. BBS Balthazar (Sebastien Ernault (FR))
4. Gingoro (Farrugia Julian)

**Race 6 - Flat Race (1750m)**
1. Lordswood (E. Zammit)
2. Maria La Perfida (M. Mallia)
3. Nikos Heriniere (M. Sultana)
4. Etoile Du Pic (O. Briffa)

**Race 7 - Premier (2640m) - 1'16"5**
1. Bello Fratello (Vassallo Clint)
2. Arnie Sensation (Schembri Gorg)
3. Socrates (Camilleri Charles)
4. Lover Boy Index (Desira Mark)

**Race 8 - Silver (2140m) - 1'16"7**
**MRC - SECF Encounter Race 3**
1. On Off (Farrugia Julian)
2. Tip Tip Tap (Bugeja Mario)
3. Maitre De Bannes (Baldacchino Noel)
4. Kipouf De Bessiere (Hili Brian)

**Race 9 - Gold (2640m) - 1'16"4**
1. Race Ball (Demanuele Tony)
2. Flying As (Camilleri Charles)
3. Black Guy (Vassallo Clint)
4. New Kid In Town (Farrugia Gilbert)

**Race 10 - Silver (2640m) - 1'17"1**
1. Ilot Du Pont (Hili Brian)
2. Dollar As (Refalo Claudio)
3. Judon Du Cap Vert (Baldacchino Noel)
4. Circus Flip (Bartolo Salvu)


17.5.09 - Race 7 Premier


17.5.09 - Race 9 Gold


24.5.09 - Race 6 Flat


24.5.09 - Race 7 Premier

## ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Baldacchino Noel | 149 | 24 | 15 | 19 | 12 | 25 | 16.11% | 46.98% | 276 |
| Camilleri Charles | 143 | 15 | 24 | 14 | 17 | 22 | 10.49% | 48.95% | 246 |
| Cassar Frencu | 81 | 9 | 12 | 11 | 5 | 9 | 11.11% | 45.68% | 138 |
| Farrugia Julian | 113 | 13 | 7 | 5 | 10 | 27 | 11.50% | 30.97% | 131 |
| Ellul Michael | 83 | 13 | 6 | 3 | 2 | 19 | 15.66% | 28.92% | 119 |
| Caruana Karl | 63 | 6 | 10 | 4 | 10 | 3 | 9.52% | 47.62% | 100 |
| Gatt Rodney | 78 | 10 | 4 | 6 | 1 | 18 | 12.82% | 26.92% | 99 |
| Demanuele Tony | 88 | 7 | 5 | 8 | 13 | 14 | 7.95% | 37.50% | 98 |
| Hili Brian | 86 | 5 | 4 | 6 | 9 | 26 | 5.81% | 27.91% | 71 |
| Schembri Gorg | 65 | 5 | 3 | 7 | 6 | 4 | 7.69% | 32.31% | 66 |
| Attard Gorg | 46 | 5 | 7 | 2 | 2 | 6 | 10.87% | 34.78% | 65 |
| Farrugia Andrew | 44 | 4 | 5 | 5 | 4 | 9 | 9.09% | 40.91% | 62 |
| Vassallo Clint | 29 | 6 | 4 | 1 | 1 | 1 | 20.69% | 41.38% | 61 |
| Farrugia Karmenu | 36 | 5 | 3 | 4 | 3 | 2 | 13.89% | 41.67% | 58 |
| Ellul David | 48 | 4 | 2 | 6 | 9 | 3 | 8.33% | 43.75% | 57 |

## ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Rodney | 78 | 10 | 4 | 6 | 1 | 18 | 12.82% | 26.92% | 99 |
| Vassallo Clint | 29 | 6 | 4 | 1 | 1 | 1 | 20.69% | 41.38% | 61 |
| Portelli Shaun | 19 | 3 | 1 | 2 | 2 | 4 | 15.79% | 42.11% | 31 |
| Briffa James | 15 | 1 | 1 | 2 | 1 | 4 | 6.67% | 33.33% | 16 |
| Spiteri Warren | 6 | 0 | 1 | 2 | 1 | 1 | 0.00% | 66.67% | 5 |
| Cassar Sam | 13 | 0 | 1 | 2 | 0 | 3 | 0.00% | 23.08% | 8 |
| Cauchi Omar | 21 | 0 | 1 | 0 | 4 | 3 | 0.00% | 23.81% | 7 |
| Farrugia Andre | 10 | 0 | 0 | 2 | 2 | 3 | 0.00% | 40.00% | 6 |
| Xerri Jeffrey | 9 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0.00% | 22.22% | 5 |
| Schembri Johan | 13 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 0.00% | 23.08% | 5 |
| Farrugia Jean Pierre | 4 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0.00% | 25.00% | 2 |
| Farrugia Wayne | 6 | 0 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0.00% | 16.67% | 1 |

## ĠERREJJA TAL-GALOPP

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nd | 3rd | Pts Win | Pts Place | Pts Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sultana Michael | 14 | 3 | 4 | 3 | 21 | 29 | 50 |
| Briffa Oliver | 13 | 3 | 3 | 2 | 21 | 21 | 42 |
| Zammit Eric | 10 | 2 | 4 | 2 | 14 | 26 | 40 |
| Grima Ramon | 8 | 3 | 0 | 1 | 21 | 3 | 25 |
| Farrugia John | 7 | 1 | 1 | 1 | 7 | 8 | 15 |
| Zammit Demis | 8 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| Vella Trafford | 10 | 0 | 1 | 1 | 0 | 5 | 8 |
| Mallia Matthew | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 5 | 5 |
| Borg Sarah | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 3 |
| Abela Paul | 5 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 3 |
| Micallef Jesmond | 6 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 3 |

## ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L`Ideal De Fersan | FR | 9 | 4 | 2 | 0 | 0 | 0 | 44.44% | 66.67% | 36 |
| Kamis De L`Eveche | FR | 7 | 3 | 3 | 0 | 0 | 1 | 42.86% | 85.71% | 33 |
| Gigo Lloyd | SE | 9 | 2 | 3 | 2 | 0 | 0 | 22.22% | 77.78% | 30 |
| In Vitro Du Bourg | FR | 6 | 3 | 2 | 0 | 0 | 0 | 50.00% | 83.33% | 29 |
| Lady June | SE | 8 | 3 | 1 | 1 | 1 | 0 | 37.50% | 75.00% | 28 |
| Gatsby De la Motte | FR | 9 | 2 | 2 | 3 | 0 | 0 | 22.22% | 77.78% | 28 |
| Syllabub | SE | 7 | 2 | 3 | 0 | 0 | 2 | 28.57% | 71.43% | 26 |
| Iris Du Louvet | FR | 7 | 3 | 1 | 0 | 0 | 1 | 42.86% | 57.14% | 25 |
| Man Quick | FR | 7 | 3 | 0 | 2 | 0 | 2 | 42.86% | 71.43% | 25 |
| Jeo De Touvois | FR | 9 | 2 | 2 | 1 | 0 | 1 | 22.22% | 55.56% | 24 |
| Marcangelo | FR | 8 | 3 | 0 | 1 | 0 | 1 | 37.50% | 50.00% | 23 |
| Impact Classic | FR | 8 | 3 | 0 | 1 | 0 | 0 | 37.50% | 50.00% | 23 |
| Bello Fratello | SE | 10 | 2 | 2 | 0 | 1 | 1 | 20.00% | 50.00% | 23 |
| Catchme If You Can | DE | 8 | 2 | 1 | 2 | 1 | 0 | 25.00% | 75.00% | 23 |
| Jarnac Du Moulin | FR | 9 | 1 | 3 | 2 | 0 | 0 | 11.11% | 66.67% | 23 |

## ŻWIEMEL TAL-GALOPP

| Żiemel | Org | Races | Wins | 2nd | 3rd | € | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kharsak | FR | 4 | 2 | 2 | 0 | 500 | 24 |
| Just The Best | FR | 4 | 2 | 0 | 2 | 555 | 20 |
| Monashee Prince | IR | 6 | 1 | 1 | 1 | 285 | 18 |
| Nikos Heriniere | FR | 3 | 2 | 0 | 1 | 390 | 17 |
| Docklands Brian | GB | 4 | 0 | 2 | 2 | 405 | 16 |
| Priviliged Boy | IR | 4 | 1 | 1 | 1 | 640 | 16 |
| Waterpaint | GB | 6 | 1 | 1 | 0 | 270 | 16 |
| Maria La Perfida | IR | 5 | 1 | 1 | 0 | 230 | 15 |
| Genievre | FR | 4 | 0 | 2 | 0 | 160 | 12 |
| Lordswood | IR | 2 | 1 | 1 | 0 | 230 | 12 |
| Lady Perla | IR | 5 | 0 | 1 | 1 | 110 | 11 |
| Etoile Du Pic | FR | 3 | 1 | 0 | 1 | 280 | 11 |
| Crocolyrique | FR | 3 | 1 | 0 | 1 | 30 | 11 |
| Free Devious | IT | 4 | 0 | 1 | 1 | 120 | 10 |
| Walker | CZK | 6 | 0 | 0 | 2 | 75 | 10 |



Kharsak

# Grand Prix tal-Bahrain






**Riżultati tal-GP tal-Bahrain**

1. Jenson Button (Britannja) Brawn GP .......... 1:31:48.182
2. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull .......... +00:07.187
3. Jarno Trulli (Italja) Toyota .......... 00:09.170
4. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren .......... 00.22.096
5. Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP .......... 00:37.799
6. Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari .......... 00:42.057
7. Timo Glock (Ġermanja) Toyota .......... 00:42.880
8. Fernando Alonso (Spanja) Renault .......... 00:52.775
9. Nico Rosberg (Ġermanja) Williams .......... 00:58.198
10. Nelson Piquet (Brażil) Renault .......... 01:05.149
11. Mark Webber (Awstralja) Red Bull .......... 01:07.641
12. Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren .......... 01:17.824
13. Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso .......... 01:18.805
14. Felipe Massa (Brażil) Ferrari .......... 1 lap
15. Giancarlo Fisichella (Italja) Force India .......... 1 lap
16. Adrian Sutil (Ġermanja) Force India .......... 1 lap
17. Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso .......... 1 lap
18. Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber .......... 1 lap
19. Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber .......... 1 lap

**Irtiraw**

Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams .......... 9 laps

# Grand Prix ta' Barċellona





**Riżultati tal-GP ta' Barċellona**

1. Jenson Button (Britannja) Brawn GP .......... 1:37:19.202
2. Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP .......... +00:13.056
3. Mark Webber (Awstralja) Red Bull .......... 00:13.924
4. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull .......... 00:18.941
5. Fernando Alonso (Spanja) Renault .......... 00:43.166
6. Felipe Massa (Brażil) Ferrari .......... 00:50.827
7. Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber .......... 00:52.312
8. Nico Rosberg (Ġermanja) Williams .......... 00:05.211
9. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren .......... 1 lap
10. Timo Glock (Ġermanja) Toyota .......... 1 lap
11. Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber .......... 1 lap
12. Nelson Piquet (Brażil) Renault .......... 1 lap
13. Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams .......... 1 lap
14. Giancarlo Fisichella (Italja) Force India .......... 1 lap

**Irtiraw**

Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari .......... 49 laps
Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren .......... 59 laps
Jarno Trulli (Italja) Toyota .......... 66 laps
Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso .......... 66 laps
Sebastian Bourdais (Franza) Toro Rosso .......... 66 laps
Adrian Sutil (Ġermanja) Force India .......... 66 laps

# Grand Prix ta' Monaco





### Riżultati tal-GP ta' Monaco

1. Jenson Button (Britannja) GP Brawn ........ 1:40:44.282
2. Rubens Barrichello (Brażil) GP Brawn ........ +00:07.666
3. Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari ........ 00:13.442
4. Felipe Massa (Brażil) Ferrari ........ 00:15.110
5. Mark Webber (Awstralja) Red Bull ........ 00:15.730
6. Nico Rosberg (Ġermanja) Willaims ........ 00:33.586
7. Fernando Alonso (Spanja) Renault ........ 00:37.839
8. Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso ........ 01:03.142
9. Giancarlo Fisichella (Italja) Force India ........ 01:05.040
10. Timo Glock (Ġermanja) Toyota ........ 1 lap
11. Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber ........ 1 lap
12. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren ........ 1 lap
13. Jarno Trulli (Italja) Toyota ........ 1 lap
14. Adrian Sutil (Ġermanja) Force India ........ 1 lap
15. Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams ........ 2 laps

### Irtiraw

Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren
Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber
Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull
Nelson Piquet (Brażil) Renault
Sebastien Buemi (Svizzerra) Toro Rosso

### Klassifika Sewwieqa

1. Jenson Button (GP Brawn) ........ 51
2. Rubens Barrichello (GP Brawn) ........ 35
3. Sebastian Vettel (Red Bull) ........ 23
4. Mark Webber (Red Bull) ........ 19.5
5. Jarno Trulli (Toyota) ........ 14.5
6. Timo Glock (Toyota) ........ 12
7. Fernando Alonso (Renault) ........ 11
8. Kimi Raikkonen (Ferrari) ........ 9
9. Lewis Hamilton (McLaren) ........ 9
10. Felipe Massa (Ferrari) ........ 8
11. Nico Rosberg (Williams) ........ 7.5
12. Nick Heidfeld (BMW Sauber) ........ 6
13. Heikki Kovalainen (McLaren) ........ 4
14. Sebastien Buemi (Toro Rosso) ........ 3
15. Sebastien Bourdais (Toro Rosso) ........ 2

### Klassifika Kostrutturi

1. Brawn-Mercedes ........ 86
2. RedBull-Renault ........ 42.5
3. Toyota ........ 26.5
4. Ferrari ........ 17
5. McLaren-Mercedes ........ 13
6. Renault ........ 11
7. Williams-Toyota ........ 7.5
8. BMW Sauber ........ 6
9. Toro Rosso-Ferrari ........ 5




# Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra

## ....Tkompli (1951-1959)

**IS-SINJALI:**

Fejn jidħlu s-sinjali (bnadar) għedna, li regolament stabbilit mid-dwana jgħid li l-ebda opra ma tista' tieħu sehem fir-Regatta jekk ma jkollhiex is-sinjal marbut jew imwaħħal mal-pruwa tagħha waqt il-korsa. L-għan tas-sinjal hu li l-ispettaturi li jkunu qegħdin isegwu dawn it-tiġrijiet ikunu jafu eżatt liema distrett kull opra tkun qed tirrappreżenta.

Ħafna huma tal-fehma li dawn is-sinjali llum m'għadx għandhom dik l-importanza daqs kemm kellhom dari, peress li preżentament kull opra li tipparteċipa fir-Regatta hi miżbugħa bil-kuluri tradizzjonali tad-distrett. Madankollu, għalkemm f'dawn l-aħħar snin l-opri ta' kull distrett jingħarfu mill-kuluri tagħhom, xorta waħda kull opra għadha tingħata s-sinjal - sinjal li maż-żmien jista' faċilment jinbidel f'kulur ieħor li ma jkollu x'jaqsam xejn mal-kuluri tradizzjonali tad-distretti kif fil-fatt kienu l-kuluri tas-sinjali fis-snin 50 u 60.

Matul dawk is-snin l-opri ta' l-Isla kemm-il darba kellhom sinjal Aħdar jew Aħdar u Abjad. Marsa ġieli kellhom sinjal Abjad jew Isfar. Kalkara ġie li tajru s-sinjal Isfar u Aħdar kif ukoll Ikħal u Abjad. Birgu minn dejjem kellhom għall-qalbhom il-kulur Aħmar iżda, fl-1966, tajru is-sinjal Roża. Bormla, fl-1966, kellhom sinjal Aħmar u anke sinjal Ikħal. Marsamxett ġie li ġerrew bis-sinjal Abjad kollu u ġie li bil-kulur Isfar. Raħal il-Ġdid għamli żmien iġerru bl-Abjad, iżda, fl-1966 kellhom sinjal Ċelesti.

Fis-snin 70, ġie stabbilit li kull distrett iġerri bil-kuluri tradizzjonali tiegħu u għalhekk insibu li Bormla bdew iġerru bis-sinjal Ċelesti, Birgu bis-sinjal Aħmar, l-Isla bis-sinjal Isfar u Aħmar, Marsa bis-sinjal Ikħal, Kalkara bis-sinjal Aħdar u Marsamxett bis-sinjal Isfar. Meta d-distretti kienu jipparteċipaw b'żewġ opri fl-istess korsa, mal-kulur tradizzjonali ta' kull distrett kien jiżdied ukoll l-Abjad. Għalhekk is-sinjal tat-tieni dgħajsa ta' Bormla kien Ċelesti u Abjad, tal-Birgu Aħmar u Abjad, tal-Kalkara Aħdar u Abjad, Marsamxett Isfar u Abjad għalkemm ġie li ġerrew ukoll bis-sinjal Ikħal u Isfar, iMarsa Ikħal u Abjad għalkemm ġie li ġerrew bis-sinjal Ikħal u Aħmar waqt li s-sinjal ta' l-Isla kien Isfar, Aħmar u Isfar.

**L-IRJIEĦ:**

Normalment kemm f'Marzu kif ukoll f'Settembru l-kanal jinħakem minn l-irjieħ u kurrenti li jaffettwaw ħafna lill-ekwipaġġi. Minħabba hekk, dejjem meta jkun possibbli għax ir-riħ jista' jinbidel minn ħin għall-ieħor, ġieli nħasset il-ħtieġa li proprju f'Jum il-Vitorja jirranġaw l-armar tad-dgħajsa u l-qaddiefa jinżlu jagħtu qadfa biex jiċċekkjaw jekk iċ-ċaqliq fl-armar fid-dgħajsa jaffettwahomx aħjar waqt il-qdif. Frażi komuni ħafna li tismagħha ta' spiss tingħad fost id-dilettanti li jkunu d-dwana f'Jum il-Vitorja hi "... ir-riħ illum huwa pruwiera




Il-koppja Sengleana Alfred Fiteni u Toni Farrugia jippożaw għar-ritratt wara r-rebħa tagħhom fl-1961

minn Joseph Serracino

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA




L-aħwa Joseph u Tancred Bordarini mat-tmunier Wenzu Zarb ftit metri 'l bogħod minn tmiem il-korsa tal-frejgatini fl-1965

jew inkella irmiġġiera ..." Din il-frażi tagħti indikazzjoni ċara minn fejn ikun qed jonfoħ ir-riħ u lil liema qaddief ikun se jaffettwa l-aktar waqt ir-Regatta.

Ir-riħ li jkun ġej minn fuq il-Furjana u jagħti dritt għal ġol-Birgu jissejjaħ Majjistral jew mill-Punent Majjistru. Dan ir-riħ jaffettwa l-aktar lill-irmiġġiera u lill-poppiera peress li dawn iż-żewġ qaddiefa jagħmlu bord wieħed. Ir-riħ li jkun ġej minn fuq Kordin u jagħti għal ġol-Belt jissejjaħ Nofs in-Nhar ix-Xlokk. Dan ir-riħ jaffettwa ħafna lill-pruwiera u lill-parasija peress li l-imqadef ta' dawn iż-żewġ qaddiefa huma fuq l-istess naħa tad-dgħajsa u għalhekk jagħmlu bord wieħed.

## IL-POLZA:

Fis-snin 50, il-polza kienet tittella' f'nhar il-Vitorja, għall-ħabta tal-11.00 a.m., fid-Dwana l-Antika quddiem ir-rappreżentanti tad-distretti parteċipanti. Din is-sistema baqgħet tiġi attwata sakemm it-Tiġrija Tal-Vitorja baqgħet tiġi organizzata mid-dwana. Meta l-organizzazzjoni tat-tiġrija għaddiet f'idejn il-Kumitat Festi Nazzjonali, kien sar ftehim mal-kumitat *8th September Regatta Association* biex il-polza ta' kull korsa tittella' qabel kull tiġrija f'Ras Ħanżir, sistema li mhux kulħadd qabel magħha, tant, li nsibu li snin wara reġgħet bdiet tittella' mill-ġdid fid-dwana.

Żmien wara, il-poloz bdew jittellgħu waqt programm sportiv fuq stazzjon televiżiv lokali. Iżda din it-tattika wkoll kellha ħajja qasira għaliex fuq suġġeriment ta' l-Kumitat Nazzjonali tal-Regatta dawn il-poloz bdew jittellgħu b'sistema ta' roster fil-Klabbs tar-Regatta. Wara xi snin, din is-sistema reġgħet inbidlet mill-ġdid u fil-preżent dawn il-poloz qegħdin jittellgħu waqt ir-Regatta fid-Dwana Antika. L-ewwel jittellgħu l-poloz ta' l-ewwel żewġ tiġrijiet, waħda Kategorija 'A' u oħra Kategorija 'B', imbagħad qabel ma jitqassmu l-paljijiet u t-tazzi lir-rebbieħa tagħhom jerġgħu jittellgħu tnejn oħra, sakemm tnejn, tnejn jittellgħu l-poloz kollha. Wara li jitqassmu l-paljijiet u t-tazzi lill-ekwipaġġi ta' l-aħħar żewġ tiġrijiet, il-President tar-Repubblika jew Ministru tal-Gvern jippreżenta l-Aggregate Shield lill-president tal-klabb rebbieħ fost il-ferħ u l-briju tal-qaddiefa u l-partitarji tagħhom.

## SISTEMI DIFFERENTI TA' QDIF:

Is-sistema tal-qdif li preżentament tintuża' mill-qaddiefa ta' żmienna hi differenti ħafna minn dik tal-barklori. Għalkemm il-barklori kienu l-qaddiefa naturali ta' dawn l-opri tradizzjonali għax minn ċkunithom kienu jsiru midħla tal-moqdief, is-sistema tal-qdif tagħhom fit-tiġrijiet tar-Regatta kienet aktar ibbażata fuq is-saħħa ta' dirgħajhom milli fuq il-ħeffa tal-moqdief. Issib min jgħid li s-saħħa li kienu jużaw il-barklori waqt il-qdif kienet saħħa tremenda, fejn il-moqdief f'idejhom kien qisu ġugarell minkejja li kien tqil ħafna. Waqt it-tiġrija huma kienu jerfgħu l-moqdief b'ċerta faċilità u waqt li mill-ġdid jerġgħu


L-ekwipaġġi ta' Bormla u l-Birgu f'taqtiegħa harxa bejniethom fl-aħħar metri tal-korsa tal-Midalji fl-1969

jgħaddsuh fil-baħar, huma kienu jintefgħu fuqu b'kemm kellhom saħħa u jkomplu jaqdfu b'dan ir-ritmu tul il-korsa kollha.

Is-sistema tal-qdif fi żmienna hi aktar ibbażata fuq il-ħeffa milli fuq is-saħħa, għalkemm kull qaddief irid ikun b'saħħtu u ta' stamina wkoll. Hi qadfa ħafifa u aktar spissa! Fil-preżent il-qaddiefa jibdew it-taħriġ fid-dgħajsa fil-bidu ta' Marzu għat-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien u ħafna minnhom jibqgħu għaddejjin b'dan it-taħriġ sat-Tiġrija tal-Vitorja. Barra t-taħriġ fl-opri, huma jagħmlu eżerċizzju fiżiku bħalma hu ġiri, għawm, rfigħ ta' ħadid, kif ukoll tipi oħra ta' eżerċizzju ieħor f'diversi gyms. F'dak li hu qdif, xi wħud josservaw li l-ekwipaġġi ta' żmienna aktar qegħdin jipperfezzjonaw fil-ħeffa, tant, li xi wħud minnhom kapaċi jagħmlulek bejn 44/46 palata fil-minuta fid-dgħajjes tal-Midalji. Din il-ħeffa wieħed jista' josserva fil-ħinijiet li jġibu waqt il-provi fil-kanal kif ukoll f'dawk irrekordjati mill-ġurija waqt ir-Regatta.


Stakkament ta' pulizija jidher tiela' fuq żewġ laneċ qabel bdiet it-tiġrija fil-bajja ta' San Ġiljan fl-1960


Lanċa tal-pulizija tidher qed tiġbed il-barkun bil-Ħekruna fuqu fl-1960

Dan ir-ritmu mgħaġġel fil-qdif li qed jiġi pprattikat waqt kull edizzjoni tar-Regatta juri b'mod ċar kemm il-qaddiefa ta' żmienna mxew 'il quddiem f'dik li hi teknika, kif ukoll fi preparazzjoni fiżika għal dan l-avveniment li fih kull qaddief irid jagħti xhieda tas-saħħa u l-istamina tiegħu. S'intendi, illum m'għadux żmien li biex tirbaħ palju trid taħli saħħtek mal-moqdief. Il-perfezzjoni u l-abbiltà fil-qdif tgħin ħafna lill-qaddief biex matul il-korsa jitlef inqas enerġija, jgħejja anqas u jibqagħlu enerġija biżżejjed biex ikun jista' jipparteċipa f'korsi oħra. Ovvjament il-ħeffa fil-qdif hi fattur importanti ħafna f'kull korsa fejn diversi ekwipaġġi stabbiliti jikkompetu kontra xulxin għar-rebħ tal-palju.

Issib min jgħid li bis-saħħa li kienu jużaw il-barklori fil-ħruġ ta' kull korsa, id-dgħajsa litteralment kienet tinqata' mill-ilma, waqt li l-ħeffa li l-qaddiefa ta' żmienna qegħdin jipprattikaw b'tant effiċjenza, kull ekwipaġġ jirnexxielu jaqbad ritmu li kapaċi jkompli jżid fil-palati aktar mal-opri joqorbu lejn tmiem il-korsa. S'intendi din il-ħeffa wieħed jista' jikkalkulaha bin-numru ta' palati li l-ekwipaġġi jagħmlu kull minuta. Għalkemm in-numru ta' palati jista' jvarja minn ekwipaġġ għall ieħor, il medja ta' kull kategorija hi din: Frejgatini bejn 35 u 37 palata; Kajjikki bejn 35 u 38 palata; Dgħajjes tal-Midalji 'A' bejn 40 u 45 palata, Dgħajjes tal-Pass b'żewġt imqadef 'Ċ' bejn 35 u 37 palata u Dgħajjes tal-Pass b'erbat imqadef 'B' bejn 36 u 38 palata.

**L-Aggregate Cup (1952 -1954) intrebħet hekk:**
**1952 - Marsa; 1953 - Isla; 1954 - Isla**

**L-Aggregate Shield (1955 – 1959) intrebħet hekk:**
**1955 - Isla; 1956 - Isla; 1957 - Isla; 1958 - Isla; 1959 - Kalkara**


SPARK
Cola
Carbonated soft drink

# Atleti Maltin jibdew igawdu mill-iskema ta' taħriġ 20/20

Fl-aħħar jiem, numru ta' atleti nazzjonali li huma wkoll impjegati mal-gvern, ingħataw l-opportunità li jżidu l-ħin tat-taħriġ tagħhom biex itejbu l-wirjiet u r-riżultati tagħhom. Dan meta dawn l-atleti bdew igawdu mill-iskema ta' taħriġ, magħrufa bhala 20-20.

Din l-iskema ġiet imħabbra ftit tal-ġimgħat ilu waqt konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, u inizjalment bdiet tiġi mplimentata bħala proġett pilota. Fil-fatt, fl-ewwel xhur mill-introduzzjoni ta' din l-iskema bdew jibbenifikaw minnha numru ta' atleti li qegħdin iħejju biex jieħdu sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar matul ix-xahar id-dieħel f'Ċipru.

Dawn l-atleti huma Mario Bonello, Joanne Camilleri, Giselle Camilleri, Antonella Chouhal, Rachid Chouhal, Mario Mifsud u Maya Podesta, u bdew jibbenefikaw minn massimu ta' għoxrin siegħa leave bi ħlas fil-ġimgħa biex jitħarrġu fid-dixxiplini tagħhom skont programm ta' taħriġ professjonali ppreparat minn kowċis u għaqdiet sportivi rreġistrati mal-Kunsill Malti għall-iSport.

Dan mhux kollox, għaliex l-iskema torbot magħha element ta' serjetà u professjonalità fit-twettiq tagħha u għaldaqstant il-Kunsill Malti għall-iSport ingħata d dritt li jagħmel verifiki fuq it-taħriġ tal-atleti waqt il-ħin tax-xogħol u kif ukoll fuq il-wirjiet tagħhom. Biex tiġi ntrodotta din l-iskema, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-ogħla uffiċjali tal-Kunsill Malti għall-iSport kellhom jagħmlu ħidma amministrattiva intensa u preparazzjoni twila. Dawn inkludew ukoll sensiela ta' laqgħat ma' numru ta' Segretarji Permanenti f'Ministeri differenti fosthom, Dr. Godwin Grima, Dr. Chris Bezzina, Dr. Kenneth Grech, u s-Sur John Gatt, li wkoll kellhom fiduċja fis-suċċess ta' din l-iskema u taw l-appoġġ tagħhom. Ta' min wieħed jinnota li barra l-atleti li se jieħdu sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar f'Ċipru, ingħataw ukoll l-awtorizzazzjoni biex jingħaqdu fl-iskema 20-20 anke l-plejers tal-futbol, Jonathan Caruana u Kenneth Scicluna li jagħmlu parti mit-tim Nazzjonali Malti.

Wieħed irid isemmi wkoll li l-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed jagħmel għad-dispożizzjoni tal-istess atleti l-faċilitajiet tiegħu bħal Matthew Micallef St John Athletic Track u l-Kumpless Sportiv tal-Marsa u l-użu tal-Fitness Centre fil-Kumpless Sportiv tal-Pixxina Nazzjonali. Dan il-fitness centre ġie modernizzat u mkabbar dan l-aħħar għal spiża ta' €81,000. L-iskema 20-20 tikkumplimenta l-għajnuna li ta l-Gvern u l-KMS fl-aħħar snin għall-iżvilupp ta' l-isport Malti. Fl-aħħar ħames snin, l-assistenza lill-Moviment Olimpiku Malti kienet ta' aktar minn €3.6 miljun, b'€1.7 miljun minnhom jgħaddu direttament lill-Kumitat Olimpiku Malti.

Fl-2008, l-assistenza lill-Moviment Olimpiku Malti kienet tammonta għal €748,000, b'madwar €362,000 minnhom jgħaddu direttament lill-Kumitat Olimpiku. Din is-sena, minbarra l-għajnuna finanzjarja, l-KMS baqa' jiffinanzja wkoll il-pagi ta' ħaddiema tal-gvern mislufa fl-amministrazzjoni tal-Moviment Olimpiku. Dan mhux kollox, għax fl-aħħar xhur kompliet tingħata assistenza oħra min-naħa tal-istat anke permezz ta' inizjattivi mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, mill-Fondi għall-Kawżi Ġusti u mil-linja tal-ajru nazzjonali l-Airmalta.




Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, iniedi riċentement l-iskema 20/20 waqt konferenza tal-aħbarijiet

"B'din l-iskema 20/20 tista' tisstruttura iktar il-ġurnata tiegħek b'mod li tista' idaħħal aħjar ix-xogħol, it-taħriġ u l-mistrieħ"
**- Mario Bonello (Atletika)**

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Twieled fit-28 ta' Jannar 1974, miżżewweġ lil Katya u missier ta' żewġt itfal: Andria (6) u Nicolai (4). Mario ggradwa bħala Perit mill-Università ta' Malta f'1997 u jaħdem bħala Perit mat-Taqsima tax-Xogħolijiet fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Hu beda jinteressa ruħu fl-isport sa minn tfulitu. Mario kien jattendi l-Kulleġġ ta' De La Salle minn fejn beda jipparteċipa fi sport differenti nkluż l-atletika, li issa jipprattika b'mod professjonali b'enfasi fuq Sprints fuq distanzi ta' 100m (10.64sec), 200m (21.46sec), 400m (48.78sec) u relays 4x100m u 4x400m.

Mario ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet fosthom: fi tmien edizzjonijiet tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żagħar sa mill-1993; il-Logħob Olimpiku ġewwa Atlanta fl-1996 u Sydney fis-sena 2000; il-Kampjonati Mondjali f'Stokkarda (1993) u Ateni (1997); il-Kampjonati Ewropej f'Budapest (1994) u Helsinki (1998); il-Kampjonati Universitarji f'Buffallo (1993), Fukuoka (1995) u Catania (1997); il-Logħob tal-Mediterran f'Bari (1997) u Tunezija (2005); il-Kampjonati Mondjali f'Pariġi (1997) u dawk Ewropej f'Valencia (1998); numru ta' edizzjonijiet tal-European Cup f'diversi Pajjiżi; u parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet oħra internazzjonali.

F'dawn il-kompetizzjonijiet, Mario kiseb riżultati prestiġġjużi fosthom 16–il midalja fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar; numru ta' rekords Nazzjonali; u kwarti-finalista fil-Logħob Universitarju ġewwa Catania. Dawn apparti diversi unuri oħra fosthom fl-Għażliet Sportivi Nazzjonali fl-1999, runner-up fl-1998 u fir-raba' post fl-2005; kif ukoll ħames darbiet atleta tas-sena.

Mario jitħarreġ darbtejn kuljum, sitt darbiet fil-ġimgħa kemm fit-track tal-Marsa kif ukoll fil-gym. Dan it-taħriġ jirrikjedi madwar 20-25 siegħa fil-ġimgħa li grazzi għall-iskema tat-20-20 hekk kif implimentata mill-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed jibbenefika minnha. Bonello ma qagħadx lura milli jitkellem dwar din l-iskema u tenna li b'din l-iskema tista' tisstruttura iktar il-ġurnata tiegħek b'mod li tista' iddaħħal aħjar ix-xogħol, it-taħriġ u l-mistrieħ"



Mario Bonello (Atletika)

"B'din l-iskema nista' nitħarreġ filgħodu, nistrieħ, immur ix-xogħol, nistrieħ ftit u nerġa' nittrejnja. Wara kollox, il-mistrieħ jifforma parti mportanti mit-taħriġ ukoll."
**- Giselle Camilleri (Atletika)**

Twieldet fis-26 ta'Awwissu, 1974, u hi għalliema ta' l-isports fi skola sekondarja. Id-dixxiplina sportiva li tispeċjalizza fiha hi l-ġiri fuq distanzi ta' bejn 5 u 10 kilometri.

Giselle ħadet sehem f'diversi kompetizzjonijiet internazzjonali fosthom: il-GSSE fl-1999 u fl-2003; il-Kampjonati Mondjali f'Seville fl-1999; il-Bruno Zauli European Cup fis-snin 1998, 2000, 2003, 2008, u l-Kampjonati Mondjali tan-Nofs Maratona fil-Portugal.

Bħala unuri u kisbiet Giselle telenka numru sabiħ ta' riżultati: it-tielet post fin-Nofs Maratona li saret l-Olanda fl-1994; l-ewwel fin-Nofs Maratona fl-Olanda ukoll fl-1995; it-tieni fin-Nofs Maratona li saret Malta fl-1995; it-tielet fin-Nofs Maratona f'Lisbona fl-1995; is-sitt post fil-Maratona ta' Lisbona fl-1996; il-ħames fil Maratona ta' l-Olanda fl-1996; it-tieni fin-Nofs Maratona ta' Malta fl-1996; it-tieni fin-Nofs Maratona ta' Malta wkoll fl-1997; l-ewwel u t-tielet post f'żewġ Nofs Maratoni li saru Palermo fl-1997; it-tielet fin-Nofs Maratona ta' Malta

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

fl-1998; l-ewwel fin-Nofs Maratona ta' Treviso fl-1998; kif ukoll diversi suċċessi oħra u rekords personali.

Grazzi għall-iskema tat-20-20 hekk kif implimentata mill-Kunsill Malti għall-iSport, apparti mit-taħriġ fil-ħin liberu tagħha, Giselle titħarreġ ukoll nhar ta' Tnejn filgħodu; nhar ta' Tlieta u l-Ħamis wara l-11.00 am; u l-Erbgħa u l-Ġimgħa titħarreġ il-ġurnata kollha.

Mitluba tikkummenta dwar din l-iskema Giselle kkummentat "jien bħala għalliema nieħu xogħli bis-serjetà u dan nagħmlu minn qalbi. Biss jeħodli ħafna enerġija. Iżda issa b'din l-iskema nista' nittrejnja filgħodu, nistrieħ, immur ix-xogħol, nistrieħ ftit u nerġa' nittrejnja. Wara kollox, il-mistrieħ jifforma parti mportanti mit-training ukoll."



Giselle Camilleri (Atletika)

## "Tqassim ta' ħin aħjar grazzi għal 20-20" - Joanna Camilleri (Judo)



Joanna Camilleri (Judo)

Twieldet fil-25 ta' Ġunju 1981, gradwata mill-Università ta' Malta u taħdem bħala għalliema tal-Home Economics u Edukazzjoni Fiżika fil-Kulleġġ Santa Tereża Sekondarja tas-subien B'Kara, filwaqt li tifforma parti wkoll mill-Kunsill Malti għall-iSport fi 'Schools on the Move' billi tikkowċja l-Judo fi skola partikolari.

Mil-lat sportiv, Joanna Camilleri, hija Judoka u tifforma parti mill-iskwadra nazzjonali tal-Judo, atleta fil-kategorija ta' taħt il-57kg. Joanna bdiet tittrenja il-Judo minn meta kellha 15–il sena u fl-istess perijodu kienet tifforma parti mill-iskwadra nazzjonali tal-Basketball. Joanna intgħażlet man-Nazzjonal tal-Judo u minn hemmhekk rebħet diversi unuri fosthom il-midalja tad-deheb f'Monaco fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar sentejn ilu. Joanna rebħet ukoll unuri oħra bħad-disa' post f'Tazza tad-Dinja, midalja tal-Bronż f'Messina, Lipari, Forli u diversi midalji oħra meta temmet fl-ewwel post f'Malta fil-kategorija tagħha.

Waqt l-esperjenza tagħha man-Nazzjonal, Joanna ukoll tifforma parti miċ-Centre of Excellence fi skema tad-Deheb magħżula mill-Kumitat Olimpiku Malti. Joanna wkoll rebħet diversi titli bħal Gold Award kif ukoll ġiet nominata għall-isportiva tas-sena ma' diversi atleti oħra femminili. Joanna ma tinsa qatt il-mument meta ndaqq l-Innu Malti u telgħet il-bandiera ta' pajjiżna meta rebħet il-midalja tad-deheb.

Grazzi għall-iskema mnedija mill-Gvern u l-KMS, Joanna titħarreg kuljum filgħodu u filgħaxija b'ammont totali ta' aktar minn 22 siegħa fil-ġimgħa bħala atleta nazzjonali tal-Judo u għamlet ukoll arranġamenti professjonali mal-kap tal-iskola biex meta jkollha l-free lessons tagħha titlaq u tittrenja biex b'hekk il-lezzjonijiet ma ttellifhomx lill-istudenti tagħha li għaliha huma mportanti ħafna ukoll fil-karriera tagħha. Għalhekk, Joanna titħarreg it-Tnejn u l-Ħamis fid-9.00 am, l-Erbgħa u il-Ġimgħa fl-10.00am, u għandha sagħtejn sħaħ kull darba li titlaq. Dawk jammontaw għal kważi 10 sigħat. Il-kumplament huma lezzjonijiet u għaldaqstant diffiċli li wieħed jiċċaqlaq. Nhar ta' Tlieta Joanna tittrenja wara l-iskola kif ukoll filgħaxija minħabba li ma jkollhiex free lessons fil-ġurnata. Hawnhekk jidħol is-sagrifiċċju u l-impenn ta' Joanna għaliex hija għażlet li x-xogħol kollu tal-iskola isir id-dar minħabba li l-free lessons tagħha qed tutilizzahom bil-għan li ttejjeb il-wirjiet u r-riżultati għal suċċess akbar għaliha, għall-isport li hi tant tagħmel sagrifiċċji għalih kif ukoll għall-pajjiż li tant tħobb.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

"Din l-iskema hija mportanti għax tgħinek tittrenja aktar b'mod professjonali u ntensiv u tgħinna nqassmu t-training li nagħmlu kif suppost. Nirringrazzja lill-KMS ta' din l-opportunità u lil tax-xogħol tiegħi li qed jissapportjawni"
**- Antonella Chouhal (Atletika)**

Twieldet fis-27 ta' April 1976, taħdem bħala Executive Officer mal-Korporazzjoni Enemalta u bħalissa ukoll qegħda tistudja part time għal Degree fil-Business Management mal-EIE. Għandha wkoll żewġt itfal: Sarah ta' 6 snin; u Kareem Luca ta' 3 snin.

Mill-att sportiv bdiet 11-il sena ilu u tikkompeti f'isem il-Club AS Libertas. Kellha l-ewwel riżultat importanti fl-2001 meta kisret ir-rekord nazzjonali tax-shot b'distanza ta' 13.06m. Preżentement detentriċi tar-rekord tad-discus b'distanza ta' 42.20 li kisbet is-sena l-oħra waqt il-laqgħa nternazjonali tal-atletika f'Malta, filwaqt li tikkompeti ukoll mat-tim tal-atletika fl-iSvizzera GGB Berne.


Antonella Chouhal (Atletika)

Antonella rrappreżentat lil Malta fil-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar li saru Malta fl-2003, Andorra fl-2005 u Monaco fl-2007 u fil-kampjonat Ewropew tat-Tieni Diviżjoni fl-2001 li saru f'Ċipru, fl-2002 f'Belgrade fil-Jugoslavia u fl-2008 fis-Slovakkja.

Antonella spjegat li l-ikbar sodisfazzjon tagħha hu kull darba li tikser rekord nazzjonali u ttejjeb il-prestazzjoni tagħha. Grazzi għall-iskema mnedija mill-Gvern u l-KMS, Antonella qegħda tittrenja darbtejn kuljum sagħtejn filgħodu u sagħtejn filgħaxija. Bis-saħħa t'hekk it-taħriġ tagħha qiegħed ikun iktar professjonali peress li tista' tagħmel training iktar speċifikat. Hi tinsab ċerta li dan it-taħriġ se jagħti l-frott b'wirjiet u riżultati tajbin u se ttejjeb il-prestazzjoni tagħha kemm f'livell lokali kif ukoll f'dak internazzjonali.

Finalment, Antonella sostniet li din l-iskema hija mportanti għax tgħinek tittrenja aktar b'mod professjonali u ntensiv u tgħinha tqassam it-training li tagħmel kif suppost. "Nirringrazzja lill-KMS ta' din l-opportunità u lil tax-xogħol tiegħi li qed jissapportjawni," ikkonkludiet Antonella.

"Din l-iskema tgħini ħafna...Jien mhux l-ewwel darba li kont nittrenja wara ġurnata xogħol, nispiċċa fid-9.00 pm u nagħmel mid-9.00 pm sal-11.00pm training. Issa nista' nittrenja filgħodu, sessjoni oħra wara nofs in-nhar u nkun nista' nittrenja wkoll filgħaxija."
**- Rachid Chouhal (Atletika)**

Twieled fl-14 ta' Frar 1975, u jaħdem bħala receptionist ġewwa l-Pixxina Nazzjonali. Għandu wkoll żewġt itfal: Sarah ta' 6 snin; u Kareem Luca ta' 3 snin.

Mill-lat sportiv beda meta kellu 14-il sena u preżentement jikkompeti f'isem il-Club AS Libertas. Kellu l-ewwel riżultat importanti ta' 17–il sena meta ġera 10.8



Rachid Chouhal (Atletika)

sekondi fil-100m. L-ewwel parteċipazzjoni mat-tim Malti ta' l-atletika kienet fil-Logħob tal-Pajjiżi z-Żgħar fl-1999 ġewwa Leichtenstein fejn rebaħ l-ewwel midalja tal-bronż fir-relay. Dik is-sena ħa sehem ukoll fil-Kampjonati Ewropej II Diviżjoni f'Iżrael u fil-Kampjonati tad-Dinja f'Sevilla fl-400m fejn kiseb ukoll rekord nazzjonali. Dik is-sena kienet konkluża bl-unur ta' l-Atleta tas-Sena.

Fis-sena, 2000, Rachid ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet lokali u nternazzjonali fejn waqt laqgħa fi Slovenja kiser rekord nazzjonali fil-200m f'ħin ta' 20.41 li sal-lum għadu detentur tiegħu. Dik is-sena ħa sehem ukoll fil-kampjonati tad dinja indoor fil-Belġju fejn ukoll kiser rekord nazzjonali fis-60m u kellu l-aħjar start overall. Ipparteċipa ukoll fil-Kampjonati Ewropej II Diviżjoni fis-Slovakkja u l-istess sena wkoll ingħalqet bl-unur ta' l-Atleta tas-Sena.

Fl-2001 Rachid ħa sehem fil-kampjonati indoor ta' l-Ewropa li saru Lisbona, Portugal. Kellu prestazzjoni tajba fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru San Marino fejn rebaħ erba' medalji: Fidda fil-100m bi ksur ukoll tar-rekord nazzjonali; Bronż fil-200 metru; Fidda fir-relay 4x100 b'rekord ieħor nazzjonali; u Bronz fil-4 x 400 fejn għal darb oħra nkiser ir-rekord nazzjonali. Ipparteċipa wkoll fil-Kampjonati Ewropej li saru f'Ċipru fejn kien parti mit-tim tar-relays u hemmhekk kisru wkoll rekord nazzjonali. Dik is-sena ukoll ingħalqet bl-unur tal-atleta tas-Sena.

L-2002 kienet sena oħra impenjattiva għal Rachid meta fiha ħa sehem fil-Kampjonati tad-Dinja indoor li saru fi Vjenna, kif ukoll f'diversi kompetizzjonijiet lokali u nternazzjonali li fihom kiser diversi drabi r-rekord nazzjonali fil-Long Jump. Ħa sehem fil-Kampjonati Ewropej II Divisjoni li saru fil-Jugoslavja, u kien finalist fil-Long Jump fil-Logħob tal-Commonwealth li saru Manchester li fihom spiċċa fit-tmien post overall. Ipparteċipa fil-Kampjonati Ewropej fi Munich, fil-Germanja, u dik is-sena wkoll rebaħ l-unur ta' Atleta tas-Sena.

Fl-2003 kellu preparazzjoni tat-taħriġ, f'Winnipeg, il-Kanada, u ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet indoor hemmhekk. Rachid ħa sehem fil-Loghob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru Malta u rebaħ tliet midalji fosthom: midalja tad-Deheb storika fil-Long jump, Fidda fir-relay 4x100; u Bronze fir-relay 4x400 fejn kellna ukoll rekords nazzjonali. Ipparteċipa fil-kampjonati ta' l-Ewropa II divizjoni f'Aarhus Denmark u dik is-sena reġa kiseb ukoll l-unur ta' Atleta Nazzjonali u ġie fit-tielet post fl-unur ta' l-iSportiv tas-sena.

Fl-2004 ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Imbagħad l-2005 kienet sena impenjattiva oħra li fiha ħa sehem fil-Kampjonati Ewropej Indoor f'Madrid. Kellu rekord nazzjonali tal-Long jump 7.71m. Ħa sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru Andorra u rebaħ 3 midalji: 2 medalji tal-Fidda fil-long jump u triple jump b'rekord nazzjonali 14.57; u midalja tad-Deheb fil- 4 x 100 relay. Dik is-sena ħa ukoll l-unur ta' Atleta Nazzjonali.

Fl-2006 ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali u fil-Kampjonati Ewropej II Divizjoni. Fl-2007 Rachid ipparteċipa fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru Andorra u rebaħ 2 medalji: midalja tal-Bronż fil-long jump u midalja tal-Fidda fil-4x100 relay. Fl-2008 Rachid ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali u kiseb ukoll l-unur ta' Atleta Nazzjonali.

Rachid jikkompeti wkoll għall-tim Svizzeru GGB Berne fejn is-sena l-oħra flimkien mat-tim ġie l-ewwel fil-Kampjonat Svizzeru tal-Klabbs u ħa sehem fil-Kampjonati Ewropej tal-Klabbs fejn ikklassifika fis-sitt post.

Grazzi għall-iskema mnedija mill-Gvern u l-KMS, Rachid jittrenja darbtejn kuljum: filgħodu u filgħaxija. Bis-saħħa t'hekk it-taħriġ tiegħu qiegħed ikun iktar professjonali bl-opportunità li t-training jagħti l-frott b'wirjiet u riżultati tajbin filwaqt li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu kemm f'livell lokali kif ukoll f'dak internazzjonali.

"Din l-iskema tgħini ħafna ... Jien mhux l-ewwel darba li kont nittrenja wara ġurnata xogħol, nispiċċa fid-9.00 pm u nagħmel mid-9.00 pm sal-11.00 pm taħriġ. Issa hekk nista' nittrenja filgħodu, sessjoni oħra wara nofs in-nhar u nkun nista' nittrenja wkoll filgħaxija," ikkonkluda Rachid Chouhal.

## "B'din l-iskema l-atleti jistgħu jiddedikaw ħafna iktar ħin għall-isport u b'hekk itejbu r-riżultati" - **Mario Mifsud (Atletika)**

Twieled fil-15 ta' Mejju 1983 u xogħlu huwa radiographer ġewwa l-isptar Mater Dei fl-*operating theatre*. Beda jipprattika l-isport tal-atletika ta' 14-il sena, u d-dixxiplina tiegħu hija d-discus u shot put. Bħala suċċessi f'Malta, Mario kiseb rekords nazzjonali tal-youths fix-shot put u fid-discus, u rekord nazzjonali tal-juniors tad-discus. Fix-xena internazzjonali, fl-1998 Mario ħa l-bronż fid-discus waqt il-loghob tal-FISEC li saru f'Canary Islands, fl-1999 bronż fid-discus fil-FISEC Games il-Portugall u fis-sena 2000 kiseb bronż fid-discus, ir-raba' shot put u deheb fil-hammer throw ukoll waqt il-Loghob tal-FISEC, fi Franza.

It-taħriġ tiegħu jikkonsisti mit-Tnejn sas-Sibt u jinkludi throwing, weightlifting, track training u cardio fil-gym. Mario jkollu bżonn bejn 15 u 20 siegħa matul il-ġimgħa biex it-training ikun effettiv. Grazzi għall-iskema tat-20/20 Mario jista' jagħmel it-taħriġ kollu meħtieġ.


Mario Mifsud (Atletika)

Mifsud tenna li l-ħin huwa mportanti għall-atleti. Prattikament il-ħin tal-mistrieħ u r-recovery huwa mportanti daqs il-ħin iddedikat għat-taħriġ. B'din l-iskema l-atleti jistgħu jiddedikaw ħafna iktar ħin għall-isport u b'hekk itejbu r-riżultati.

## "L-iskema 20-20 għenitni inżid is-sigħat ta' taħriġ" - **Maya Podesta (Ibburdjar)**

Twieldet fit-30 ta' Mejju 1983, u laħqet tabiba fl-2006. Wara sentejn ta' rotations f'dipartimenti differenti fl-isptarijiet lokali, issa qegħda taħdem bħala tabiba fil-kontroll u prevenzjoni ta' mard infettiv mad-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-mard fi ħdan id-Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika, fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Minn età żgħira Maya kienet tqatta' ħafna ħin fuq il-baħar u hija diffiċli tiftakar eżattament meta bdiet fl-ibburdjar! L-ewwel bdiet ittellaq fuq dgħajjes kbar 'keel boats' mal-Royal Malta Yacht Club, u kienet ukoll tgħallem it-tfal il-Malta Young Sailors Club, qabel ma

bdiet fil-Klassi Laser Radial f'2004. Maya bdiet tifforma parti mit-tim Nazzjonali Malti tal-Ibburdjar fl-2006, u f'dawn l-aħħar tliet snin ħadet sehem f'diversi kompetizzjonijiet f'din il-Klassi. Fosthom fil-Barcelona Olympic Sailing Week 2006 u 2007, Princess Sofia Regatta 2007, Semaine Olympique Francaise 2007, il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar 2007 (fejn spiċċat ir-raba'), il-Kampjonati tad-Dinja 2007 u l-Kampjonat Ewropew 2008. Waħda mill-aktar tlielaq memorrabli hija meta ġiet id-disa' f'Hyeres, Franza . "Tħossok kburi tara daqshekk dgħajjes warajk!" ikkummentat Maya.

Maya spjegat li minn kull tellieqa hemm ħafna x'titgħallem, u ħadet ukoll ħafna esperjenza ttellaq ma' missiera, ħutha u ħbieb fuq 'Elusive', wieħed mill-aħjar timijiet Maltin fuq id-dgħajjes il-kbar. Ħadet sehem ukoll fi tmien edizzjonijiet tat-tellieqa prestiġġjuża internazzjonali l-'Middle Sea Race' fejn l-ekwipaġġ tal-Elusive irnexxielu jispicca t-tielet fl-2008.

Il-bilanċ bejn ix-xogħol u t-taħriġ fl-ibburdjar mhuwiex faċli. It-Taħriġ jikkonsisti minn ħin fuq l-ilma kif ukoll fil-gym. Il-maġġoranza tat-taħriġ bid-dgħajjes iż-żgħar, il-'lasers' fuq l-ilma jseħħ fi tmiem il-ġimgħa, imma grazzi għall-iskema imnedija mill-Gvern u l-KMS, Maya tista' tittrejnja disa' sigħat oħra fil-ġimgħa bħala atleta nazzjonali nhar ta' Erbgħa filgħodu kif ukoll it-Tlieta jew il-Ħamis wara nofs in-nhar. Minbarra f'hekk, Maya tattendi l-gym tal-KMS stess Tal-Qroqq, wara nofs in-nhar nhar ta' Tnejn, Tlieta jew il-Ħamis u l-Ġimgħa. Dan it-taħriġ intensiv huwa bil-għan li Maya ttejjeb l-wirjiet u r-riżultati tagħha.



Maya Podesta (Ibburdjar)


William Chetcuti (Sparar)

"Nirringrazzja lill-Kunsill Malti għall-iSport tal-għajnuna li dejjem tani biex nilħaq l-għanjiet tiegħi" **- William Chetcuti (Sparar)**

Twieled fis-7 ta' Jannar 1985, u jaħdem bħala xufier mal-Kunsill Malti għall-iSport u qiegħed jiġi mgħejjun biex jipprattika full time l-isport tal-isparar. Ilu li beda jipprattika l-isparar sa minn meta kellu 10 snin mal-Malta Shooting Sport Federation u minn hemm bdiet karriera li ħalliet diversi riżultati fis-sezzjoni tad-Double Trap.

William iddebutta fix-xena internazzjonali fis-sena 2001, fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar ta' San Marino, fejn hemmhekk rebaħ l-ewwel midalja tal-fidda, u f'Settembru ta' l-istess sena, rebaħ il-midalja tad-Deheb fil-Mediterranean Shooting Championships organizzati f'Malta stess. Fl-2002 William ippartecipa u rebaħ midalja tal-Bronz fil-Logħob tal-Commonwealth ġewwa r-Renju Unit, u Fidda fil-European Championships li saru l-Italja. Fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru Malta fl-2003, William kiseb il-midalja tad-deheb, filwaqt li fil-European Championships organizzati r-Repubblika Ċeka, William ikklassifika fir raba' post. Fis sena 2004, William tejjeb ir-riżultati preċedenti kollha tiegħu u f'Nicosia, ġewwa Ċipru, waqt il-European Championships kiser ir-rekord dinji ta' 146 plattina minn 150 u rekord Ewropew ta' 192 minn 200, fejn ukoll rebaħ midalja tad-deheb. Wara ftit ġimgħat, William kiseb midalja oħra tad-deheb fl-International Junior Grand Prix. F'din l-istess sena William kiseb id-disa' post meta rrappreżenta lil Malta fl-Olimpijadi t'Ateni. Fl-2005 William kompla b'żewġ midalji tad-deheb oħra: waħda fil-Ġermanja fil-World Juniors Championships; u l-oħra fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar ta' Andorra. Ftit ġimgħat wara intgħażel biex jikkompeti fil-Logħob tal-Mediterran li saru f'Almeria b'kisba ta' midalja tal-Bronż, filwaqt li f'Lulju, 2005, rebaħ il-fidda fil-Juniors ta' Belgrade. Ftit wara, fl-ISSF World Cup f'Belgrad, William kiseb midalja tal-Fidda, waqt li ppartecipa wkoll fl-ISSF World Cup tal-Brazil. F'Novembru kkwalifika għall-ISSF World Cup Finals f'Dubai fejn ikklassifika fir-raba' post fost l-aqwa double trap shooters tad-dinja.

Fl-2006, rebaħ midalja tal-Bronze fil-Melbourne Commonwealth Games u fis-snin 2006, 2007, u 2008 ippartecipa fl-ISSF European and World championships. F'Awwissu 2008, fl-Olimpijadi ta' Beijing William ġie fit-tmien post, l-aqwa pożizzjoni li qatt kiseb atleta Malti f'Logħob Olimpiku f'kull dixxiplina sportiva. Fl-2008 ukoll kiseb is-sitt post fl-ISSF European Championships f'Ċipru.

Apparti dan kollu, fl-2005 u fl-2008 William ingħata l-Platinum Award mill-Kumitat Olimpiku Malti, filwaqt li fis-snin 2003,2004, 2005, 2006 u 2008 William kien ivvutat l-iSportiv tas-Sena.

F'Jannar 2009, waqt attività speċjali, William Chetcuti ingħata rikonoxximent mill-Kunsill Malti għall-iSport talli ddistingwa ruħu fil-kamp sportiv matul is-sena li għaddiet. Fl-istess attività, Chetcuti rringrazzja lill-KMS talli dejjem għenu biex jilħaq l-għanijiet tiegħu.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

WasteServ Malta Ltd

# L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM








**Issa li l-faċilità ta' Sant' Antnin għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (*Material Recovery Facility*) qegħdha topera, beda jiġi pproċessat fih l-iskart riċiklabbli bħal Karta, Plastik, u Metall. L-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.**

## ISSA JMISS LILEK LI TAGĦMEL IL-BIĊĊA TIEGĦEK U TIBDA TISSEPARA L-ISKART!

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Lotus SPA Gym Aerobics Classes powered by Kellogg's Special K

## *Cereal bar range to fuel regular exercise regime*



As the Kellogg's Special K sponsorship arrangement the Lotus Spa Gym at Le Méridien St Julians Hotel & Spa enters its second month, the focus is on specific exercise regimes that can produce results.

For those who frequent the Lotus Spa Gym are not just aiming to keep fit, but perhaps seeking to de-stress, let off anger and frustration, working on specific parts of their body or building up for a specific event. And having the nutrition their body needs at the right quantities ensures that they get the performance they need.

The Kellogg's Special K promotion has been well received by patrons of the Lotus Gym, with the full range of cereal bars available.

"The nutritional benefits of Kellogg's Special K cereal bars ensure that anyone undergoing an aerobics class at the Lotus Gym will get a much-needed balanced intake of just what the body needs," a Kellogg's spokesman said. "We are pleased with the way our cereal bars have been accepted by the clients since this is all part of a healthy lifestyle."

No fewer than 11 different classes are offered, with a choice of times to suite the busy schedules of the different participants. The peak times are the morning and 7 p.m., with a different class being held practically every day.

Monday is the most popular day of the week, with no fewer than four classes as members strive to work off those extra calories put on at the weekend. First off is Cardio Fun – Hilo aerobics, including three blocks of aerobic choreography guaranteed to burn fat at high energy levels. The class is open to all levels as one can work at either high or low intensity.

Next comes one of three yoga classes held throughout the week at different times with a certified yoga instructor, who teaches the subject in its ancient and traditional purity within a modern scientific framework. The instructor believes that yoga is for everyone, no matter their age or limitations, and enjoys customising classes to accommodate a variety of conditions.

Yoga poses, linked with the flow of breath, will create strength, flexibility, endurance, and balance in your body, helping to improve your health and eliminate aches and pains. Each class ends with guided deep relaxation that allows you to let go of stress and find inner peace and vitality.

The evening session starts with circuit training, followed by B.L.T. (body conditioning). Circuit training is short bursts of resistance exercise with frequent repetitions. Each exercise is followed by another exercise targeting a different muscle group.

In some of the exercises moderate weights are used while in others your own body weight is used. Because the exercises switch between muscles groups, no rest is needed in between. This gets the heart rate up, which usually doesn't happen during resistance exercise only.

The BLT workout is designed to build core strength and get toned as you work upper and lower body using hand weights and your own bodyweight. Excellent visible results are obtained as the body tones and gets stronger without bulking.

Another morning session is Tone & Step. This is a fat burning workout using the step, then conditioning to tone and shape the body.

Different instructors conduct each session so their character and motivation of the participants animates the class. "Our classes are well attended and it is great to see the benefits gained from the different exercise regimes," Ruth Spiteri, Lotus Gym manager, said. "The timings also ensure that people can fit a class in their busy schedules."

More details on the other classes offered at the Lotus Gym will be given in next month's article.

**COMPETITION**

Win 3 months membership at the Lotus SPA Gym

**Answer correctly to the question below and you can win a 3 month membership card:**

What is circuit training?

*Send your answer by email to sportivmalta@yahoo.com by the 20th of June 2009.*

The winner will be contacted by return email.

Winner for the April Issue of Sportiv is Romina Seychell - Iklin

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA
Le Méridien St Julians Hotel + Spa 39, Main Street, Balluta Bay, St Julians, Malta STJ1017
T - (356) 2311 0000 W - lemeridienmalta.com Room reservations at reslmsj@lemeridien.com


campina
YAZOO
milk drink
The fun of growing!
476ml (500g) ℮

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

**Recently at the Corinthia Palace in Attard, you organised the first MASEM seminar. What is MASEM and what was the seminar about?**

MASEM stands for the Maltese Association of Sports and Exercise Medicine. The Association was formed last year and I am its first president. This association aims to promote sports and exercise medicine within our country and to aid in the education of future practitioners in the specialty. The executive is formed by a group of hard working medical doctors who have SEM at heart. Membership is open to all medical and paramedical personnel who have a special interest in sports. This was the first in what I hope will be a long series of educational seminars. Other keynote speakers at the seminar included Dr. Lucienne Attard, Dr. Aaron Formosa, Mr. Ivan Esposito, Dr. David Attard and Mr. John Xerri de Caro. An open discussion followed and the issues of the proper regularisation of all individuals that work in sports and the importance of regular physical activity at schools and in the community were discussed in depth. This seminar was supported by the Malta Institute of Cultural Studies (MIOCS).

**So what exactly is sports and exercise medicine?**

Most people presume that SEM involves only the treatment of injuries, but they could not be more wrong. SEM is a multidisciplinary speciality that incorporates various medical and paramedical aspects such as exercise prescription, injury prevention and treatment, fitness training, rehabilitation, nutrition, doping, psychology, sports science, biomechanics and many more. Obviously nobody can be an expert in all fields and that is why that this specialty involves a lot of networking between various professionals such as the sports doctor, the cardiologist, the physiotherapist, the coach etc... Obviously you tend to have a key person that coordinates everything and this is usually the sports doctor.




Dr. Micallef Stafrace and Dr. Joseph Cassar addressing the attendees

**How healthy is sports medicine in Malta? Do you get enough assistance from the respective authorities?**

At the moment sports medicine is enjoying some exciting times. The Parliamentary Secretary for Health, Hon. Dr. Joe Cassar, and his counterpart in Sport, Hon. Clyde Puli, have shown a keen interest in this speciality and have realised its importance. We know that in Malta there is a major obesity problem. Regular exercise is a possible adjunct to the treatment. But that is not the only problem. Maltese are amongst the least physically active people in the whole of Europe with the consequent health problems. We have to address these before it is too late. I was also pleased that the Kunsill Malti għall-iSport announced some months ago the imminent setting up of a national anti-doping agency as the need is dire. Not because there is a massive abuse of drugs in sport but rather because there is a lot of ignorance on the subject and one of the major jobs of this agency will be to educate.

**You are also an elected member of the European Federation of Sports Medicine Associations (EFSMA), how did this come about and does it help the local scenario?**

For a number of years I have been representing Malta in overseas conferences and meetings and presented documents on various topics. The current Secretary General of EFSMA asked me to contest the election for the single post available in 2005. I was one of 7 candidates, the others hailing from sports powerhouses such as Hungary, France, Poland and Greece. Imagine my surprise when I go elected on the first count. It has been a wonderful experience being in the midst of where all the European sports medicine changes are initiated. For us in Malta, nothing can substitute networking with other countries and my position has helped this by no little means. MASEM is fortunate to have an executive formed from doctors with contacts all over the world. This augurs well for the future of MASEM and SEM in Malta.



# REFLEX FITNESS CENTRE

Radisson SAS HOTELS & RESORTS

TeamSport

## RADISSON SAS BAY POINT RESORT - ST.JULIAN' S







Take advantage of our unbelievable offers during the month of June and look great this summer!

**Get up to 50% off when you buy any 2 memberships in June**

OR

**Get 2months FREE, when purchasing a 6 month membership**

TERMS AND CONDITIONS APPLY

Let our qualified personal trainers get you into great shape this summer, whilst enjoying fantastic sea views and a state of the art gym immersed in natural light. Benefit from the use of the fully equipped gym, indoor heated pool, sauna, jacuzzi, 2 tennis courts, changing rooms, lockers, free towels and ample free parking.

The Reflex Fitness Center, situated at The Radisson SAS Hotel in St.Julian's, has recently been extended. For the comfort of our clients, the venue has been equipped with a new air conditioning system.

## Competition

Answer the following question correctly and 3 lucky winners will each win a ONE MONTH MEMBERSHIP.
Closing date is 15th June 2009

How many cardio machines are there at Reflex Fitness Centre?

*Send your answer by email to sportivmalta@yahoo.com*
*The winner will be contacted by return email.*

Tel: 2375 1145 - Mob: 9989 7818 - Email: reflexgym@onvol.net

# Sun Awareness

Gvern ta' Malta
Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika
Ministeru għall-Politika Soċjali

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5A, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

Dr. Charmaine Gauci MD, MSc, PhD, FRSPH
Director Health Promotion and Disease Prevention

In our quest for living healthier lives through being more physically active, we need to take into consideration our exposure to the sun, especially in a country where we have sunny days all the year round. We need to take a few precautions so that we can enjoy our sport or physical activity outdoors to the maximum, and actually take advantage of the Mediterranean mild weather we enjoy.

The skin is the outer covering of the body. It is the body's largest organ, and its primary functions are to protect the body against heat, light, injury and infection; to store water, fat, and vitamin D; and to regulate the body's temperature.

The principal cause of skin cancer is overexposure to sunlight, especially when it results in sunburn and blistering. In fact, **avoiding exposure to the sun is the best defence against skin cancer.** Catching problems early provides a better chance for successful treatment.

Melanoma most often appears on fair-skinned men and women, but people with other skin types can be affected. Persons with certain characteristics may be at an increased risk for melanoma. These include having blond or red hair, blue eyes, fair complexion, family history of melanoma, a changed or changing mole, and having freckles. The amount of time spent unprotected in the sun directly affects your risk of skin cancer.

Symptoms of melanoma may include:

* change in the size, shape, or colour of a mole
* oozing or bleeding from a mole
* a mole that feels itchy, hard, lumpy, swollen, or tender to the touch.

Because most malignant melanoma cells still produce melanin, melanoma tumours are often shaded brown or black. Melanoma can also appear on the body as a new mole. Men most often develop melanoma on the area of the body between the shoulders and hips, or on the head or neck. Women most often develop melanoma on the arms and legs. However, melanoma can spread quickly to other parts of the body through the lymph system, or through the blood. Like most cancers, melanoma is best treated when it is diagnosed early.

Tanning is the skin's response to UV light -- a protective reaction to prevent further injury to the skin from the sun. However, it does not prevent skin cancer.




**Ultraviolet (UV) Index**

The Meteorological Office at the Malta International Airport provides the ultraviolet index alongside the weather forecast. The Index is a forecast that estimates the amount of ultraviolet radiation that will reach the earth's surface - providing important information to help you prevent overexposure to the sun's rays.
The Index predicts UV intensity levels on a scale of 0 to 10+, where 0 indicates a minimal risk of overexposure and 10+ means a very high risk. The UV Index takes into account clouds and other local conditions that affect the amount of UV radiation reaching the ground in different countries.

| UV Index Number | Exposure Level |
|---|---|
| 0 to 2 | Minimal |
| 3 to 4 | Low |
| 5 to 6 | Moderate |
| 7 to 9 | High |
| 10+ | Very High |

The following recommendations help reduce the risk of sunburn and skin cancer.

1. Minimize exposure to the sun at midday -- between the hours of 11 a.m. and 3 p.m.
1. Apply sunscreen, with at least a SPF-15 or higher that protects against both UVA and UVB rays, to all areas of the body that are exposed to the sun.
1. Reapply sunscreen every two hours, even on cloudy days. Reapply after swimming or perspiring.
1. Wear clothing that covers the body and shades the face. Hats should provide shade for both the face and back of the neck. Wearing sunglasses will reduce the amount of rays reaching the eye by filtering as much as 80 percent of the rays, and protecting the lids of our eyes as well as the lens.

Remember, sand and pavements reflect UV rays even under the umbrella. For people who love skiing, remember snow is also a particularly good reflector of UV rays. Reflective surfaces can reflect up to 85 percent of the damaging sunrays.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the ball u irbaħ

## Kit ta' Marsaxlokk F.C.



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2009.

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Kit ta' Marsaxlokk F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru.25

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 25 huwa: Maria Mifsud - Floriana**



# SPORTIV Kriss-Kross



## IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN
DRAGONARA RESORT
Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2009: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 25



Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 25 ta' April 2009 huwa: Steve Decesare (Swieqi)

### MIMDUDIN

1) Is-sewwieq Ġermaniż tar-Red Bull fil-Formula 1 (6)
5) Borg, champion Malti tas-Snooker għad-disa' darba (4)
7) Attakkant Niġerjan ta' Qormi FC (7)
8) Noel Badacchino, rebbieħ tat-Tazza l-….. (5)
10) Francesca u Martina, l aħwa fl-Atletika (6)
12) Mingħajru ma tidħolx għall-avveniment sportiv (7)
14) Damien, kowċ nazzjonali Malti tar-Rugby (5)
16) L-iswed u l-….., il-kuluri ta' Hibernians FC (5)
17) Tore Andre …, ex-footballer Norveġiż (3)
18) Fabian…, reserve goalkeeper ta' Arsenal FC (3)
19) Tiftakruh it-tim 'tal-ħolm' tal-Basketball? (5)
21) "The Six …….", tournament famuż tar-Rugby (7)
25) Micallef Stafrace, l-espert mediku fl-iSport (6)
27) James de l'…., iż-żiemel rebbieħ ta' 4 Mimdudin (4)
28) Muhammad Ali jew Cassius …. (4)
29) Paul, il-mibki skipper fl-ibburdjar Malti (6)
30) Olimpjadi tas-Sajf jew tax-….. (5)

### WEQFIN

2) Camilleri, referee internazzjonali tas-Snooker (5)
3) Zoran, plejer ta' Hamrun Spartans FC (7)
4) …… Skating, sports artistiku indoor fuq is-silġ (6)
5) Difensur ċentrali ta' Liverpool FC (5)
6) Xavier Hernández Creus ta' Barcellona, fil-qosor (4)
9) Zibi, eks plejer ta' Roma u Juventus (6)
11) It-tim tal-Formula 1 ta' Jensen Button (5)
13) Phil, 14-il darba champion tad-dinja tad-Darts (6)
15) Footballer Braziljan 'mimli mħabba' (4)
17) Jistgħu jkunu kwarti jew semi (6)
18) "Games of the …. States of Europe", Ċipru 2009 (5)
20) Plejer xellugi Spanjol ta' Liverpool (5)
22) Supporters għat-Taljani (6)
23) Kobe, ta' Los Angeles Lakers fl-NBA (6)
24) Puli, Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sports (5)
25) Pullu Demanuele "l-….", ex-plejer ta' Floriana FC (4)
26) "Retained …." tal-MFA trid issir sa l-aħħar ta' Novembru (4)




Seasonal memberships at €299 per person inclusive of free parking, 10% discount at Quadro and Palio's Restaurants and 20% discount from the Sun Bed Menu. One Child will also enter the Reef Club free of charge when accompanied with two adult seasonal members.

Thirty Day, Seven Day and Daily memberships are also available for you to relax and renew this Summer!

Reserve your summer fun at this exclusive venue today!

Call the Westin's Business Centre on 2374 5505 or 2138 1000 or email westin.dragonara@westin.com

**Membership now open!**
**Limited Availability.**

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

Terms and Conditions:
Free parking is available only to seasonal members at Merkanti Car Park.
10% discount at Palio's and Quadro available only to seasonal members when showing a valid membership card, and valid for lunch and dinner every day.
Limited availability. Membership excludes pool and pool deck area.

# win 5 fantastic prizes every month




**HOW TO PARTICIPATE:** Collect wrappers of Twistees, Twistees Light, Twistees Chicken, Twistees BBQ and Tastees • Take your wrappers to the Twistees outlet at Level 2, The Savoy Shopping Arcade, Republic Street, Valletta, or at the Toyota Showroom, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo • For every 5 wrappers you get 1 coupon • Fill in coupon with your personal details • Place coupon in the Twistees collection box available in both outlets ~ Malta & Gozo.




All coupons submitted for the monthly competition will also participate for the September 2009 Grand Prize.

**Draw dates:** 1st draw ~ Monday 1 June (Closing date 30 May) • 2nd draw ~ Wednesday 1 July (Closing date 30 June) • 3rd draw ~ Saturday 1 August (Closing date 31 July) • 4th draw ~ Tuesday 1 September (Closing date 31 August) • 5th draw ~ Thursday 1 October (Closing date 30 September) • September Grand Prize ~ Thursday 1 October (Closing date 30 September)

## september grand prize

TOYOTA AYGO




Look out for further details in store. You may also call **7901 5547** or visit **www.twistees.com.mt**